2.2.5. *Effett tal-aċċelerazzjoni u d-deċelerazzjoni tal-vetturi*

Qabel u wara l-qsim tat-triq bid-dwal tat-traffiku u r-roundabouts, għandha tiġi applikata korrezzjoni għall-effett ta' aċċelerazzjoni u deċelerazzjoni kif deskritt hawn taħt.

It-termini ta' korrezzjoni għal storbju tat-tidwir, $\Delta L_{WR,acc,m,k}$, u għal storbju tal-propulsjoni, $\Delta L_{WP,acc,m,k}$, huma funzjonijiet lineari tad-distanza x (f'm) tas-sors puntiformi għall-eqreb intersezzjoni tal-linja ta' sors rispettiva ma' linja ta' sors oħra. Huma attribwiti għall-baned ta' ottava kollha bl-istess mod:

$$\Delta L_{WR,acc,m,k} = C_{R,m,k} \times \mathrm{Max}\left(1 - \frac{|x|}{100}; 0\right) \tag{2.2.17}$$

$$\Delta L_{WP,acc,m,k} = C_{P,m,k} \times \mathrm{Max}\left(1 - \frac{|x|}{100}; 0\right) \tag{2.2.18}$$

Il-koeffiċjenti $C_{R,m,k}$ u $C_{P,m,k}$ jiddependu mit-tip ta' salib it-toroq k (k = 1 għal qsim bid-dwal tat-traffiku; k = 2 għal roundabout) u jingħataw għal kull kategorija ta' vetturi. Il-korrezzjoni tinkludi l-effett tal-bidla fil-veloċità meta wieħed joqrob jew jitbiegħed minn qsim jew roundabout.

Kun af li f'distanza $|x| \geq 100$ m, $\Delta L_{WR,acc,m,k} = \Delta L_{WP,acc,m,k} = 0$.

2.2.6. *L-effett tat-tip ta' superfiċje tat-triq*

Prinċipji ġenerali

Għal superfiċji tat-triq bi proprjetajiet akustiċi differenti minn dawk tas-superfiċje ta' referenza, għandu jiġi applikat terminu ta' korrezzjoni spettrali kemm għal storbju tat-tidwir kif ukoll għal storbju tal-propulsjoni.

It-terminu ta' korrezzjoni tas-superfiċje tat-triq għall-emissjoni ta' storbju tat-tidwir jinkiseb hekk:

$$\Delta L_{WR,road,i,m} = \alpha_{i,m} + \beta_m \times \lg\left(\frac{v_m}{v_{ref}}\right) \tag{2.2.19}$$

fejn

$\alpha_{i,m}$ hija l-korrezzjoni spettrali f'dB bil-veloċità ta' referenza v_{ref} għal kategorija m (1, 2 jew 3) u banda spettrali i.

β_m huwa l-effett tal-veloċità fuq it-tnaqqis tal-istorbju tat-tidwir għal kategorija m (1, 2 jew 3) u hija identika għall-baned kollha ta' frekwenzi.

It-terminu ta' korrezzjoni tas-superfiċje tat-triq għall-emissjoni ta' storbju tal-propulsjoni jinkiseb hekk:

$$\Delta L_{WP,road,i,m} = \min\{\alpha_{i,m};0\} \tag{2.2.20}$$

Superfiċji assorbenti jnaqqsu l-istorbju tal-propulsjoni, filwaqt li superfiċji mhux assorbenti ma jżiduhx.

L-effett taż-żmien fuq il-proprjetajiet ta' storbju tas-superfiċje tat-triq

Il-karatteristiċi tal-istorbju tas-superfiċji tat-triq ivarjaw maż-żmien u skont il-livell ta' manutenzjoni, b'tendenza li jsiru iktar storbjużi maż-żmien. F'dan il-metodu, il-parametri tas-superfiċje tat-triq jitqiesu rappreżentattivi għall-prestazzjoni akustika tat-tip ta' superfiċje tat-triq wara li tittieħed medja matul il-ħajja rappreżentattiva tiegħu u bis-suppożizzjoni ta' manutenzjoni xierqa.

▼M2

2.3. **Storbju tal-ferroviji**

2.3.1. *Deskrizzjoni tas-sors*

Klassifikazzjoni tal-vetturi

Definizzjoni ta' vettura u ferrovija

Għall-finijiet ta' dan il-metodu ta' kalkolu tal-istorbju, vettura hija ddefinita bħala kwalunkwe subunità ferrovjarja waħda ta' ferrovija (normalment lokomotiva, kowċ awtopropulsiva, kowċ miġbud jew vagun tal-merkanzija) li tista' titmexxa b'mod indipendenti u tista' tinqala' mill-bqija tal-ferrovija. Jistgħu jseħħu ċerti ċirkustanzi speċifiċi għal subunitajiet ta' ferrovija li huma parti minn sett li ma jinqalax, eż. li jaqsmu bogie bejniethom. Għall-fini ta' dan il-metodu ta' kalkolu, dawn is-subunitajiet kollha ddaħħlu fi grupp wieħed ta' vetturi.

Għall-fini ta' dan il-metodu ta' kalkolu, ferrovija tikkonsisti f'sensiela ta' vetturi abbinati.

It-Tabella [2.3.a] tiddefinixxi lingwa komuni biex tiddeskrivi t-tipi ta' vetturi inklużi fid-database tas-sorsi. Tippreżenta d-deskritturi rilevanti li jridu jintużaw sabiex il-vetturi jiġu kklassifikati bis-sħiħ. Dawn id-deskritturi jikkorrispondu għall-proprjetajiet tal-vettura, li jaffettwaw il-potenza akustika direzzjonali għal kull metru tal-linja ta' sors ekwivalenti mmudellata.

In-numru ta' vetturi għal kull tip għandu jiġi stabbilit fuq kull waħda mis-sezzjonijiet tal-binarji għal kull wieħed mill-perjodi ta' żmien li jridu jintużaw fil-kalkolu tal-istorbju. Għandu jingħata bħala numru medju ta' vetturi fis-siegħa, li jrid jinkiseb billi jinqasam in-numru totali ta' vetturi li jivjaġġaw f'perjodu ta' żmien partikolari bid-durata f'sigħat ta' dan il-perjodu ta' żmien (eż. 24 vettura f'4 sigħat ifissru 6 vetturi fis-siegħa). Għandhom jintużaw it-tipi kollha ta' vetturi li jivvjaġġaw fuq kull sezzjoni tal-binarji.

Tabella [2.3.a]

Klassifikazzjoni u deskritturi għal vetturi ferrovjarji

Numru	**1**	**2**	**3**	**4**
Deskrittur	**Tip ta' vettura**	**Numru ta' fusien għal kull vettura**	**Tip ta' brejk**	**Kejl tar-rota**
Spjegazzjoni tad-deskrittur	Ittra li tiddeskrivi t-tip	In-numru proprju ta' fusien	Ittra li tiddeskrivi t-tip ta' brejk	Ittra li tiddeskrivi t-tip ta' miżura ta' tnaqqis tal-istorbju
Deskritturi possibbli	**h** vettura b'veloċità għolja (> 200 km/h)	**1**	**c** blokka tal-ħadid fondut	**n** ebda miżura
	m kowċijiet tal-passiġġiera awtopropulsivi	**2**	**k** blokka tal-metall kompost jew sinter	**d** smorzaturi

▼**M2**

Numru	**1**	**2**	**3**	**4**
Deskrittur	**Tip ta' vettura**	**Numru ta' fusien għal kull vettura**	**Tip ta' brejk**	**Kejl tar-rota**
Spjegazzjoni tad-deskrittur	Ittra li tiddeskrivi t-tip	In-numru proprju ta' fusien	Ittra li tiddeskrivi t-tip ta' brejk	Ittra li tiddeskrivi t-tip ta' miżura ta' tnaqqis tal-istorbju
	p kowċijiet tal-passiġġiera miġbuda	**3**	**n** brejkijiet mhux ta' fuq wiċċ ir-rota, bħal disk, tanbur, manjetiċi	**s** skrins
	c tram tal-ibliet jew metrokowċ ħafifa awtopro-pulsiva u mhux awtopropulsiva	**4**		**o** oħrajn
	d loko bid-diżil	eċċ.		
	e loko elettrika			
	a kwalunkwe vettura ġene-rika tal-merkanzija			
	o oħrajn (jiġifieri vetturi tal-ma-nutenzjoni eċċ.)			

Klassifikazzjoni tal-binarji u struttura ta' appoġġ

Il-binarji eżistenti jistgħu jvarjaw għaliex hemm bosta elementi li jikkontribwixxu għall-proprjetajiet akustiċi tagħhom u li jikkaratterizzawhom. It-tipi ta' binarji użati f'dan il-metodu huma elenkati fit-Tabella [2.3.b] hawn taħt. Uħud mill-elementi għandhom influwenza kbira fuq il-proprjetajiet akustiċi, filwaqt li oħrajn għandhom effetti sekondarji biss. B'mod ġenerali, l-iktar elementi rilevanti li jinfluwenzaw l-emissjoni ta' storbju tal-ferroviji huma: kemm hija ħarxa l-parti tal-binarju li tmiss mar-roti, ir-riġidità tas-suletta, il-bażi tal-binarji, il-ġonot tal-ferrovija u r-raġġ tal-kurvatura tal-binarju. Inkella, jistgħu jiġu ddefiniti l-proprjetajiet ġenerali tal-binarju u, f'dan il-każ, il-ħruxija tal-parti tal-binarju li tmiss mar-roti u r-rata ta' tnaqqis tal-binarju skont ISO 3095 huma ż-żewġ parametri akustikament essenzjali, flimkien mar-raġġ tal-kurvatura tal-binarju.

Sezzjoni tal-binarju hija ddefinita bħala parti minn binarju wieħed, fuq linja ferrovjarja jew stazzjon jew depot, li fuqha ma jinbidlux il-proprjetajiet fiżiċi u l-komponenti bażiċi tal-binarju.

It-Tabella [2.3.b] tiddefinixxi lingwa komuni biex jiġu deskritti t-tipi ta' binarji inklużi fid-database tas-sors.

▼**M2**

It-Tabella [2.3.b]


Numru	**1**	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**
Deskrittur	**Baži tal-binarju**	**Ħruxija tal-parti li tmiss mal-binarju**	**Tip ta' suletta**	**Miżuri addizzjonali**	**Ġonot tal-ferroviji**	**Kurvatura**
Spjegazzjoni tad-deskrittur	Tip ta' baži tal-binarju	Indikatur tal-ħruxija	Tirrappreżenta indikazzjoni tar-riġidità 'akustika'	Ittra li tiddeskrivi l-apparat akustiku	Il-preżenza ta' ġonot u spazjar	Indika r-raġġ tal-kurvatura f'm
Kodiċijiet awtorizzati	**B** Ballast	**E** Miżuma tajjeb u lixxa ħafna	**S** Ratba (150-250 MN/m)	**N** Xejn	**N** Xejn	**N** Binarji dritti
	S Binarji bla ballast	**M** Manutenzjoni normali	**M** Medja (250 sa 800 MN/m)	**D** Smorzatur ferrovjarju	**S** Devjatur jew ġonta	**L** Ħafifa (1 000-500 m)
	L Pont bil-ballast	**N** Mhux miżuma tajjeb	**H** Riġida (800-1 000 MN/m)	**B** Ilqugħ batut	**D** Żewġ ġonot jew devjaturi kull 100 m	**M** Medja (Inqas minn 500 m u iktar minn 300 m)
	N Pont bla ballast	**B** Mhux miżuma u f'kundizzjoni ħażina		**A** Pjanċa assorbenti fuq binarju bla ballast	**M** Iktar minn żewġ ġonot jew devjaturi kull 100 m	**H** Għolja (Inqas minn 300 m)
	T Binarju inkorporat			**E** Ferrovija inkorporata		
	O Oħrajn			**O** Oħrajn		

▼M2

Numru u pożizzjoni tas-sorsi akustiċi ekwivalenti

Figura [2.3.a]

Pożizzjoni tas-sorsi ta' storbju ekwivalenti



Is-sorsi lineari ta' storbju ekwivalenti differenti jitqiegħdu f'għoli differenti u fiċ-ċentru tal-binarju. Kull għoli huwa rriferit għat-tanġent pjan għaż-żewġ superfiċji superjuri taż-żewġ binarji ferrovjarji.

Is-sorsi ekwivalenti jinkludu sorsi fiżiċi differenti (indiċi p). Dawn is-sorsi fiżiċi jinqasmu f'kategoriji differenti skont il-mekkaniżmu ta' ġenerazzjoni, u huma: 1) storbju tat-tidwir (inklużi mhux biss il-vibrazzjoni tal-ferrovija u tal-bażi tal-binarju u l-vibrazzjoni tar-rota, iżda anki, meta preżenti, l-istorbju tas-superstruttura tal-vetturi tal-merkanzija); 2) storbju ta' trazzjoni; 3) storbju ajrudinamiku; 4) storbju tal-impatt (minn qasmiet, devjaturi u ġonot); 5) storbju ta' żaqżiq u 6) storbju minħabba effetti addizzjonali bħal pontijiet u vijadotti.

1) Il-ħruxija tar-roti u l-partijiet tal-binarju li jmissu mar-roti, permezz ta' tliet mogħdijiet ta' trasmissjoni għas-superfiċji radjanti (ferroviji, roti u superstruttura), tikkostitwixxi l-istorbju tat-tidwir. Din hija allokata għal h = 0,5 m (superfiċji radjanti A) sabiex tirrappreżenta l-kontribuzzjoni tal-binarju, inklużi l-effetti tas-superfiċje tal-binarji, speċjalment binarji bla ballast (skont il-parti ta' propagazzjoni), sabiex tirrappreżenta l-kontribuzzjoni tar-roti u tirrappreżenta l-kontribuzzjoni tas-superstruttura tal-vettura għall-istorbju (f'ferroviji tal-merkanzija).

2) L-għoli tas-sors ekwivalenti għall-istorbju ta' trazzjoni jvarja bejn 0,5 m (sors A) u 4,0 m (sors B), skont il-pożizzjoni fiżika tal-komponent ikkonċernat. Sorsi bħat-trażmissjonijiet tal-gerijiet u muturi elettriċi spiss ser ikunu f'għoli tal-fus ta' 0,5 m (sors A). Luvers u żbokkijiet għat-tkessiħ jistgħu jkunu f'għoli differenti; l-egżosts tal-magna għal vetturi li jaħdmu bid-diżil spiss ikunu f'għoli tas-saqaf ta' 4,0 m (sors B). Sorsi oħrajn ta' trazzjoni bħal fannijiet jew blokok ta' magni diżil jistgħu jkunu f'għoli ta' 0,5 m (sors A) jew 4,0 m (sors B). Jekk l-għoli eżatt tas-sors huwa bejn l-ammonti ta' għoli tal-mudell, l-enerġija akustika tiġi ddistribwita b'mod proporzjonali fuq l-eqreb punti ta' għoli tas-sors li huma maġenb xulxin.

Għal din ir-raġuni, il-metodu jipprevedi żewġ punti ta' għoli tas-sors f'0,5 m (sors A), 4,0 m (sors B), u l-potenza akustika ekwivalenti marbuta ma' kull wieħed hija distribwita bejn it-tnejn skont il-konfigurazzjoni speċifika tas-sorsi fuq it-tip ta' unità.

▼**M2**

3) L-effetti tal-istorbju ajrudinamiku huma assoċjati mas-sors f'0,5 m (li jirrappreżentaw l-għata u l-paraventi, sors A), u s-sors f'4,0 m (immudellar ta' kollox fuq l-apparat tas-saqaf u l-pantografu, sors B). L-għażla ta' 4,0 m għall-effetti tal-pantografu hija magħrufa bħala mudell sempliċi, u trid tiġi kkunsidrata bir-reqqa jekk l-għan huwa li jinkiseb għoli xieraq għall-ilqugħ mill-istorbju.

4) L-istorbju tal-impatt huwa marbut mas-sors f'0,5 m (sors A).

5) L-istorbju taż-żaqżiq huwa marbut mas-sorsi f'0,5 m (sors A).

6) L-istorbju tal-pont huwa marbut mas-sors f'0,5 m (sors A).

2.3.2. *Emissjoni ta' potenza akustika*

Ekwazzjonijiet ġenerali

Vettura individwali

Il-mudell għall-istorbju mit-traffiku ferrovjarju, b'mod analogu għall-istorbju mit-traffiku fit-toroq, jiddeskrivi l-emissjoni tal-potenza akustika ta' storbju ta' taħlita speċifika ta' tip ta' vettura u tip ta' binarju li tissodisfa serje ta' rekwiżiti deskritti fil-klassifikazzjoni tal-vettura u l-binarju, f'termini ta' sett ta' potenza akustika għal kull vettura ($L_{W,0}$).

Fluss tat-traffiku

L-emissjoni ta' storbju ta' fluss tat-traffiku fuq kull binarju għandha tkun rappreżentata minn sett ta' 2 linji ta' sorsi kkaratterizzati mill-potenza akustika direzzjonali tagħha għal kull metru għal kull banda ta' frekwenzi. Dan jikkorrispondi għas-somma tal-emissjonijiet ta' ħoss meta l-vetturi individwali jgħaddu mill-fluss tat-traffiku u, fil-każ speċifiku ta' vetturi weqfin, jiġi kkunsidrat il-ħin imqatta' mill- vetturi fis-sezzjoni ferrovjarja inkwistjoni.

Il-potenza akustika direzzjonali għal kull metru għal kull banda ta' frekwenzi, dovuta għall-vetturi kollha li jgħaddu minn kull sezzjoni tal-binarju fuq it-tip ta' binarju (j), hija ddefinita:

— għal kull banda ta' frekwenzi (i),

— għal kull għoli tas-sors mogħti (h) (għal sorsi f'0,5 m h = 1, f'4,0 m h = 2),

u hija s-somma tal-enerġija tal-kontribuzzjonijiet kollha mill-vetturi kollha li jgħaddu mis-sezzjoni tal-binarju speċifika numru j. Dawn il-kontribuzzjonijiet huma:

— mit-tipi kollha ta' vetturi (t)

— fil-veloċitajiet differenti tagħhom (s)

— bil-kundizzjonijiet operattivi partikolari (veloċità kostanti) (c)

— għal kull tip ta' sors fiżiku (tidwir, impatt, żaqżiq, trazzjoni, sorsi ta' effetti addizzjonali u ajrudinamiċi bħal pereżempju storbju tal-pontijiet) (p).

Biex tiġi kkalkolata l-potenza akustika direzzjonali għal kull metru (tidħil fil-parti ta' propagazzjoni) minħabba t-taħlita medja ta' traffiku fis-sezzjoni tal-binarju numru j, tintuża din l-ekwazzjoni li ġejja:

▼M2

$$L_{W',eq,T,dir,i} = 10 \cdot \lg\left(\sum_{x=1}^{X} 10^{L_{w',eq,line,x}/10}\right) \qquad (2.3.1)$$

fejn

T_{ref} = il-perjodu ta' żmien ta' referenza li għalih jiġi kkunsidrat it-traffiku medju

x = in-numru totali ta' kumbinazzjonijiet eżistenti ta' i, t, s, c, p għal kull sezzjoni tal-binarju numru j

t = l-indiċi għat-tipi ta' vetturi fis-sezzjoni tal-binarju numru j

s = l-indiċi għall-veloċità tal-ferrovija: hemm indiċijiet daqs in-numru ta' veloċitajiet medji differenti tal-ferroviji fis-sezzjoni tal-binarju numru j

c = l-indiċi għall-kundizzjonijiet operattivi: 1 (għal veloċità kostanti), 2 (diżingranaġġ)

p = l-indiċi għat-tipi ta' sors fiżiku: 1 (għal storbju tat-tidwir u tal-impatt), 2 (żaqżiq tad-dawran), 3 (storbju ta' trazzjoni), 4 (storbju ajrudinamiku), 5 (effetti addizzjonali)

$L_{W',eq,line,x}$ = x-th il-potenza akustika direzzjonali numru x għal kull metru għal linja ta' sorsi ta' taħlita waħda ta' t, s, c, p f'kull sezzjoni tal-binarju numru j

Jekk jiġi supponut fluss kostanti ta' vetturi Q fis-siegħa, b'veloċità medja v, bħala medja f'kull waqt ser ikun hemm numru ekwivalenti ta' vetturi Q/v għal kull tul ta' unità tas-sezzjoni ferrovjarja. L-emissjoni tal-istorbju tal-fluss ta' vetturi f'termini ta' potenza akustika direzzjonali għal kull metru $L_{W',eq,line}$ (mogħtija f'dB/m (re. 10^{-12} W)) hija integrata hekk:

$$L_{W',eq,line,i}(\psi,\varphi) = L_{W,0,dir,i}(\psi,\varphi) + 10 \times \lg\left(\frac{Q}{1\,000v}\right) (\text{għal } c = 1) \qquad (2.3.2)$$

fejn

— Q huwa n-numru medju ta' vetturi fis-siegħa fis-sezzjoni tal-binarju numru j għat-tip ta' vettura t, il-veloċità medja tal-ferrovija s u l-kundizzjoni operattiva c

— v hija l-veloċità tagħhom fis-sezzjoni tal-binarju numru j għat-tip ta' vettura **t** u l-veloċità medja tal-ferrovija s

— $L_{W,0,dir}$ hija l-livell ta' potenza akustika direzzjonali tal-istorbju speċifiku (tidwir, impatt, żaqżiq, ibbrejkjar, trazzjoni, ajrudinamiku, effetti oħrajn) ta' vettura waħda fid-direzzjonijiet ψ, φ iddefiniti fir-rigward tad-direzzjoni tal-moviment tal-vettura (ara l-Figura [2.3.b]).

Fil-każ ta' sors wieqaf, bħal meta ma jkunx ingranat, jiġi supponut li l-vettura ser tibqa' għal ħin ġenerali T_{idle} f'post f'sezzjoni ta' binarju b'tul L. Għalhekk, b'T_{ref} bħala perjodu ta' ħin ta' referenza għall-valutazzjoni tal-istorbju (eż. 12-il siegħa, 4 sigħat, 8 sigħat), il-potenza akustika direzzjonali għal kull tul ta' unità fuq dik is-sezzjoni ta' binarji hija ddefinita hekk:

▼**M2**

$$L_{W',eq,line,i}(\psi,\varphi) = L_{W',0,dir,i}(\psi,\varphi) + 10 \times \lg\left(\frac{T_{idle}}{T_{ref}L}\right) \text{(għal c = 2)} \qquad (2.3.4)$$

B'mod ġenerali, il-potenza akustika direzzjonali tinkiseb minn kull sors speċifiku bħala:

$$L_{W,0,dir,i}(\psi,\varphi) = L_{W,0,i} + \Delta L_{W,dir,vert,i} + \Delta L_{W,dir,hor,i} \qquad (2.3.5)$$

fejn


— $\Delta L_{W,dir,vert,i}$ hija l-funzjoni ta' korrezzjoni tad-direttività vertikali (mingħajr dimensjoni) ta' ψ (Figura [2.3.b])

— $\Delta L_{W,dir,hor,i}$ hija l-funzjoni ta' korrezzjoni tad-direttività orizzontali (mingħajr dimensjoni) ta' φ (Figura [2.3.b]).

U fejn $L_{W,0,dir,i(\psi,\varphi)}$ wara li tiġi derivata f'baned ta' terz ta' ottava, għandha, tingħata f'baned ta' ottava permezz ta' żieda enerġetika f'daqqa ta' kull banda ta' terz ta' ottava rilevanti fil-banda ta' ottava korrispondenti.

Figura [2.3.b]:

Definizzjoni ġeometrika



Għall-fini tal-kalkoli, is-saħħa tas-sors imbagħad tiġi espressa speċifikament f'termini ta' potenza akustika direzzjonali għal kull metru tal-binarju $L_{W',tot,dir,i}$ sabiex jingħata kont lid-direttività tas-sorsi fid-direzzjoni vertikali u orizzontali tagħhom, permezz tal-korrezzjonijiet addizzjonali.

Ħafna $L_{W,0,dir,i}(\psi,\varphi)$ jiġu kkunsidrati għal kull kombinazzjoni ta' vettura-binarju-veloċità-kundizzjoni operattiva:

— għal banda ta' frekwenza ta' terz ta' ottava (***i***)

— għal kull sezzjoni tal-binarju (***j***)

— għoli tas-sors (***h***) (għal sorsi f'0,5 m h = 1, f'4,0 m h = 2)

— id-direttività (**d**) tas-sors

▼M2

Sett ta' $L_{W,0,dir,i}$ (ψ,φ) jiġi kkunsidrat għal kull taħlita ta' vettura-binarju-veloċità-kundizzjoni operattiva, kull sezzjoni tal-binarju, kull għoli li jikkorrispondi għal h = 1 u h = 2 u d-direttività.

Storbju tat-tidwir

Il-kontribuzzjoni tal-vettura u l-kontribuzzjoni tal-binarju għall-istorbju tat-tidwir huma separati f'erba' elementi essenzjali: ħruxija tar-roti, ħruxija tal-binarji, funzjoni ta' trasferiment tal-vettura għar-roti u għas-superstruttura (“vessels”) u l-funzjoni ta' trasferiment tal-binarji. Il-ħruxija tar-roti u tal-binarji jirrappreżentaw il-kawża tal-eċitazzjoni tal-vibrazzjoni fil-punt fejn jiltaqgħu l-binarju u r-rota, u l-funzjonijiet ta' trasferiment huma żewġ funzjonijiet empiriċi jew immudellati li jirrappreżentaw il-fenomeni kumplessi sħaħ tal-vibrazzjoni mekkanika u l-ġenerazzjoni ta' ħoss fuq is-superfiċji tar-rota, il-binarju, il-qsim u s-substruttura tal-binarju. Din is-separazzjoni tirrifletti l-evidenza fiżika li l-ħruxija preżenti fuq binarju tista' teċita l-vibrazzjoni tal-binarju, iżda ser teċita wkoll il-vibrazzjoni tar-rota u viċe versa. Nuqqas ta' inklużjoni ta' wieħed minn dawn l-erba' parametri jipprevjeni d-diżakkoppjar tal-klassifikazzjoni tal-binarji u l-ferroviji.

Ħruxija tar-roti u l-binarji

L-istorbju tat-tidwir huwa primarjament eċitat mill-ħruxija tal-binarji u tar-roti fil-medda tat-tul tal-mewġa minn 5-500 mm.

Definizzjoni

Il-livell ta' ħruxija L_r huwa ddefinit bħala 10 darbiet il-logaritma għall-bażi 10 tal-kwadru tal-valur kwadru medju r^2 tal-ħruxija tas-superfiċje operattiva ta' binarju jew rota fid-direzzjoni taċ-ċaqliq (livell lonġitudinali) imkejla f'µm tul ċertu tul tal-binarju jew id-dijametru sħiħ tar-rota, maqsum bil-kwadru tal-valur ta' referenza r_0^2:

$$L_r = 10 \times \lg\left(\frac{r}{r_0}\right)^2 \text{ dB} \qquad (2.3.6)$$

fejn

r_0 = 1 µm

r = r.m.s. tad-differenza ta' spostament vertikali tas-superfiċje ta' kuntatt għal-livell medju

Normalment, il-livell ta' ħruxija L_r jinkiseb bħala spettru tat-tul tal-mewġa λ u għandu jiġi kkonvertit għal spettru ta' frekwenza $f = v/\lambda$, fejn f hija l-frekwenza taċ-ċentru tal-banda ta' banda ta' terz ta' ottava partikolari f'Hz, λ hija t-tul tal-mewġa f'm, ►C1 u v hija l-veloċità tal-ferrovija f'm/s ◄. L-ispettru tal-ħruxija bħala funzjoni jinbidel fil-frekwenza tul l-assi tal-frekwenza għal veloċitajiet differenti. F'każijiet ġenerali, wara konverżjoni għall-ispettru ta' frekwenza permezz tal-veloċità, hemm bżonn li jinkisbu valuri spettrali ġodda tal-banda ta' terz ta' ottava b'medji bejn iż-żewġ baned ta' terz ta' ottava korrispondenti fid-dominju tat-tul tal-mewġa. Biex jiġi stmat l-ispettru effettiv totali tal-frekwenza tal-ħruxija li jikkorrispondi għall-veloċità xierqa tal-ferrovija, għandha tinstab medja enerġetika u proprozjonali taż-żewġ baned ta' terz ta' ottava korrispondenti ddefiniti fid-dominju tat-tul tal-mewġa.

Il-livell ta' ħruxija tal-binarju (il-ħruxija fuq l-art) għall-banda tan-numru tal-mewġa i huwa ddefinit bħala $L_{r,TR,i}$

▼M2

B'analoġija, ***il-livell ta' ħruxija tar-rota*** (il-ħruxija mal-ġenb tal-vettura) għall-banda tan-numru tal-mewġa i huwa ddefinit bħala $L_{r,VEH,i}$

Il-livell totali u effettiv tal-ħruxija għall-banda tan-numru tal-mewġa i ($L_{R,tot,i}$) huwa ddefinit bħala s-somma tal-enerġija tal-livelli ta' ħruxija tal-binarju u dik tar-rota f'limkien mal-filtru ta' kuntatt ►C1 A_3 (λ) ◄ sabiex jingħata kont lill-effett ta' filtru tal-medda ta' kuntatt bejn il-binarju u r-rota, u jingħata f'dB:

$$L_{R,TOT,i} = 10 \cdot \lg(10^{L_{r,TR,i}/10} + 10^{L_{r,VEH,i}/10}) + A_{3,i} \qquad (2.3.7)$$

fejn jiġi espress bħala funzjoni tal-banda tan-numru tal-mewġa i li tikkorrispondi għat-tul tal-mewġa λ.

Il-filtru ta' kuntatt jiddependi mit-tip ta' binarju u rota u t-tagħbija.

Fil-metodu għandha tintuża l-ħruxija effettiva totali għas-sezzjoni tal-binarju numru j u kull tip ta' vettura numru t bil-veloċità korrispondenti tiegħu v.

Funzjoni ta' trasferiment tal-vettura, il-binarju u s-superstruttura

Tliet funzjonijiet ta' trasferiment indipendenti mill-veloċità, $L_{H,TR,i}$ $L_{H,VEH,i}$ u $L_{H,VEH,SUP,i}$, huma definiti: l-ewwel waħda għal kull sezzjoni tal-binarju numru j u t-tieni tnejn għal kull tip ta' vettura numru t. Dawn jorbtu l-livell effettiv totali ta' ħruxija mal-potenza akustika tal-binarju, ir-roti u s-superstruttura rispettivament.

Il-kontribuzzjoni tas-superstruttura titqies biss għal vaguni tal-merkanzija, u għaldaqstant għat-tip ta' vettura "a" biss.

Għaldaqstant, għall-istorbju tat-tidwir, il-kontribuzzjonijiet mill-binarju u mill-vettura huma deskritti bis-sħiħ minn dawn il-funzjonijiet ta' trasferiment u mil-livell effettiv totali ta' ħruxija. Meta ferrovija ma tkunx ingranata, l-istorbju tat-tidwir għandu jiġi eskluż.

Għall-potenza akustika għal kull vettura, l-istorbju tat-tidwir huwa kkalkolat fl-għoli tal-fus, u bħala input għandu l-livell effettiv totali ta' ħruxija $L_{R,TOT,i}$ bħala funzjoni tal-veloċità tal-vettura v, il-funzjonijiet ta' trasferiment tal-binarju, il-vettura u s-superstruttura $L_{H,TR,i}$, $L_{H,VEH,i}$ u $L_{H,VEH,SUP,i}$, u n-numru totali ta' fusien N_a:

għal $h = 1$:

$$L_{W,0,TR,i} = L_{R,TOT,i} + L_{H,TR,i} + 10 \times \lg(N_a) \quad \text{dB} \qquad (2.3.8)$$

$$L_{W,0,VEH,i} = L_{R,TOT,i} + L_{H,VEH,i} + 10 \times \lg(N_a) \quad \text{dB} \qquad (2.3.9)$$


$$L_{W,0,VEHSUP,i} = L_{R,TOT,i} + L_{H,VEHSUP,i} + 10 \times \lg(N_a) \quad \text{dB} \qquad (2.3.10)$$

fejn N_a hija n-numru ta' fusien għal kull vettura għat-tip ta' vettura numru t.

▼M2

Figura [2.3.c]

Skema tal-użu tad-definizzjonijiet differenti ta' ħruxija u tal-funzjonijiet ta' trasferiment



Għandha tintuża veloċità minima ta' 50 km/h (30 km/h biss għal trams u metro ħfief) biex tinstab il-ħruxija effettiva totali u, għaldaqstant, il-potenza akustika tal-vetturi (din il-veloċità ma taffettwax il-kalkolu tal-fluss tal-vettura) biex tikkumpensa għall-iżball potenzjali mġarrab minħabba s-simplifikazzjoni tad-definizzjoni ta' storbju tat-tidwir, id-definizzjoni tal-storbju tal-brejkijiet u d-definizzjoni tal-istorbju tal-impatt minn qasmiet u devjaturi.

Storbju tal-impatt (qasmiet, devjaturi u ġonot)

L-istorbju tal-impatt jista' jiġi kkaġunat minn qasmiet, devjaturi u ġonot jew punti ferrovjarji. Jista' jvarja fid-daqs u jista' jiddomina l-istorbju tat-tidwir. L-istorbju tal-impatt għandu jiġi kkunsidrat għal binarji bil-ġonot. Għal storbju tal-impatt dovut għal devjaturi, qasmiet u ġonot f'sezzjonijiet tal-binarji b'veloċità ta' inqas minn 50 km/h (30 km/h biss għal trams u metro ħfief), peress li l-veloċità minima ta' 50 km/h (30 km/h biss għal trams u metro ħfief) tintuża biex tinkludi iktar effetti skont id-deskrizzjoni tal-kapitlu dwar l-istorbju tat-tidwir, għandu jiġi evitat immudellar. L-immudellar tal-istorbju tal-impatt għandu jiġi evitat ukoll fil-kundizzjoni operattiva $c = 2$ (diżingranaġġ).

L-istorbju tal-impatt huwa inkluż mat-terminu storbju tat-tidwir billi jiżdied (enerġetikament) livell supplimentari fittizju tal-ħruxija tal-impatt mal-livell effettiv totali ta' ħruxija fuq kull sezzjoni speċifika tal-binarju numru j, meta preżenti. F'dan il-każ għandu jintuża $L_{R,TOT+IMPACT,i}$ ġdid minflok $L_{R,TOT,i}$ biex imbagħad l-ekwazzjoni ssir:

$$L_{R,TOT+IMPACT,i} = 10 \times \lg(10^{L_{R,TOT,i}/10} + 10^{L_{R,IMPACT,i}/10}) \quad \text{dB} \quad (2.3.11)$$

$L_{R,IMPACT,i}$ huwa spettru ta' banda ta' terz ta' ottava (bħala funzjoni tal-frekwenza). Biex jinkiseb dan l-ispettru tal-frekwenza, spettru jingħata bħala funzjoni tat-tul tal-mewġa λ u għandu jiġi kkonvertit għall-ispettru meħtieġ bħala funzjoni tal-frekwenza billi tintuża r-relazzjoni $\lambda = v/f$, fejn f hija l-frekwenza taċ-ċentru tal-banda ta' terz ta' ottava f'Hz ►C1 u v hija l-veloċità tal-vettura numru s tat-tip ta' vettura numru t f'm/s ◄.

L-istorbju tal-impatt ser jiddependi mis-severità u n-numru ta' impatti għal kull tul ta' unità jew densità tal-ġonot, u b'hekk, f'każ li jingħataw bosta impatti, il-livell ta' ħruxija tal-impatt li jrid jintuża fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

▼M2

$$L_{R,IMPACT,i} = L_{R,\ IMPACT\ -\ SINGLE,i} + 10 \times \lg\left(\frac{n_l}{0{,}01}\right) \quad \text{dB} \qquad (2.3.12)$$

fejn $L_{R,IMPACT–SINGLE,i}$ hija l-livell ta' ħruxija tal-impatt kif mogħti għal impatt wieħed u n_l hija d-densità tal-ġonot.

Il-livell prestabbilit ta' ħruxija tal-impatt jingħata għal densità tal-ġonot n_l = 0,01 m $^{-1}$, jiġifieri ġonta waħda għal kull binarju ta' 100 m. Sitwazzjonijiet b'numri differenti ta' ġonot għandhom jiġu stmati billi tiġi aġġustata d-densità tal-ġonot n_l. Ta' min jinnota li meta jiġu mmudellati t-tifsila u s-segmentazzjoni tal-binarji, id-densità tal-ġonot tal-binarju għandha tiġi kkunsidrata, jiġifieri jista' jkun hemm bżonn li jittieħed segment tas-sors separat għal medda ta' binarju b'iktar ġonot. Il-$L_{W,0}$ ta' binarju, rota/bogie u l-kontribuzzjoni tas-superstruttura jiżdiedu permezz tal-$L_{R,IMPACT,i}$ għal +/– 50 m qabel u wara l-ġonta ferrovjarja. Fil-każ ta' serje ta' ġonot, iż-żieda tiġi estiża għal bejn – 50 m qabel l-ewwel ġonta u + 50 m wara l-aħħar ġonta.

Normalment, l-applikabbiltà ta' dawn l-ispettri tal-potenza akustika trid tiġi vverifikata fuq il-post.

Għal binarji bil-ġonot, għandha tintuża prestabbilita n_l ta' 0,01.

Żaqżiq

Iż-żaqżiq tad-dawran huwa sors speċjali rilevanti biss għall-kurva u, għalhekk, huwa lokalizzat. Peress li tista' tkun sinifikanti, hemm bżonn ta' deskrizzjoni xierqa. Żaqżiq tad-dawran ġeneralment ikun jiddependi fuq il-kurvatura, il-kundizzjonijiet ta' frizzjoni, il-veloċità tal-ferrovija u l-ġeometrija u d-dinamika tal-binarju-rota. Il-livell ta' emissjoni li jrid jintuża huwa stabbilit għal kurvi b'raġġ ta' 500 m jew inqas għal kurvi iktar impenjattivi u liwjiet li jinbtu ta' punti b'raġġi ta' inqas minn 300 m. L-emissjoni tal-istorbju għandha tkun speċifika għal kull tip ta' materjal fuq ir-roti, peress li ċerti tipi ta' roti u bogies jistgħu jkunu ferm inqas suxxettibbli għal żaqżiq minn oħrajn.

Normalment, l-applikabbiltà ta' dawn l-ispettri tal-potenza akustika għandha tiġi vverifikata fuq il-post, speċjalment fil-każ tat-trams.

B'approċċ sempliċi, l-istorbju taż-żaqżiq għandu jiġi kkunsidrat billi jiżdiedu 8 dB għal R < 300 m u 5 dB għal 300 m < R < 500 m mal-ispettri tal-potenza akustika tal-istorbju tat-tidwir għall-frekwenzi kollha. Għandha tiġi applikata kontribuzzjoni speċjali fuq is-sezzjonijiet tal-binarji ferrovjarji meta r-raġġ ikun fil-meded imsemmijin iktar 'il fuq għal tul minimu tal-binarju ta' 50 m.

Storbju tat-trazzjoni

Għalkemm l-istorbju tat-trazzjoni ġeneralment ikun speċifiku għal kull kundizzjoni operattiva karatteristika fost il-veloċità kostanti, id-deċelerazzjoni, l-aċċelerazzjoni u d-diżingranaġġ, l-uniċi żewġ kundizzjonijiet immudellati huma l-veloċità kostanti (li hija valida wkoll meta l-ferrovija tkun qed tiddeċelera jew meta tkun qed taċċelera) u d-diżingranaġġ. Is-saħħa tas-sors immudellata tikkorrispondi biss għall-kundizzjonijiet massimi ta' tagħbija u dan jirriżulta fil-kwantitajiet $L_{W,0,const,i}$ = $L_{W,0,idling,i}$. Barra minn hekk, $L_{W,0,idling,i}$ tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tas-sorsi fiżiċi kollha ta' vettura partikolari attribwibbli għal għoli speċifiku, kif spjegat fi 2.3.1.

▼M2

$L_{W,0,idling,i}$ tingħata bħala sors statiku ta' storbju fil-pożizzjoni ta' diżingranaġġ, għad-durata tal-kundizzjoni ta' diżingranaġġ, u li trid tintuża bħala sors puntiformi fiss kif spjegat fil-kapitlu li ġej għall-istorbju industrijali. Għandha tiġi kkunsidrata biss jekk il-ferroviji jkunu diżingranati għal iktar minn nofs siegħa.

Dawn il-kwantitajiet jistgħu jew jinkisbu mill-kejl tas-sorsi kollha f'kull kundizzjoni operattiva, jew inkella s-sorsi parzjali jistgħu jiġu kkaratterizzati b'mod individwali, sabiex tiġi ddeterminata d-dipendenza tal-parametri u s-saħħa relattiva tagħhom. Dan jista' jsir permezz ta' kejl fuq vettura wieqfa, billi jiġu varjati l-veloċitajiet tax-xaft tat-tagħmir ta' trazzjoni, billi jiġi segwit l-ISO 3095:2005. Sa fejn rilevanti, bosta sorsi ta' storbju tat-trazzjoni jridu jiġu kkaratterizzati u jista' jkun li mhux kollha jkunu direttament dipendenti fuq il-veloċità tal-ferrovija:

— Storbju mis-sistema tal-motopropulsjoni, bħal magni diżil (inklużi bokka, egżost u blokka tal-magna), trażmissjoni tal-gerijiet, ġeneraturi elettriċi, fil-parti l-kbira dipendenti fuq il-veloċità ta' dawriet tal-magna fil-minuta (rpm), u sorsi elettriċi bħal konverturi, li jistgħu jkunu jiddependu fil-parti l-kbira fuq it-tagħbija;

— Storbju minn fannijiet u sistemi ta' tkessiħ, li jiddependu mill-rpm tal-fannijiet; f'ċerti każijiet il-fannijiet jistgħu jiġu abbinati direttament mad-driveline;

— Sorsi intermittenti bħal kumpressuri, valvi u oħrajn b'durata karatteristika ta' operazzjoni u korrezzjoni taċ-ċiklu tat-tħaddim korrispondenti għall-emissjoni ta' storbju.

Peress li kull wieħed minn dawn is-sorsi jista' jġib ruħu b'mod differenti f'kull kundizzjoni operattiva, l-istorbju tat-trazzjoni għandu jiġi speċifikat kif xieraq. Is-saħħa tas-sors tinkiseb minn kejl li jsir f'kundizzjonijiet ikkontrollati. B'mod ġenerali, il-lokomotivi għandhom tendenza li juru varjazzjoni ikbar fit-tagħbija peress li n-numru ta' vetturi mgħobbijin u, għalhekk, il-produzzjoni tal-enerġija, jistgħu jvarjaw b'mod notevoli, filwaqt li formazzjonijiet ferrovjarji fissi bħal unitajiet motorizzati elettriċi (EMUs), unitajiet motorizzati diżil (DMUs) u ferroviji b'veloċità għolja għandhom tagħbija definita aħjar.

Ma hemm ebda attribuzzjoni a priori tal-potenza akustika tas-sors għall-għoli tas-sors, u din l-għażla għandha tkun tiddependi mill-istorbju speċifiku u l-vettura vvalutata. Għandha tiġi mmudellata fis-sors A (h = 1) u fis-sors B (h = 2).

S t o r b j u a j r u d i n a m i k u

L-istorbju ajrudinamiku huwa rilevanti biss f'veloċitajiet għoljin ta' iktar minn 200 km/h u, għaldaqstant, l-ewwel għandu jiġi vverifikat jekk fil-fatt huwiex meħtieġ għall-finijiet tal-applikazzjoni. Jekk il-funzjonijiet ta' trasferiment u l-ħruxija tal-istorbju tat-tidwir ikunu magħrufin, jista' jiġi estrapolat għal veloċitajiet ikbar u jkun jista' jsir paragun mad-dejta eżistenti dwar il-veloċità għolja sabiex jiġi vverifikat jekk l-istorbju ajrudinamiku huwiex qiegħed jipproduċi livelli ogħla. Jekk il-veloċitajiet tal-ferrovija fuq netwerk huma ogħla minn 200 km/h iżda limitati għal 250 km/h, f'ċerti każijiet jaf ma jkunx hemm bżonn li jiġi inkluż l-istorbju ajrudinamiku, skont id-disinn tal-vettura.

Il-kontribuzzjoni tal-istorbju ajrudinamiku tingħata bħala funzjoni tal-veloċità:

$$L_{W,0,i} = L_{W,0,1,i}(v_0) + \alpha_{1,i} \times \lg\left(\frac{v}{v_0}\right) \quad \text{dB} \quad \text{Għal h=1} \qquad (2.3.13)$$

▼M2

$$L_{W,0,i} = L_{W,0,2,i}(v_0) + \alpha_{2,i} \times \lg\left(\frac{v}{v_0}\right) \quad \text{dB} \quad \text{Għal h=2} \qquad (2.3.14)$$

fejn

v_0 hija veloċità li fiha l-istorbju ajrudinamiku huwa dominanti u ffissata għal 300 km/h

$L_{W,0,1,i}$ hija potenza akustika ta' referenza stabbilita minn żewġ punti ta' kejl jew iktar, għal sorsi f'għoli tas-sors magħruf, pereżempju l-ewwel bogie

$L_{W,0,2,i}$ hija potenza akustika ta' referenza stabbilita minn żewġ punti ta' kejl jew iktar, għal sorsi f'għoli tas-sors magħruf, pereżempju l-għoli tad-daħliet tal-pantografu

$\alpha_{1,i}$ hija koeffiċjent stabbilit minn żewġ punti ta' kejl jew iktar, għal sorsi f'għoli tas-sors magħruf, pereżempju l-ewwel bogie

$\alpha_{2,i}$ hija koeffiċjent stabbilit minn żewġ punti ta' kejl jew iktar, għal sorsi f'għoli tas-sors magħruf, pereżempju l-għoli tad-daħliet tal-pantografu.

Direttività tas-sors

Id-direttività orizzontali $\Delta L_{W,dir,hor,i}$ f'dB tingħata fil-pjan orizzontali u b'mod prestabbilit jista' jiġi supponut li hija bipol għall-effetti tat-tidwir, l-impatt (ġonot ferrovjarji eċċ.), iż-żaqżiq, l-ibbrejkjar, il-fannijiet u l-effetti ajrudinamiċi, miksubin għal kull banda ta' frekwenza numru i permezz ta':

$$\Delta L_{W,dir,hor,i} = 10 \times \lg(0{,}01 + 0{,}99 \cdot \sin^2 \varphi) \qquad (2.3.15)$$

Id-direttività vertikali $\Delta L_{W,dir,ver,i}$ f'dB tingħata fil-pjan vertikali għas-sors A (h = 1), bħala funzjoni tal-frekwenza taċ-ċentru tal-banda $f_{c,i}$ ta' kull banda ta' frekwenzi numru i, u għal $-\pi/2 < \psi < \pi/2$ kif ġej:

$$\Delta L_{W,dir,ver,i} = \left(\left| \frac{40}{3} \times \left[\frac{2}{3} \times \sin(2 \cdot \psi) - \sin\psi \right] \times \lg\left[\frac{f_{c,i} + 600}{200} \right] \right| \right) \qquad (2.3.16)$$

Għas-sors B (h = 2) għall-effett ajrudinamiku:

$$\Delta L_{W,dir,ver,i} = 10 \times \lg(\cos^2 \psi) \qquad \text{għal } \psi < 0 \qquad (2.3.17)$$

$\Delta L_{W,dir,ver,i} = 0$ jew imkien ieħor

Id-direttività $\Delta L_{dir,ver,i}$ ma tiġix ikkunsidrata għas-sors B (h = 2) għal effetti oħrajn, peress li f'din il-pożizzjoni tiġi preżunta omnidirezzjonalità għal dawn is-sorsi.

2.3.3. *Effetti addizzjonali*

Korrezzjoni għal radjazzjoni strutturali (pontijiet u vijadotti)

F'każ li s-sezzjoni tal-binarju hija fuq pont, hemm bżonn li jiġi kkunsidrat l-istorbju addizzjonali ġġenerat mill-vibrazzjoni tal-pont bħala riżultat tal-eċitazzjoni kkaġunata mill-preżenza tal-ferrovija. Peress li mhuwiex sempliċi li l-emissjoni tal-pont tiġi mmudellata bħala sors addizzjonali minħabba l-forom kumplessi tal-pontijiet, tintuża żieda fl-istorbju tat-tidwir biex tagħti kont lill-istorbju tal-pont. Iż-żieda għandha

▼M2

tiġi mmudellata b'mod esklussiv billi tiżdied żieda fissa fil-potenza akustika tal-istorbju għal kull banda ta' terz ta' ottava. Il-potenza akustika tal-istorbju tat-tidwir biss hija mmodifikata meta tiġi kkunsidrata l-korrezzjoni u għandu jintuża $L_{W,0,rolling–and–bridge,i}$ l-ġdid minflok il-$L_{W,0,rolling-only,i}$:

$$L_{W,0,rolling–and–bridge,i} = L_{W,0,rolling–only,i} + C_{bridge} \quad \text{dB} \qquad (2.3.18)$$

fejn C_{bridge} huwa kostanti li jiddependi mit-tip ta' pont, u $L_{W,0,rolling–only,i}$ huwa l-potenza akustika tal-istorbju tat-tidwir fuq il-pont partikolari li tiddependi biss mill-proprjetajiet tal-vettura u tal-binarju.

Korrezzjoni għal sorsi oħrajn ta' storbju marbut mal-ferrovija

Bosta sorsi bħal depots, żoni għat-tagħbija/għall-ħatt, stazzjonijiet, qniepen, loudspeakers tal-istazzjon, eċċ. jistgħu jkunu preżenti u huma assoċjati mal-istorbju tal-ferrovija. Dawn is-sorsi jridu jiġu ttrattati bħala sorsi ta' storbju industrijali (sorsi ta' storbju fissi) u, jekk huma rilevanti, għandhom jiġu mmudellati skont il-kapitlu li ġej għall-istorbju industrijali.

2.4. **Storbju industrijali**

2.4.1. *Deskrizzjoni tas-sors*

Klassifikazzjoni tat-tipi ta' sors (punt, linja, żona)

Is-sorsi industrijali huma ta' dimensjonijiet ferm varjabbli. Jistgħu jkunu impjanti industrijali kbar kif ukoll sorsi kkonċentrati żgħar bħal għodod żgħar jew magni operattivi użati fil-fabbriki. Għaldaqstant, hemm bżonn li tintuża teknika xierqa ta' mmudellar għas-sors speċifiku vvalutat. Skont id-dimensjonijiet u l-mod li bih bosta sorsi uniċi huma mifruxa fuq żona, b'kull waħda tappartjeni għall-istess sit industrijali, dawn jistgħu jiġu mmudellati bħala sorsi puntiformi, linji ta' sorsi jew sorsi taż-żona. Fil-prattika, il-kalkoli tal-effett tal-istorbju dejjem ikunu bbażati fuq is-sorsi puntiformi, iżda bosta sorsi puntiformi jistgħu jintużaw sabiex jirrappreżentaw sors kumpless reali, li fil-parti l-kbira jestendi fuq linja jew żona.

Numru u pożizzjoni ta' sorsi ekwivalenti ta' ħoss

Is-sorsi akustiċi reali huma mmudellati permezz ta' sorsi akustiċi ekwivalenti rrappreżentati minn sors puntiformi wieħed jew iktar sabiex il-potenza akustika totali tas-sors reali tikkorrispondi għas-somma tal-potenzi akustiċi uniċi attribwiti għas-sorsi puntiformi differenti.

Ir-regoli ġenerali li jridu jiġu applikati fid-definizzjoni tan-numru ta' sorsi puntiformi li jridu jintużaw huma:

— Sorsi ta' linji jew tas-superfiċji li fihom l-ikbar dimensjoni hija inqas minn nofs id-distanza bejn is-sors u r-riċevitur jistgħu jiġu mmudellati bħala sorsi puntiformi uniċi;

— Sorsi li fihom l-ikbar dimensjoni hija iktar minn nofs id-distanza bejn is-sors u r-riċevitur għandhom jiġu mmudellati bħala sensiela ta' sorsi puntiformi inkoerenti f'linja jew bħala serje ta' sorsi puntiformi inkoerenti fuq żona, b'tali mod li għal kull wieħed minn dawn is-sorsi, il-kundizzjoni ta' nofs hija ssodisfata. Id-distribuzzjoni fuq żona tista' tinkludi distribuzzjoni vertikali ta' sorsi puntiformi;

— Għal sorsi fejn l-ikbar dimensjonijiet fl-għoli huma ta' iktar minn 2 m jew qrib l-art, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-għoli

▼M2

tas-sors. L-irduppjar tan-numru ta' sorsi, u d-distribuzzjoni tagħhom mill-ġdid fil-komponent z biss, jaf ma jwassalx għal riżultat wisq aħjar għal dan is-sors;

— Fil-każ ta' kwalunkwe sors, l-irduppjar tan-numru ta' sorsi fuq iż-żona tas-sors (fid-dimensjonijiet kollha) jaf ma jwassalx għal riżultat wisq aħjar.

Il-pożizzjoni tas-sorsi akustiċi ekwivalenti ma tistax tkun fissa, minħabba n-numru kbir ta' konfigurazzjonijiet li jista' jkollu sit industrijali. Normalment japplikaw l-aħjar prattiki.

Emissjoni ta' potenza akustika

Ġenerali

L-informazzjoni li ġejja tikkostitwixxi s-sett sħiħ ta' dejta li trid tiddaħħal għal kalkoli ta' propagazzjoni ta' ħoss bil-metodi li jridu jintużaw għall-immappjar tal-istorbju:

— L-ispettru tal-livell ta' potenza akustika prodotta f'baned ta' ottava

— Sigħat ta' xogħol (matul il-jum, filgħaxija, billejl, fuq bażi ta' medja annwali)

— Post (koordinati x, y) u elevazzjoni (z) tas-sors tal-istorbju

— Tip ta' sors (punt, linja, żona)

— Dimensjonijiet u orjentazzjoni

— Kundizzjonijiet operattivi tas-sors

— Direttività tas-sors.

Il-potenzi akustiċi tas-sors tal-punt, il-linja u ż-żona jridu jiġu ddefiniti bħala:

— Għal sors puntiformi, potenza akustika L_W u direttività bħala funzjoni tat-tliet koordinati ortogonali (x, y, z);

— Jistgħu jiġu ddefiniti żewġ tipi ta' linji ta' sorsi:

— linji ta' sorsi li jirrappreżentaw ċineg tat-trasport tal-merkanzija, pajpijiet, eċċ., il-potenza akustika għal kull metru $L_{W'}$ u direttività bħala funzjoni taż-żewġ koordinati ortogonali għall-assi tal-linja ta' sorsi;

— linji ta' sorsi li jirrappreżentaw vetturi li qed jiċċaqilqu, kull waħda assoċjata ma' potenza akustika L_W u direttività bħala funzjoni taż-żewġ koordinati ortogonali għall-assi tal-linja ta' sorsi u potenza akustika għal kull metru $L_{W'}$ derivati permezz tal-veloċità u n-numru ta' vetturi li jivvjaġġaw tul din il-linja tul il-jum, filgħaxija u billejl; Il-korrezzjoni għas-sigħat tax-xogħol, li trid tiżdied mal-potenza akustika tas-sors sabiex tiġi ddefinita l-potenza akustika kkoreġuta li trid tintuża għall-kalkoli tul kull perjodu ta' żmien, C_W f'dB hija kkalkolata kif ġej:

▼M2

$$C_W = -10\lg\left(\frac{l \times n}{1\,000 \times V \times T_0}\right) \qquad (2.4.1)$$

Fejn:

V Veloċità tal-vettura [km/h];

n Numru ta' passaġġi tal-vetturi għal kull perjodu [-];

l Tul totali tas-sors [m];

— Għal sors taż-żona, il-potenza akustika għal kull metru kwadru $L_{W/m2}$, u ebda direttività (tista' tkun orizzontali jew vertikali).

Importanti li jiddaħħlu s-sigħat tax-xogħol għall-kalkolu tal-livelli ta' storbju. Is-sigħat tax-xogħol għandhom jingħataw għal kull perjodu matul il-jum, filgħaxija u billejl u, jekk il-propagazzjoni qed tuża klassijiet meteoroloġiċi differenti matul kull perjodu matul il-jum, filgħaxija u billejl, f'dak il-każ għandha tingħata distribuzzjoni iktar raffinata tas-sigħat tax-xogħol fis-subperjodi li jaqblu mad-distribuzzjoni tal-klassijiet meteoroloġiċi. Din l-informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq medja annwali.

Il-korrezzjoni għas-sigħat tax-xogħol, li trid tiżdied mal-potenza akustika tas-sors sabiex tiġi ddefinita l-potenza akustika kkoreġuta li għandha tintuża għall-kalkoli tul kull perjodu ta' żmien, C_W f'dB hija kkalkolata kif ġej:

$$C_W = 10 \times \lg\left(\frac{T}{T_{ref}}\right) \qquad (2.4.2)$$

fejn

T hija l-ħin attiv tas-sors għal kull perjodu fuq il-bażi ta' sitwazzjoni medja annwali, f'sigħat;

T_{ref} hija l-perjodu ta' ħin ta' referenza f'sigħat (eż. matul il-jum huwa 12-il siegħa, filgħaxija 4 sigħat, lejl 8 sigħat).

Għas-sorsi iktar dominanti, il-korrezzjoni tas-sigħat tax-xogħol annwali medji għandha tiġi stmata tal-inqas f'tolleranza ta' 0,5 dB sabiex tinkiseb preċiżjoni aċċettabbli (din hija ekwivalenti għal inċertezza ta' inqas minn 10 % fid-definizzjoni tal-perjodu attiv tas-sors).

Direttività tas-sors

Id-direttività tas-sors hija marbuta mill-qrib mal-pożizzjoni tas-sors akustiku ekwivalenti ħdejn is-superfiċji fil-qrib. Peress li l-metodu ta' propagazzjoni jqis ir-riflessjoni tas-superfiċje fil-qrib kif ukoll l-assorbiment tal-ħoss tiegħu, hemm bżonn li jiġi kkunsidrat bir-reqqa fejn jinsabu s-superfiċji fil-qrib. B'mod ġenerali, dejjem ser issir distinzjoni bejn dawn iż-żewġ każijiet:

— potenza akustika u direttività tas-sors huma ddeterminati u jingħataw b'rabta ma' ċertu sors veru meta dan ikun f'kamp liberu (għajr l-effett tal-art). Dan jaqbel mad-definizzjonijiet rigward il-propagazzjoni, jekk huwa preżunt li ma hemm ebda superfiċje fil-qrib li hija inqas minn 0,01 m mis-sors u s-superfiċji f'0,01 m jew iktar huma inklużi fil-kalkolu tal-propagazzjoni;

— potenza akustika u direttività ta' sors huma stabbiliti u jingħataw b'rabta ma' ċertu sors veru meta dan jitqiegħed f'post speċifiku u, għaldaqstant, il-potenza akustika u d-direttività tas-sors huma "ekwivalenti", peress li jinkludu l-immudellar tal-effett tas-superfiċji fil-qrib. Dan huwa ddefinit fil-'kamp semiliberu' skont id-definizzjonijiet dwar il-propagazzjoni. F'dan il-każ, is-superfiċji fil-qrib immudellati għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tal-propagazzjoni.

▼M2

Id-direttività għandha tingħata fil-kalkolu bħala fattur $\Delta L_{W,dir,xyz}$ (x, y, z) li jrid jiżdied mal-potenza akustika bl-għan li tinkiseb il-potenza akustika direzzjonali t-tajba ta' sors akustiku ta' referenza li jidher bil-propagazzjoni ta' ħoss fid-direzzjoni mogħtija. Il-fattur jista' jingħata bħala funzjoni tal-vettur tad-direzzjoni ddefinit minn (x,y,z) b' $\sqrt{x^2 + y^2 + z^2} = 1$Din id-direttività tista' tiġi espressa wkoll permezz ta' sistemi oħrajn ta' koordinati bħal sistemi ta' koordinati angolari.

2.5. **Kalkolu tal-propagazzjoni ta' ħoss għal sorsi minn toroq, ferroviji u sorsi industrijali.**

2.5.1. *Kamp ta' applikazzjoni u applikabbiltà tal-metodu*

Dan id-dokument jispeċifika metodu għall-kalkolu tal-attenwazzjoni tal-istorbju matul il-propagazzjoni fuq barra tiegħu. Peress li jkunu magħrufin il-karatteristiċi tas-sors, dan il-metodu jipprevedi l-livell ekwivalenti ta' ħoss kontinwu f'punt riċeventi li jikkorrispondi għal żewġ tipi partikolari ta' kundizzjonijiet atmosferiċi:

— kundizzjonijiet ta' propagazzjoni ta' rifrazzjoni 'l isfel (gradjent vertikali pożittiv ta' ċelerità effettiva tal-ħoss) mis-sors għar-riċevitur;

— kundizzjonijiet atmosferiċi omoġeniċi (gradjent vertikali null ta' ċelerità effettiv tal-ħoss) fuq iż-żona sħiħa ta' propagazzjoni.

Il-metodu ta' kalkolu deskritt f'dan id-dokument japplika għal infrastrutturi industrijali u infrastrutturi tat-trasport fuq l-art. Għaldaqstant, japplika b'mod partikolari għal infrastrutturi tat-triq u ferrovjarji. It-trasport b'inġenji tal-ajru huwa inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodu biss għall-istorbju prodott matul operazzjonijiet fuq l-art u jeskludi l-qtugħ u l-landjar.

Infrastrutturi industrijali li jagħmlu storbju impulsiv jew tonali qawwi kif spjegat fl-ISO 1996-2:2007 ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-metodu.

Il-metodu ta' kalkolu ma jipprovdix riżultati f'kundizzjonijiet ta' propagazzjoni ta' rifrazzjoni 'l fuq (gradjent vertikali negattiv b'veloċità effettiva tal-ħoss) iżda dawn il-kundizzjonijiet huma approssimati minn kundizzjonijiet omoġeni għall-kalkolu ta' L_{den}.

Biex tiġi kkalkolata l-attenwazzjoni minħabba assorbiment atmosferiku fil-każ ta' infrastruttura tat-trasport, il-kundizzjonijiet ta' temperatura u umdità huma kkalkolati skont l-ISO 9613-1:1996.

Il-metodu jipprovdi riżultati għal kull banda ta' ottava, minn 63 Hz sa 8 000 Hz. Il-kalkoli jsiru għal kull waħda mill-frekwenzi ċentrali.

Ostakoli u għata parzjali b'inklinazzjoni, meta mmudellati, ta' iktar minn 15° b'rabta mal-vertikali jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-metodu ta' kalkolu.

Għata wieħed huwa kkalkolat bħala kalkolu ta' diffrazzjoni wieħed, żewġ għotjien jew iktar f'passaġġ wieħed jitqiesu sett sussegwenti ta' diffrazzjonijiet uniċi billi tiġi applikata l-proċedura deskritta iktar 'il quddiem.

2.5.2. *Definizzjonijiet użati*

Id-distanzi, l-għoli, id-dimensjonijiet u l-altitudnijiet kollha użati f'dan id-dokument jingħataw f'metri (m).

▼**M2**

In-notazzjoni *MN* tfisser distanza fi 3 dimensjonijiet (3D) bejn il-punti *M* u *N*, imkejla skont linja dritta li tgħaqqad dawn il-punti.

In-notazzjoni $\hat{M}$N tfisser it-tul tal-passaġġ milwi bejn il-punti *M* u *N*, f'kundizzjonijiet favorevoli.

Huwa normali li l-għoli reali jitkejjel vertikalment f'direzzjoni perpendikolari għall-pjan orizzontali. L-għoli tal-punti 'l fuq mill-art lokali huwa rrappreżentat minn h, l-għoli assolut tal-punti u l-għoli assolut tal-art huma rrappreżentati bl-ittra H.

Sabiex jingħata kont lir-riżalt proprju tal-art tul passaġġ ta' propagazzjoni, iddaħħal il-kunċett ta' "għoli ekwivalenti", li jrid ikun irrappreżentat mill-ittra z. Dan jissostitwixxi l-għoli reali fl-ekwazzjonijiet tal-effett tal-art.

Il-livelli ta' ħoss, irrappreżentati mill-ittra kapitali *L*, jingħataw f'deċibel (dB) għal kull banda ta' frekwenza meta ma jintużax l-indiċi A. Il-livelli ta' ħoss f'deċibel dB(A) jingħataw l-indiċi A.

Is-somma tal-livelli ta' ħoss minħabba sorsi inkoerenti b'mod reċiproku hija rrappreżentata mis-sinjal $\oplus$ skont id-definizzjoni li ġejja:

$$L_1 \oplus L_2 = 10 \cdot \lg\left[10^{L_1/10} + 10^{L_2/10}\right] \qquad (2.5.1)$$

2.5.3. *Kunsiderazzjonijiet ġeometriċi*

Segmentazzjoni tas-sors

Is-sorsi reali huma deskritti minn sett ta' sorsi puntiformi jew, fil-każ ta' traffiku ferrovjarju jew traffiku fit-triq, minn linji ta' sorsi inkoerenti. Il-metodu ta' propagazzjoni jassumi li fl-imgħoddi s-sorsi lineari jew areali nqasmu sabiex ikunu rrappreżentati minn sensiela ta' sorsi puntiformi ekwivalenti. Dan seta' seħħ bħala prepproċessar tad-dejta sors, jew jista' jseħħ fi ħdan il-komponent ta' sejbien tal-passaġġ tas-softwer ta' kalkolu. Il-mezzi li bihom seħħ hekk jaqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija attwali.

Passaġġi ta' propagazzjoni

Il-metodu jopera fuq mudell ġeometriku li jikkonsisti f'sett ta' superfiċji ta' ostakoli u fuq l-art konnessi. Passaġġ ta' propagazzjoni vertikali huwa skjerat fuq pjan vertikali wieħed jew iktar fir-rigward tal-pjan orizzontali. Għal trajjettorji li jinkludu riflessjonijiet fuq superfiċji vertikali mhux ortogonali għall-pjan tal-inċident, imbagħad jiġi kkunsidrat pjan vertikali ieħor inkluża l-parti riflessa tal-passaġġ ta' propagazzjoni. F'dawn il-każijiet, fejn jintużaw iktar pjanijiet vertikali sabiex tiġi deskritta t-trajjettorja sħiħa mis-sors sar-riċevitur, il-pjani vertikali jiġu ċċattjati, bħal paraventu li jinfetaħ.


Għoli sinifikanti fuq l-art

L-għoli ekwivalenti jinkiseb mill-pjan medju tal-art bejn is-sors u r-riċevitur. Dan jieħu post l-art proprja bi pjan fittizju li jirrappreżenta l-profil medju tal-art.

▼M2

Figura 2.5.a

Għoli ekwivalenti b'rabta mal-art



1: Riżalt attwali

2: Pjan medju

L-għoli ekwivalenti ta' punt huwa l-għoli ortogonali tiegħu b'rabta mal-pjan medju tal-art. Għaldaqstant, jistgħu jiġu ddefiniti l-għoli ekwivalenti tas-sors z_s u l-għoli ekwivalenti tar-riċevitur z_r. Id-distanza bejn is-sors u r-riċevitur fi projjezzjoni fuq il-pjan medju tal-art hija rrappreżentata minn d_p.

Jekk l-għoli ekwivalenti ta' punt isir negattiv, jiġifieri jekk il-punt jinsab taħt il-pjan medju tal-art, jinżamm għoli null, u mbagħad il-punt ekwivalenti jkun identiku għall-immaġni possibbli tiegħu.

K a l k o l u t a l - p j a n m e d j u

f'angoli ta' elevazzjoni baxxi. Hija affettwata ħafna wkoll mir-rifrazzjoni tal-ħoss, kostanti u mhux kostanti, ikkaġunata mir-riħ u l-gradjenti tat-temperatura u t-turbolenza li huma stess huma attribwibbli għall-preżenza tas-superfiċje (1). Il-mekkaniżmu tar-riflessjoni tas-superfiċje huwa mifhum sew u, għal kundizzjonijiet atmosferiċi u tas-superfiċje uniformi, jista' jiġi deskritt teoretikament b'ċerta preċiżjoni. Madankollu, nuqqasijiet ta' uniformità atmosferiċi u tas-superfiċje — li mhumiex emendabbli għal analiżi teorika sempliċi — għandhom effett profond fuq l-effett ta' riflessjoni, b'tendenza li "jifirxuh" għal angoli ta' elevazzjoni ogħla; b'hekk, it-teorija għandha applikabbiltà limitata. Il-ħidma tal-SAE biex tiżviluppa fehim aħjar dwar l-effetti tas-superfiċje għadha għaddejja u hija mistennija twassal għal mudelli aħjar. Sakemm jiġu żviluppati, hija rrakkomandata l-metodoloġija li ġejja, deskritta fl-AIR-5662, għall-kalkolu tal-attenwazzjoni laterali. Hija limitata għall-każ ta' propagazzjoni ta' ħoss fuq art livell ratba li hija xierqa għall-maġġor parti tal-ajruporti ċivili. Għadhom qed jiġu żviluppati aġġustamenti li jqisu l-effetti ta' superfiċje iebsa tal-art (jew, akustikament ekwivalenti, l-ilma).

Il-metodoloġija hija mibnija fuq il-korp sostanzjali ta' dejta sperimentali dwar il-propagazzjoni ta' ħoss mill-inġenji tal-ajru b'magni mmuntati fil-fuselaġġ f'titjira dritta (bla dawriet), kostanti u livell oriġinarjament irrapportata fl-AIR-1751. Is-suppożizzjoni li, għal titjira f'livell, l-attenwazzjoni mill-arja għall-art tiddependi fuq (i) l-angolu ta' elevazzjoni β imkejjel fil-pjan vertikali u (ii) l-ispostament laterali mit-trajettorja tal-art tal-inġenju tal-ajru ℓ, id-dejta ġiet analizzata biex tinkiseb funzjoni empirika għall-aġġustament laterali *totali* Λ_T (β,ℓ) (= il-livell ta' event laterali neqes il-livell tal-istess distanza taħt l-inġenju tal-ajru).

Peress li t-terminu Λ_T (β,ℓ) ta kont lid-direttività laterali kif ukoll l-attenwazzjoni laterali, din tal-aħħar tista' tiġi estratta bi tnaqqis. B'deskrizzjoni tad-direttività laterali bl-ekwazzjoni 2.7.37, bil-koeffiċjenti tal-immuntar fil-fuselaġġ u b'φ sostitwit ma' β (kif xieraq għal titjira mingħajr dawriet), l-attenwazzjoni laterali ssir:

$$\Lambda(\beta,\ell) = \Lambda_T(\beta,\ell) - \Delta_I(\beta) \qquad (2.7.39)$$

fejn β u ℓ jitkejlu kif muri fil-**Figura 2.7.m** fi pjan normali għar-rotta tat-titjira infinita li, għal titjira f'livell, hija vertikali wkoll.

Għalkemm $\Lambda(\beta,\ell)$ tista' tiġi kkalkolata direttament billi tintuża l-ekwazzjoni 2.7.39 b'Λ_T (β,ℓ) meħuda mill-AIR-1751, hija rrakkomandata relazzjoni iktar effiċjenti. Din hija l-approssimazzjoni empirika li ġejja adattata mill-AIR-5662:

$$\Lambda(\beta,\ell) = \Gamma(\ell)\cdot\Lambda(\beta) \qquad (2.7.40)$$

fejn $\Gamma(\ell)$ hija fattur tad-distanza miksub hekk

$$\Gamma(\ell) = 1{,}089\cdot\left[1-\exp(-0{,}00274\ell)\right] \quad \text{għal } 0 \le \ell \le 914 \text{ m} \qquad (2.7.41)$$

$$\Gamma(\ell) = 1 \quad \text{għal } \ell > 914 \text{ m} \qquad (2.7.42)$$

(1) Ir-riħ, il-gradjenti tat-temperatura u t-turbolenza jiddependu parzjalment mill-ħruxija u l-karatteristiċi tat-trasferiment tas-sħana tas-superfiċje.

▼M2

u Λ(β) hija l-attenwazzjoni laterali mill-arja għall-art fuq distanza twila miksuba hekk

$$\Lambda(\beta) = 1{,}137 - 0{,}0229\beta + 9{,}72 \cdot \exp(-0{,}142\beta) \quad \text{għal } 0° \leq \beta \leq 50° \qquad (2.7.43)$$


$$\Lambda(\beta) = 0 \quad \text{għal } 50° \leq \beta \leq 90° \qquad (2.7.44)$$

L-espressjoni għal attenwazzjoni laterali Λ(β,ℓ), l-ekwazzjoni 2.7.40, li hija supponuta li tibqa' valida għall-inġenji tal-ajru kollha, l-inġenji tal-ajru bl-iskrun kif ukoll il-ġettijiet bl-immuntar fil-fuselaġġ u taħt il-ġwienaħ, tintwera b'mod grafiku fil-**Figura 2.7.o.**

F'ċerti ċirkustanzi (bl-art), huwa possibbli li β ikun inqas minn żero. F'dan il-każijiet huwa rrakkomandat li Λ(β) = 10,57.

Figura 2.7.o

Varjazzjoni tal-attenwazzjoni laterali Λ(β,ℓ) b'angolu ta' elevazzjoni u distanza



Attenwazzjoni laterali tas-segment finit

L-ekwazzjonijiet 2.7.41 sa 2.7.44 jiddeskrivu l-attenwazzjoni laterali Λ(β,ℓ) tal-ħoss li jasal għand l-osservatur minn ajruplan f'titjira kostanti tul rotta tat-titjira infinita f'livell. Meta dawn jiġu applikati għal segmenti b'passaġġi finiti li mhumiex f'livell, l-attenwazzjoni trid tiġi kkalkolata għal passaġġ f'livell *ekwivalenti* — peress li ġeneralment l-eqreb punt fuq estensjoni sempliċi tas-segment inklinat (li f'xi punt jgħaddi mis-superfiċje tal-art) ma jrendix angolu ta' elevazzjoni xieraq β.

Id-determinazzjoni tal-attenwazzjoni laterali għal segmenti finiti tvarja sew għall-metrija ta' L_{max} u L_E. Il-livelli massimi tas-segmenti L_{max} huma stabbiliti mid-dejta NPD bħala funzjoni tad-distanza ta' propagazzjoni d mill-eqreb punt fuq is-segment; ma hemm bżonn ta' ebda korrezzjoni biex jingħata kont lid-dimensjonijiet tas-segment. Bl-istess mod, l-attenwazzjoni laterali ta' L_{max} hija supponuta li tiddependi biss mill-angolu ta' elevazzjoni tal-istess punt u d-distanza fuq l-art għalih. B'hekk, huma meħtieġa l-koordinati ta' dak il-punt biss. Iżda għal L_E, il-proċess huwa iktar ikkumplikat.

▼M2


Il-livell bażi ta' event L_E *(P,d)* li huwa stabbilit mid-dejta NPD, anki jekk għal parametri tas-segment finit, xorta waħda japplika għal rotta tat-titjira infinita. Il-livell ta' espożizzjoni tal-event minn segment, $L_{E,seg}$, ovvjament huwa inqas mil-livell bażi — bl-ammont tal-korrezzjoni tas-segment finit iddefinit iktar tard fis-sezzjoni 2.7.19. Dik il-korrezzjoni, funzjoni tal-ġeometrija tat-triangoli OS_1S_2 fil-**Figuri 2.7.j sa 2.7.l,** tiddefinixxi xi proporzjon mill-enerġija tal-istorbju riċevuta mill-passaġġ infinit totali f'O jkun ġej mis-segment; l-istess korrezzjoni tapplika, irrilevanti jekk hemmx xi attenwazzjoni laterali. Iżda kwalunkwe attenwazzjoni laterali għandha tiġi kkalkolata għar-rotta tat-titjira infinita, jiġifieri bħala funzjoni tal-ispostament u l-elevazzjoni tagħha, u mhux dawk tas-segment finit.

Iż-żieda tal-korrezzjonijiet Δ_V u Δ_I, u t-tnaqqis tal-attenwazzjoni laterali $\Lambda(\beta,\ell)$ mil-*livell bażi* tal-NPD jipprovdi l-livell ta' storbju aġġustat tal-event għal titjira dritta ekwivalenti f'*livell* fuq passaġġ dritt infinit biswit. Iżda s-segmenti proprji tar-rotta tat-titjira li qed jiġu mmudellati, dawk li jaffettwaw il-kontorni tal-istorbju, rari jkunu f'livell; normalment l-inġenji tal-ajru jkunu qed jitilgħu jew jinżlu.

Il-**Figura 2.7.p** turi segment tat-tluq $\mathbf{S_1S_2}$ — l-inġenju tal-ajru qed jitla' b'angolu γ — iżda l-kunsiderazzjonijiet jibqgħu ferm simili għal wasla. Ma tintweriex il-bqija tar-rotta tat-titjira "reali"; huwa biżżejjed li jiġi ddikjarat li $\mathbf{S_1S_2}$ jirrappreżenta biss sehem mill-passaġġ sħiħ (li b'mod ġenerali ser ikollu kurvi). F'dan il-każ, l-osservatur **O** huwa maġenb is-segment, u fuq ix-xellug tiegħu. L-inġenju tal-ajru huwa mxaqleb 'il ġewwa (kontra l-arloġġ fuq ir-rotta tat-titjira) f'angolu ε għall-assi orizzontali laterali. L-angolu ta' dipressjoni φ mill-pjan tal-ġewnaħ, li l-effett tal-installazzjoni Δ_I huwa funzjoni tiegħu (Ekwazzjoni 2.7.39), jinstab fil-pjan normali għar-rotta tat-titjira li fih huwa ddefinit ε. B'hekk $\varphi = \beta - \varepsilon$ fejn $\beta = \tan^{-1}(h/\ell)$ u ℓ hija d-distanza perpendikolari **OR** mill-osservatur għat-trajettorja tal-art; jiġifieri l-ispostament laterali tal-osservatur; jiġifieri l-ispostament laterali tal-osservatur [1]. L-eqreb punt ta' avviċinament tal-ajruplan għall-osservatur, **S**, huwa definit mill-**OS** perpendikolari, bit-tul (distanza oblika) d_p. It-triangolu $\mathbf{OS_1S_2}$ jaqbel mal-**Figura 2.7.k**, il-ġeometrija għall-kalkolu tal-korrezzjoni tas-segment Δ_F.

Figura 2.7.p

Segment maġenb l-osservatur



[1] Għal osservatur li jinsab fuq in-naħa tal-lemin tas-segment, φ isir β + ε (ara s-sezzjoni 2.7.19).


▼M2

Biex tiġi kkalkolata l-attenwazzjoni laterali bl-ekwazzjoni 2.7.40 (fejn β jitkejjel fi pjan vertikali), *rotta tat-titjira ekwivalenti f'livell* hija definita fil-pjan vertikali li tgħaddi minn $\mathbf{S_1S_2}$ u bl-istess distanza oblika perpendikolari d_p mill-osservatur. Din hija vviżwalizzata billi jiddawwar it-triangolu **ORS**, u r-rotta tat-titjira mehmuża miegħu fuq **OR** (ara l-**Figura 2.7.p**) permezz tal-angolu γ biex b'hekk jiġi fformat it-triangolu **ORS'**. L-angolu ta' elevazzjoni ta' dan il-passaġġ ekwivalenti f'livell (issa fi pjan vertikali) huwa $\beta = \tan^{-1}(h/\ell)$ (ℓ jibqa' l-istess). F'dan il-każ, bl-osservatur mal-ġenb, l-attenwazzjoni laterali $\Lambda(\beta,\ell)$ hija l-istess għall-materija ta' L_E u L_{max}.

Il-**Figura 2.7.q** turi s-sitwazzjoni li fiha l-punt ta' osservatur **O** jiġi *wara s-segment finit*, mhux mal-ġenb. Hawnhekk is-segment huwa osservat bħala parti iktar distanti ta' passaġġ infinit; perpendikolari jista' jitpinġa biss għall-punt $\mathbf{S_p}$ fuq l-estensjoni tiegħu. It-triangolu $\mathbf{OS_1S_2}$ jaqbel mal-**Figura 2.7.j** li tiddefinixxi l-korrezzjoni tas-segment Δ_F. Iżda f'dan il-każ, il-parametri għall-attenwazzjoni u d-direttività laterali huma inqas ovvji.

Figura 2.7.q

Osservatur wara s-segment



Filwaqt li jitfakkar li, kif stipulat għall-finijiet ta' mmudellar, id-direttività laterali (l-effett tal-installazzjoni) hija bidimensjonali, l-angolu ta' dipressjoni definittiv φ xorta jitkejjel lateralment mill-pjan tal-ġewnaħ tal-inġenju tal-ajru. (Il-livell bażi tal-event għadu dak iġġenerat mill-inġenju tal-ajru li jaqsam ir-rotta tat-titjira infinita rrappreżentata mis-segment estiż.) B'hekk l-angolu ta' dipressjoni huwa ddeterminat fl-eqreb punt ta' avviċinament, jiġifieri $\varphi = \beta_p - \varepsilon$ fejn β_p huwa l-angolu $\mathbf{S_pOC}$.

Għal metrija tal-livell massimu, il-parametru tad-distanza tal-NPD jittieħed bħala l-iqsar distanza sas-segment, jiġifieri $d = d_1$. Għal metrija tal-livell ta' espożizzjoni, hija l-iqsar distanza d_p minn **O** sa $\mathbf{S_p}$ fuq ir-rotta tat-titjira estiża; jiġifieri l-livell interpolat mit-tabella tal-NPD huwa $L_{E\infty}$ (P_1, d_p).

Il-parametri ġeometriċi għall-attenwazzjoni laterali jvarjaw ukoll għall-kalkoli tal-livelli massimi u ta' espożizzjoni. Għal metrija tal-*livell massimu*, l-aġġustament $\Lambda(\beta,\ell)$ jinkiseb bl-ekwazzjoni 2.7.40 b'$\beta = \beta_1 = \sin^{-1}(z_1/d_1)$ u $\ell = \mathbf{OC_1} = \sqrt{d_1^2 - z_1^2}$ fejn β_1 u d_1 huma definiti mit-triangolu $\mathbf{OC_1S_1}$ fil-pjan vertikali permezz ta' **O** u $\mathbf{S_1}$.

▼M2

Meta tiġi kkalkolata l-attenwazzjoni laterali għal segmenti fl-ajru biss u l-metrija tal-*livell ta′ espożizzjoni*, ℓ jibqa' l-iqsar spostament laterali mill-estensjoni tas-segment (**OC**). Iżda sabiex jiġi definit valur xieraq ta' β mill-ġdid ikun meħtieġ li tiġi vviżwalizzata *rotta tat-titjira ekwivalenti f'livell* (infinita) li s-segment jista' jitqies parti minnha. Din titfassal minn $\mathbf{S_1'}$, l-għoli *h* mis-superfiċje, fejn h huwa tal-istess tul bħal $\mathbf{RS_1}$, il-perpendikolari mit-trajjettorja tal-art sas-segment. Dan huwa ekwivalenti għar-rotazzjoni tar-rotta tat-titjira estiża proprja mill-angolu γ fuq il-punt **R** (ara l-**Figura 2.7.q**). Diment li **R** huwa fuq il-perpendikolari għal $\mathbf{S_1}$, il-punt fuq is-segment li huwa l-eqreb għal **O**, it-tiswir tal-passaġġ ekwivalenti f'livell huwa l-istess bħal meta **O** jkun maġenb is-segment.

L-eqreb punt ta' avviċinament tal-passaġġ ekwivalenti f'livell għall-osservatur **O** huwa f'$\mathbf{S'}$, b'distanza oblika *d*, b'tali mod li t-triangolu $\mathbf{OCS'}$ ifformat konsegwentement fil-pjan vertikali jiddefinixxi l-angolu ta' elevazzjoni $\beta = \cos^{-1}(\ell/d)$. Għad li din it-trasformazzjoni tista' tidher kemxejn kumplessa, ta' min jinnota li l-ġeometrija bażika tas-sors (iddefinita minn d_1, d_2 u φ) tibqa' l-istess, il-veloċità li tivjaġġa mis-segment *lejn* l-osservatur hija sempliċiment dik li kienet tkun li kieku t-titjira sħiħa tul is-segment inklinat estiż għall-infinit (li għal finijiet ta' mmudellar is-segment jagħmel parti minnu) kienu f'veloċità *V* u potenza P_1 kostanti. L-attenwazzjoni laterali tal-ħoss mis-segment *riċevut* mill-osservatur, minn naħa, mhijiex relatata ma' β_p, l-angolu ta' elevazzjoni tal-passaġġ estiż, iżda ma' β, dak tal-passaġġ ekwivalenti f'livell.

Il-każ ta' osservatur quddiem is-segment mhuwiex deskritt għalih; jidher ċar li essenzjalment dan huwa l-istess bħall-każ meta l-osservatur ikun wara.

Madankollu, għall-metrija tal-livell ta' espożizzjoni fejn il-postijiet tal-osservatur ikunu wara s-segmenti tal-art matul it-tidwir tal-qtugħ u l-postijiet quddiem is-segmenti tal-art matul it-tidwir fuq l-art, il-valur ta' β isir l-istess bħal dak għall-metrija tal-livell massimu, jiġifieri $\beta = \beta_1 = \sin^{-1}(z_1/d_1)$ u $\ell = OC_1 = \sqrt{d_1^2 - z_1^2}$

Il-korrezzjoni tas-segment finit Δ_F (Livelli ta' espożizzjoni L_E biss)

Il-livell bażi aġġustat ta' espożizzjoni għall-istorbju huwa relatat ma' inġenji tal-ajru f'titjira kontinwa, dritta, kostanti f'livell (għad li b'angolu ta' inklinazzjoni laterali ε li huwa inkonsistenti ma' titjira dritta). L-applikazzjoni tal-*korrezzjoni tas-segment finit* (negattiva) $\Delta_F = 10\times\lg(F)$, fejn F hija l-*frazzjoni ta′ enerġija*, tkompli taġġusta l-livell għal dak li kien ikun li kieku l-inġenji tal-ajru qasam is-segment finit biss (jew li kieku kien kompletament sieket għall-bqija tar-rotta tat-titjira infinita).

It-terminu tal-frazzjoni ta' enerġija jagħti kont lid-direttività longitudinali ppronunzjata tal-istorbju tal-inġenju tal-ajru u l-angolu li s-segment jiġi quddiemu fil-pożizzjoni tal-osservatur. Għad li l-proċessi li jikkaġunaw id-direzzjonalità huma ferm kumplessi, l-istudji wrew li l-kontorni li jirriżultaw huma kemmxejn insensittivi għall-karatteristiċi direzzjonali preċiżi supponuti. L-espressjoni għal Δ_F hawn taħt hija bbażata fuq mudell bipolari ta' 90 grad "fourth-power" tar-radjazzjoni tal-ħoss. Huwa supponut li mhijiex affettwata mill-attenwazzjoni u d-direttività laterali. Kif tinkiseb din il-korrezzjoni huwa deskritt f'dettall fl-**Appendiċi E**.

Il-frazzjoni ta' enerġija *F* hija funzjoni tat-triangolu "dehra" $\mathbf{OS_1S_2}$ iddefinit fil-**Figuri 2.7.j sa 2.7.l** b'tali mod li:

▼**M2**

$$\Delta_F = 10 \cdot \lg\left[\frac{1}{\pi}\left(\frac{\alpha_2}{1+\alpha_2^2} + \arctan\alpha_2 - \frac{\alpha_1}{1+\alpha_1^2} - arctan\alpha_1\right)\right] \quad (2.7.45)$$

b'

$$\alpha_1 = -\frac{q}{d_\lambda}; \quad \alpha_2 = -\frac{q-\lambda}{d_\lambda}; \quad d_\lambda = d_0 \cdot 10^{[L_{Ex,}(P,d_p) - L_{max}(P,d_p)]/10}; \quad d_0 = \frac{2}{\pi} \cdot V_{ref} \cdot t_0.$$

fejn d_λ hija magħrufa bħala d-'distanza skalata' (ara l-**Appendiċi E**). Kun af li $L_{max}(P, d_p)$ hija l-livell massimu, mid-dejta NPD, għad-distanza perpendikolari d_p, MHUX is-segment L_{max}.

Huwa rrakkomandat li jiġi applikat limitu inferjuri ta' – 150 dB għal Δ_F.

Fil-każ partikolari tal-postijiet tal-osservatur wara kull segment tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ u kull segment ta' tidwir fuq l-art għal-landjar, tintuża forma mnaqqsa tal-frazzjoni tal-istorbju espressa fl-Ekwazzjoni 2.7.45, li tikkorrispondi għall-każ speċifiku ta' q = 0. Din hija kkalkolata hekk

$$\Delta_{F'} = 10 \log_{10}[(1/\pi)[\alpha_2/(1+\alpha_2^2) + \tan^{-1}\alpha_2]\ 10^{\Delta SOR/10}] \quad (2.7.46)$$

fejn $\alpha_2 = \lambda/d_\lambda$ u Δ_{SOR} hija l-funzjoni tad-direttività tal-bidu tat-tidwir iddefinita bl-ekwazzjonijiet 2.7.51 u 2.7.52.

Il-ħsieb wara l-użu ta' din il-forma partikolari ta' frazzjoni tal-istorbju huwa spjegat ulterjorment fis-sezzjoni ta' hawn taħt, bħala parti mill-metodu ta' applikazzjoni tad-direttività tal-bidu tat-tidwir.

Trattamenti Speċifiċi tas-Segmenti tat-Tidwir fuq l-Art, inkluża l-funzjoni tad-direttività tal-bidu tat-tidwir Δ_{SOR}

Fil-każ ta' segmenti tat-tidwir fuq l-art, kemm għall-qtugħ kif ukoll għal-landjar, huma applikati trattamenti speċifiċi, li huma deskritti hawn taħt.

Il-funzjoni tad-direttività tal-bidu tat-tidwir Δ_{SOR}

L-istorbju tal-inġenji tal-ajru bil-ġett — speċjalment dawk mgħammrin b'magni ta' proporzjon ta' by-pass inqas — juri mudell ta' radjazzjoni b'lobu fl-arkata li sejra lura, li hija karatteristika tal-istorbju tal-egżost tal-ġett. Dan il-mudell jidher iktar aktar ma togħla l-veloċità tal-ġett u iktar ma tkun baxxa l-veloċità tal-inġenju tal-ajru. Dan huwa ta' importanza speċjali għal postijiet tal-osservaturi li jinsabu wara l-bidu tat-tidwir, meta jkunu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet. Dan l-effett jingħata kont permezz ta' funzjoni tad-direttività Δ_{SOR}.

Il-funzjoni Δ_{SOR} ġiet derivata minn bosta kampanji ta' kejl tal-istorbju billi ntużaw mikrofoni mqegħdin b'mod adegwat wara u maġenb l-SOR tal-inġenju tal-ajru ġett tielaq.

Il-**Figura 2.7.r** turi l-ġeometrija rilevanti. L-angolu tal-ażimut ψ bejn l-assi lonġitudinali tal-inġenju tal-ajru u l-vettur għall-osservatur huwa definit minn


$$\psi = \arccos(\frac{q}{d_{SOR}}). \quad (2.7.47)$$

Id-distanza relattiva q hija negattiva (ara l-**Figura 2.7.j**) b'tali mod li ψ ivarja minn 0° fid-direzzjoni tad-direzzjoni 'l quddiem tal-inġenju tal-ajru sa 180° fid-direzzjoni opposta.

▼M2

Figura 2.7.r

Ġeometrija tal-osservatur tal-inġenju tal-ajru fuq l-art għal stima tal-korrezzjoni tad-direttività



Il-funzjoni Δ_{SOR} tirrappreżenta l-varjazzjoni tal-istorbju ġenerali li joħroġ mit-tidwir fuq l-art għall-qtugħ imkejjel wara l-bidu tat-tidwir, b'mod relattiv għall-istorbju ġenerali mit-tidwir fuq l-art għall-qtugħ imkejjel min-naħa tal-SOR, fl-istess distanza:

$$L_{TGR}(d_{SOR},\psi) = L_{TGR}(d_{SOR},90°) + \Delta_{SOR}(d_{SOR},\psi) \quad (2.7.48)$$

fejn $L_{TGR}(d_{SOR},90°)$ huwa l-livell ta' storbju ġenerali tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ iġġenerat mis-segmenti kollha tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ fid-distanza tal-punt d_{SOR} maġenb l-SOR. F'distanzi d_{SOR} inqas minn distanza normalizzanti $d_{SOR,0}$, il-funzjoni tad-direttività tal-SOR tinkiseb permezz ta'

$$\Delta^0_{SOR} = 51{,}47 - 1{,}553 \cdot \psi + 0{,}015147 \cdot \psi^2 - 0{,}000047173 \cdot \psi^3 \quad \text{jekk } 90° \le \psi < 148{,}4° \quad (2.7.49)$$

$$\Delta^0_{SOR} = 339{,}18 - 2{,}5802 \cdot \psi - 0{,}0045545 \cdot \psi^2 + 0{,}000044193 \cdot \psi^3 \quad \text{jekk } 148{,}4° \le \psi \le 180° \quad (2.7.50)$$

Jekk id-distanza d_{SOR} taqbeż id-distanza normalizzanti $d_{SOR,0}$, il-korrezzjoni tad-direttività tiġi mmoltiplikata b'fattur ta' korrezzjoni li jagħti kont lill-fatt li d-direttività tinħass inqas fuq distanzi ikbar mill-inġenju tal-ajru; jiġifieri

$$\Delta_{SOR} = \Delta^0_{SOR} \quad \text{jekk } d_{SOR} \le d_{SOR,0} \quad (2.7.51)$$

$$\Delta_{SOR} = \Delta^0_{SOR} \cdot \frac{d_{SOR,0}}{d_{SOR}} \quad \text{jekk } d_{SOR} > d_{SOR,0} \quad (2.7.52)$$

Id-distanza normalizzanti $d_{SOR,0}$ hija ta' 762 m (2 500 ft).

Trattament tar-riċevituri li jinsabu wara kull segment ta' tidwir fuq l-art għall-qtugħ u l-landjar

Il-funzjoni Δ_{SOR} deskritta hawn fuq tkopri l-iktar l-effett maħsus tad-direttività tas-sehem inizjali tat-tidwir għall-qtugħ fil-postijiet li jinsabu wara l-SOR (għaliex huwa l-eqreb għar-riċevituri, bl-ikbar proporzjon ta' veloċità tal-ġett għall-veloċità tal-inġenju tal-ajru). Madankollu, l-użu tal-hekk stabbilita Δ_{SOR} huwa "ġġeneralizzat" għal pożizzjonijiet wara kull segment tat-tidwir fuq l-art individwali — kemm għall-qtugħ kif ukoll għal-landjar –, u b'hekk mhux biss wara l-punt tal-Bidu tat-Tidwir (fil-każ tal-qtugħ).

Il-parametri d_S u ψ huma kkalkolati b'rabta mal-bidu ta' kull segment tat-tidwir fuq l-art individwali.

Il-livell tal-event L_{seg} għal post wara segment tat-tidwir fuq l-art partikolari għall-qtugħ jew il-landjar huwa kkalkolat biex jikkonforma mal-formaliżmu tal-funzjoni Δ_{SOR}: essenzjalment huwa kkalkolat għall-punt ta' referenza li jinsab maġenb il-punt tal-bidu tas-segment, fl-istess distanza d_S bħall-punt proprju, u jkompli jiġi aġġustat b'Δ_{SOR} biex jinkiseb il-livell tal-event fil-punt proprju.

▼M2

Dan ifisser li t-termini ta' korrezzjoni differenti fl-ekwazzjonijiet ta' hawn taħt għandhom jużaw il-parametri ġeometriċi li jikkorrispondu għal dan il-punt ta' referenza li jinsab maġenb il-punt ta' bidu

$$L_{max,seg} = L_{max}(P,d = d_s) + \Delta_I(\varphi) - \Lambda(\beta,l = d_s) + \Delta_{SOR} \quad (2.7.53)$$

$$L_{E,seg} = L_{E,\infty}(P,d = d_s) + \Delta_V + \Delta_I(\varphi) - \Lambda(\beta,l = d_s) + \Delta'_F + \Delta_{SOR} \quad (2.7.54)$$

fejn Δ'_F hija l-forma mnaqqsa tal-frazzjoni tal-istorbju espressa fl-ekwazzjoni (2.7.46) għall-każ ta' $q = 0$ (peress li l-punt ta' referenza jinsab maġenb il-punt ta' bidu) u filwaqt li jitfakkar li d_λ għandha tiġi kkalkolata billi tintuża d_S (u mhux d_p):

$$d_\lambda = d_0 \cdot 10^{[L_{E\infty}(P,d_s) - L_{max}(P,d_s)]/10} \quad (2.7.55)$$

2.7.20. *Il-livell ta' storbju ta' event L ta' moviment ta' inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali*

Il-metodu deskritt fis-sezzjoni 2.7.19 huwa applikabbli għal inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali b'magna bl-iskrun meta jiġu ttrattati bħala inġenji tal-ajru bl-iskrun fir-rigward tal-effetti tal-installazzjoni tal-magna.

Id-database tal-ANP tinkludi entrati għal bosta inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali. Filwaqt li spiss dawn ikunu l-iktar inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali komuni operattivi, jista' jkun hemm okkażjonijiet li fihom ikun xieraq li tintuża dejta addizzjonali.

Meta l-inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali speċifiċi la ma jkunux magħrufin u lanqas ma jkunu fid-database tal-ANP, huwa rrakkomandat li tintuża d-dejta iktar ġenerika tal-inġenji tal-ajru, GASEPF u GASEPV rispettivament. Dawn is-settijiet ta' dejta jirrappreżentaw inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali żgħar b'magna żgħira li għandhom skrun b'inċidenza fissa u dawk b'inċidenza varjabbli rispettivament. It-tabelli tal-entrati huma ppreżentati fl-anness I (tabelli I-11 I-17)

2.7.21. *Metodu għall-Kalkolu tal-Istorbju tal-Ħelikopter*

Għall-kalkolu tal-istorbju tal-ħelikopter, jista' jintuża l-istess metodu ta' kalkolu użat għal inġenji tal-ajru bi ġwienaħ fissi (spjegat fis-sezzjoni 2.7.14), diment li l-ħelikopters jiġu ttrattati bħala inġenji tal-ajru bl-iskrun u ma jiġux applikati l-effetti tal-installazzjoni tal-magna assoċjati ma' inġenji tal-ajru ġett. It-tabelli tal-entrati għal żewġ settijiet ta' dejta differenti huma ppreżentati fl-Anness I (tabelli I-18 I-27).

2.7.22. *Storbju assoċjat ma' Operazzjonijiet ta' Ttestjar tal-Magna (Run-Up), taxiing u unitajiet ta' potenza awżiljarja*

F'dawn il-każijiet li fihom jitqies li jridu jiġu mmudellati l-istorbju assoċjat mal-ittestjar tal-magna u l-unitajiet ta' potenza awżiljarja, dawn jiġu mmudellati skont il-kapitlu dwar l-istorbju industrijali. Għad li normalment dan ma jkunx il-każ, l-istorbju mit-testijiet tal-magna tal-inġenji tal-ajru (kultant imsejħin "run-ups tal-magna") fl-ajruporti jistgħu jikkontribwixxu għall-impatti tal-istorbju. Normalment jitwettqu għal skopijiet ta' inġinerija sabiex tiġi vverifikata l-prestazzjoni tal-magna, filwaqt li l-inġenji tal-ajru jiġu pożizzjonati f'żona sikura lil hinn minn bini, inġenji tal-ajru, movimenti veikolari u/jew tal-persunal sabiex tiġi evitata kwalunkwe ħsara relatata mal-blast tal-ġett.

▼M2

Għal raġunijiet ta' sikurezza u kontroll tal-istorbju addizzjonali, l-ajruporti, b'mod partikolari dawk b'faċilitajiet ta' manutenzjoni li jistgħu jwasslu għal testijiet spissi tal-magni, jistgħu jinstallaw l-hekk imsejħin "noise pens", interkjużuri b'rażżani tal-ħoss bi 3 naħat iddiżinjati b'mod speċjali għad-devjazzjoni u d-dissipazzjoni tal-blast u l-istorbju tal-ġettijiet. L-investigazzjoni tal-impatt tal-istorbju tat-tali faċilitajiet, li jista' jkompli jiġi attenwat u jitnaqqas bl-użu ta' imbankmenti addizzjonali jew ċnut sostanzjali li jostakolaw storbju, titwettaq l-aħjar billi n-noise pen tiġi ttrattata bħala sors ta' storbju industrijali u jintuża mudell xieraq ta' propagazzjoni ta' storbju u ħoss.

2.7.23. *Kalkolu tal-livelli kumulattivi*

Is-Sezzjonijiet 2.7.14 sa 2.7.19 jiddeskrivu l-kalkolu tal-livell ta' ħoss u tal-istorbju ta' event ta' moviment wieħed tal-inġenju tal-ajru f'post wieħed tal-osservatur. L-espożizzjoni totali għall-istorbju fil-post hija kkalkolata billi jingħaddu l-livelli tal-event tal-movimenti kollha tal-inġenji tal-ajru li huma sinifikanti għall-istorbju, jiġifieri l-movimenti kollha, f'direzzjoni 'l ġewwa jew 'il barra, li jinfluwenzaw il-livell kumulattiv.

2.7.24. *Livelli ekwivalenti ta' pressjoni tal-ħoss ponderat*

Il-livelli ekwivalenti ta' pressjoni tal-ħoss ponderat għall-ħin, li jagħtu kont lill-enerġija sinifikanti riċevuta kollha tal-ħoss, għandhom jinkisbu b'mod ġeneriku mill-formula

$$L_{eq,W} = 10 \cdot \lg \left[\frac{t_0}{T_0} \cdot \sum_{i=1}^{N} g_i \cdot 10^{L_{E,i}/10} \right] + C \qquad (2.7.56)$$

L-għadd isir għall-eventi ta' storbju N kollha matul il-perjodu ta' żmien T_0 li għalih japplika l-indiċi tal-istorbju. $L_{E,i}$ huwa l-livell ta' espożizzjoni għall-istorbju ta' event wieħed tal-event ta' storbju numru i. g_i huwa l-fattur ta' ponderazzjoni dipendenti fuq il-ħin tal-ġurnata (normalment iddefinit mill-perjodi ta' jum, filgħaxija u lejl). Effettivament, g_i huwa moltiplikatur għan-numru ta' titjiriet li jseħħu matul il-perjodi speċifiċi. Il-kostanti C jista' jkollu tifsiriet differenti (kostanti normalizzanti, aġġustament staġjonali, eċċ.).

L-użu tar-relazzjoni

$$g_i = 10^{\Delta_i/10}$$

fejn Δ_i hija l-ponderazzjoni f'deċibel għall-perjodu numru i, l-ekwazzjoni 2.7.56 tista' tiġi mmodifikata sabiex issir hekk

$$L_{eq,W} = 10 \cdot \lg \left[\frac{t_0}{T_0} \sum_{i=1}^{N} 10^{(L_{E,i}+\Delta_i)/10} \right] + C \qquad (2.7.57)$$

jiġifieri l-ponderazzjoni tal-ħin tal-ġurnata jintwera permezz ta' kumpens tal-livell addittiv.

2.7.25. *In-numru ponderat ta' operazzjonijiet*

Il-livell kumulattiv ta' storbju huwa stmat billi jingħaddu l-kontribuzzjonijiet mit-tipi jew il-kategoriji differenti kollha ta' inġenji tal-ajru li jużaw ir-rotot tat-titjira differenti li jsawru x-xenarju tal-ajruport.

Biex jiġi deskritt dan il-proċess ta' għadd, huma introdotti s-sottoskritti li ġejjin:

i l-indiċi għat-tip jew kategoriji ta' inġenju tal-ajru

j l-indiċi għat-trajjettorja jew is-subtrajjettorja tat-titjira (jekk huma ddefiniti subtrajjettorji)

k l-indiċi għas-segment tat-trajjettorja tat-titjira

Ħafna indiċijiet tal-istorbju — speċjalment il-livelli ekwivalenti ta' pressjoni tal-ħoss — jinkludu l-fatturi ta' ponderazzjoni tal-ħin tal-ġurnata g_i fid-definizzjoni tagħhom (ekwazzjoni 2.7.56 u 2.7.57).

▼M2

Il-proċess tal-għadd jista' jiġi ssimplifikat billi jiddaħħal "numru ponderat ta' operazzjonijiet"

$$M_{ij} = (g_{day} \cdot N_{ij,day} + g_{evening} \cdot N_{ij,evening} + g_{night} \cdot N_{ij,night}) \quad (2.7.58)$$

Il-valuri N_{ij} jirrappreżentaw in-numri ta' operazzjonijiet tat-tip/kategorija tal-inġenji tal-ajru i fuq it-trajjettorja (jew subtrajjettorja) j matul il-perjodu tal-ġurnata, filgħaxija u billejl rispettivament [1].

Mill-ekwazzjoni (2.7.57) il-livell ta' pressjoni tal-ħoss kumulattiv ekwivalenti (ġeneriku) L_{eq} fil-punt ta' osservazzjoni (x,y) huwa

$$L_{eq,W}(x,y) = 10 \cdot \lg\left[\frac{t_0}{T_0} \cdot \sum_i \sum_j \sum_k M_{ij} \cdot 10^{L_{E,ijk}(x,y)/10}\right] + C \quad (2.7.59)$$


T_0 huwa l-perjodu ta' żmien ta' referenza. Minbarra l-fatturi ta' ponderazzjoni g_i jiddependi wkoll fuq id-definizzjoni speċifika tal-indiċi ponderat użat (eż. L_{DEN}). $L_{E,ijk}$ hija l-kontribuzzjoni tal-livell ta' storbju ta' event wieħed mis-segment k tat-trajjettorja jew subtrajjettorja j għal operazzjoni ta' inġenju tal-ajru tal-kategorija i. L-istima ta' $L_{E,ijk}$ hija deskritta f'dettall fis-sezzjonijiet 2.7.14 sa 2.7.19.

2.7.26. *Kalkolu standard tal-grilja u rfinar*

Meta l-kontorni tal-istorbju jinkisbu permezz ta' interpolazzjoni bejn il-valuri tal-indiċi f'punti tal-grilja bi spazju rettangolari, il-preċiżjoni tagħhom tiddependi fuq l-għażla tal-ispazjar tal-grilja (jew id-daqs tax-xibka) Δ_G, speċjalment fi ħdan iċ-ċelloli fejn il-gradjenti l-kbar fid-distribuzzjoni spazjali tal-indiċi jikkaġunaw kurvatura dejqa tal-kontorni (ara l-**Figura 2.7.s**). L-iżbalji fl-interpolazzjoni jitnaqqsu b'tidjiq tal-ispazjar tal-grilja, iżda peress li dan iżid in-numru ta' punti tal-grilja, hekk ukoll jiżdied il-ħin tal-kalkolu. L-ottimizzazzjoni tax-xibka tal-grilja regolari tinvolvi l-ibbilanċjar tal-preċiżjoni tal-immudellar u l-ħin operattiv.

Figura 2.7.s

Grilja standard u rfinar tal-grilja



[1] Il-perjodi ta' żmien jistgħu jvarjaw minn dawn it-tlieta, skont id-definizzjoni tal-indiċi tal-istorbju użat.

▼**M2**

Titjib ċar fl-effiċjenza tal-kalkolu li jforni riżultati iktar preċiżi huwa li tintuża grilja irregolari biex tiġi rfinata l-interpolazzjoni fiċ-ċelloli kritiċi. It-teknika, murija fil-**Figura 2.7.s,** hija li x-xibka tiddejjaq lokalment, biex il-parti l-kbira tal-grilja tibqa' kif inhi. Dan malajr isir u jinkiseb billi jittieħdu l-passi li ġejjin:

1. Definizzjoni tad-differenza tal-limitu ta' rfinar ΔL_R għall-indiċi tal-istorbju.

2. Kalkolu tal-grilja bażika għal spazjar Δ_G.

3. Kontroll tad-differenzi ΔL tal-valuri tal-indiċi bejn in-nodi tal-grilja biswit.

4. Jekk hemm xi differenzi $\Delta L > \Delta L_R$, definizzjoni ta' grilja ġdida bi spazjar $\Delta_G/2$ u stima tal-livelli għan-nodi l-ġodda bil-mod li ġej:

$$\text{Jekk} \begin{cases} \Delta L \leq \Delta L_R \\ \\ \Delta L > \Delta L_R \end{cases} \text{ ikkalkila l-valur il ġdid } \begin{cases} \text{b'interpolazzjoni lineari minn dawk biswit} \\ \\ \text{kompletament mill-ġdid mid-deta mdaħħla bażika} \end{cases}$$

5. Ripetizzjoni tal-passi 1–4 sakemm id-differenzi kollha jkunu inqas mid-differenza limitu.

6. Stima tal-kontorni b'interpolazzjoni lineari.


Jekk il-medda ta' valuri tal-indiċi trid tiġi aggregata ma' oħrajn (eż. meta jiġu kkalkolati indiċijiet ponderati bl-għadd ta' kontorni separati għal matul il-jum, filgħaxija u billejl), trid tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-grilji separati huma l-istess.

2.7.27. *Użu ta' grilji mdawrin*

F'ħafna każijiet prattiċi, il-vera forma ta' kontorn tal-istorbju għandha t-tendenza li tkun simmettrika fuq trajjettorja tal-art. Madankollu, jekk id-direzzjoni ta' din it-trajjettorja ma tkunx allinjata mal-grilja tal-kalkolu, dan jista' jirriżulta f'forma asimmetrika tal-kontorn.

Figura 2.7.t

Użu ta' grilja mdawra



Mod sempliċi biex jiġi evitat dan l-effett huwa li titnaqqas il-grilja. Madankollu dan iżid il-ħin ta' kalkolu. Soluzzjoni iktar eleganti hija r-rotazzjoni tal-grilja ta' kalkolu sabiex id-direzzjoni tagħha ssir parallela għat-trajjettorji ewlenin tal-art (jiġifieri normalment paralleli għar-runway ewlenija). Il-**Figura 2.7.t** turi l-effett ta' rotazzjoni tal-grilja bħal din fuq il-forma tal-kontorn.


▼**M2**

2.7.28. *Traċċar tal-kontorni*

Algoritmu ferm effiċjenti fil-ħin li jelimina l-ħtieġa ta' kalkolu ta' medda sħiħa ta' grilja ta' valuri tal-indiċi askapitu ta' kumplessità ftit ikbar fil-kalkolu huwa li jiġi ttraċċat il-passaġġ tal-kontorn, punt, punt. Din l-għażla teħtieġ li jittieħdu u jiġu ripetuti żewġ passi bażiċi (ara l-**Figura 2.7.u**):

Figura 2.7.u

Kunċett ta' algoritmu ta' traċċar




L-ewwel pass huwa li jinstab l-ewwel punt $\mathbf{P_1}$ fuq il-kontorn. Dan isir billi jiġu kkalkolati l-livelli tal-indiċi tal-istorbju L fi stadji ekwidistanti tul "raġġ ta' tiftix" li huwa mistenni jaqsam il-kontorn meħtieġ tal-livell L_C. Meta jinqasam il-kontorn, id-differenza $\delta = L_C - L$ tibdel is-sinjal. Jekk iseħħ hekk, il-wisa' tal-istadju tul ir-raġġ tonqos bin-nofs u d-direzzjoni tat-tiftix titreġġa' lura. Dan isir sakemm δ issir inqas minn limitu ta' preċiżjoni predefinita.

It-tieni pass, li jibqa' jiġi ripetut sakemm il-kontorn jiġi definit kif suppost, huwa li jinstab il-punt li jmiss fuq il-kontorn L_C — li huwa f'distanza speċifika tal-linja dritta speċifikata r mill-punt attwali. Matul l-istadji angolari konsekuttivi, il-livelli tal-indiċi u d-differenzi δ huma kkalkolati fi tmiem il-vetturi li jiddeskrivu arkata b'raġġ r. Billi b'mod simili jitnaqqsu bin-nofs u jitreġġgħu lura ż-żidiet, din id-darba fid-direzzjonijiet tal-vettur, il-punt ta' kontorn li jmiss jiġi stabbilit fi ħdan preċiżjoni predefinita.

Figura 2.7.v

Parametri ġeometriċi li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-algoritmu tat-traċċar



Għandhom jiġu imposti ċerti restrizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-kontorn huwa stmat bi grad suffiċjenti ta' preċiżjoni (ara l-**Figura .2.7.v**):

1. It-tul tal-korda Δc (id-distanza bejn iż-żewġ punti ta' kontorn) għandu jkun fi ħdan intervall $[\Delta c_{min}, \Delta c_{max}]$, eż. [10 m, 200 m].

2. Il-proporzjon tat-tul bejn iż-żewġ kordi biswit xulxin ta' tul Δc_n u Δc_{n+1} għandu jkun limitat, eż. $0{,}5 < \Delta c_n / \Delta c_{n+1} < 2$.

3. Jekk it-tul tal-korda joqgħod tajjeb mal-kurvatura tal-kontorn, għandha tiġi ssodisfata l-kundizzjoni li ġejja:

$$\Phi_n \cdot \max(\Delta c_{n-1}, \Delta c_n) \leq \varepsilon \qquad (\varepsilon \approx 15 \text{ m})$$

fejn f_n hija d-differenza fid-direzzjonijiet tal-kordi.

▼M2

L-esperjenza b'dan l-algoritmu għallmet li, bħala medja, iridu jiġu kkalkolati bejn 2 u 3 valuri tal-indiċi biex jiġi stabbilit punt ta' kontorn bi preċiżjoni ta' iktar minn 0,01 dB.

Speċjalment meta jridu jiġi kkalkolati kontorni kbar, dan l-algoritmu jħaffef il-ħin tal-kalkolu b'mod drammatiku. Madankollu, ta' min jinnota li l-implimentazzjoni tiegħu teħtieġ esperjenza, speċjalment meta kontorn jiġi disaggregat f'taqsimiet separati.

2.8. **Assenjazzjoni ta' livelli ta' storbju u popolazzjoni għall-binjiet**

Għall-valutazzjoni tal-esponiment għall-istorbju tal-popolazzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati binjiet residenzjali biss. Ebda persuna ma għandha tiġi assenjata għal binjiet oħrajn mingħajr użu residenzjali bħal skejjel, sptarijiet, binjiet ta' uffiċini jew fabbriki. L-assenjament tal-popolazzjoni għall-binjiet residenzjali għandu jkun imsejjes fuq l-aħħar dejta uffiċjali (skont ir-regolamenti rilevanti tal-Istati Membri).

Peress li l-kalkolu tal-inġenji tal-ajru jsir fuq grilja ta' riżoluzzjoni ta' 100 m × 100m, il-każ speċifiku ta' storbju tal-inġenji tal-ajru, il-livelli għandhom ikunu interpolati fuq il-bażi tal-eqreb livelli ta' storbju tal-grilja.

Determinazzjoni tan-numru ta′ abitanti ta′ bini

In-numru ta' abitanti ta' bini residenzjali huwa parametru intermedju importanti għall-istima tal-esponiment għall-istorbju. B'xorti ħażina, dejta fuq dan il-parametru mhux dejjem tkun disponibbli. Hawn taħt huwa speċifikat kif dan il-parametru jista' jinkiseb minn dejta iktar faċilment disponibbli.

Is-simboli użati f'dawn li ġejjin huma:

BA = l-erja tal-bażi tal-bini

DFS = spazju tal-art tal-abitazzjoni

DUFS = spazju tal-art tal-unità tal-abitazzjoni

H = għoli tal-bini

FSI = spazju tal-art tal-abitazzjoni għal kull abitant

Inh = numru ta' abitanti

NF = numru ta' sulari

V = volum ta' binjiet residenzjali

Għall-kalkolu tan-numru ta' abitanti, għandha tintuża l-proċedura tal-ewwel każ jew inkella l-proċedura tat-tieni każ li ġejjin, skont id-disponibbiltà tad-dejta.

L-EWWEL KAŻ: id-dejta dwar in-numru ta' abitanti hija disponibbli

1A: In-numru ta' abitanti huwa magħruf jew ġie stmat fuq il-bażi tal-unitajiet tal-abitazzjoni. F'dan il-każ, in-numru ta' abitanti ta' bini huwa s-somma tan-numru ta' abitanti tal-unitajiet tal-abitazzjoni kollha fil-bini:

$$Inh_{building} = \sum_{i=1}^{n} Inh_{dwelling_{unit_i}} \quad (2.8.1)$$

1 B: In-numru ta' abitanti huwa magħruf biss għal entitajiet ikbar minn bini, eż. naħat ta' blokok, blokok, distretti jew saħansitra muniċipalità sħiħa. F'dan il-każ, in-numru ta' abitanti ta' bini huwa stmat fuq il-bażi tal-volum tal-bini:

$$Inh_{building} = \frac{V_{building}}{V_{total}} \times Inh_{total} \quad (2.8.2)$$

L-indiċi " hawnhekk jirreferi għall-entità rispettiva kkunsidrata. Il-volum tal-bini huwa l-moltiplikazzjoni tal-erja tal-bażi tiegħu u l-għoli tiegħu:

▼M2

$$V_{building} = BA_{building} \times H_{building} \quad (2.8.3)$$

Jekk l-għoli tal-bini mhuwiex magħruf, għandu jiġi stmat fuq il-bażi tan-numru ta' sulari $NF_{building}$, billi jiġi supponut għoli medju ta' 3 m għal kull sular:

$$H_{building} = NF_{building} \times 3 \text{ m} \quad (2.8.4)$$

Jekk lanqas in-numru ta' sulari ma huwa magħruf, għandu jintuża valur prestabbilit għan-numru ta' sulari li jirrappreżenta d-distrett jew il-borough.

Il-volum totali ta' binjiet residenzjali fl-entità kkunsidrata V_{total} huwa kkalkolat bħala s-somma tal-volumi tal-binjiet residenzjali kollha fl-entità:

$$V_{total} = \sum_{i=1}^{n} V_{building_i} \quad (2.8.5)$$

IT-TIENI KAŻ: ma hemm ebda dejta disponibbli fuq in-numru ta' abitanti

F'dan il-każ, in-numru ta' abitanti huwa stmat fuq il-bażi tal-ispazju tal-art tal-abitazzjoni medju għal kull abitant *FSI*. Jekk dan il-parametru mhuwiex magħruf, għandu jintuża valur nazzjonali prestabbilit.

2 A: L-ispazju tal-art tal-abitazzjoni huwa magħruf fuq il-bażi tal-unitajiet tal-abitazzjoni. F'dan il-każ, in-numru ta' abitanti ta' kull unità tal-abitazzjoni huwa stmat kif ġej:

$$Inh_{dwelling_{unit_i}} = \frac{DUFS_i}{FSI} \quad (2.8.6)$$

In-numru ta' abitanti tal-bini issa jista' jiġi stmat bħal fil-KAŻ 1A iktar 'il fuq.

2 B: L-ispazju tal-art tal-abitazzjoni huwa magħruf għall-bini sħiħ, jiġifieri s-somma tal-ispazji tal-art tal-abitazzjoni tal-unitajiet tal-abitazzjoni kollha fil-bini huwa magħruf. F'dan il-każ, in-numru ta' abitanti huwa stmat kif ġej:

$$Inh_{building} = \frac{DFS_{building}}{FSI} \quad (2.8.7)$$

2C: L-ispazju tal-art tal-abitazzjoni huwa magħruf biss għal entitajiet ikbar minn bini, eż. naħat ta' blokok, blokok, distretti jew saħansitra muniċipalità sħiħa.

F'dan il-każ, in-numru ta' abitanti ta' bini huwa stmat fuq il-bażi tal-volum tal-bini kif deskritt fil-KAŻ 1B iktar 'il fuq bin-numru totali ta' abitanti stmat kif ġej:

$$Inh_{total} = \frac{DFS_{total}}{FSI} \quad (2.8.8)$$

2D: L-ispazju tal-art tal-abitazzjoni mhuwiex magħruf. F'dan il-każ, in-numru ta' abitanti ta' bini huwa stmat kif deskritt fil-KAŻ 2B iktar 'il fuq bl-ispazju tal-art tal-abitazzjoni stmat kif ġej:

$$DFS_{building} = BA_{building} \times 0{,}8 \times NF_{building} \quad (2.8.9)$$

Il-fattur 0.8 huwa l-fattur ta' konverżjoni *erja tal-art gross → spazju tal-art tal-abitazzjoni.* Jekk fattur differenti ikun magħruf li jirrappreżenta l-erja, dan għandu jintuża minflok u jiġi ddokumentat biċ-ċar.

▼**M2**

Jekk in-numru ta' sulari tal-bini mhuwiex magħruf, għandu jkun stmat fuq il-bażi tal-għoli tal-bini, $H_{building}$, li tipikament jirriżulta f'numru mhux sħiħ ta' sulari:

$$NF_{building} = \frac{H_{building}}{3\ \text{m}} \tag{2.8.10}$$

Jekk la l-għoli tal-bini u lanqas in-numru ta' sulari ma jkun magħruf, għandu jintuża valur prestabbilit għan-numru ta' sulari li jirrappreżenta d-distrett jew il-borough.

Assenjazzjoni tal-punti riċeventi għall-faċċati tal-binjiet


Il-valutazzjoni tal-espożizzjoni tal-popolazzjoni għall-istorbju hija bbażata fuq livelli tal-punt riċeventi f'4 m 'il fuq mil-livell tal-art quddiem il-faċċati tal-bini ta' binjiet residenzjali.

Għall-kalkolu tan-numru ta' abitanti, għandha tintuża l-proċedura tal-ewwel każ jew il-proċedura tat-tieni każ li ġejjin għal sorsi ta' storbju bbażati fuq l-art. Għal storbju tal-inġenji tal-ajru kkalkolati skont 2.6, il-popolazzjoni kollha ta' bini hija assoċjata mal-eqreb punt ta' kalkolu tal-istorbju fuq il-grilja.

L-EWWEL KAŻ

Figura a

Eżempju tal-pożizzjoni tar-riċevituri madwar bini skont il-proċedura tal-EWWEL KAŻ.



a) Is-segmenti b'tul ta' iktar minn 5 m jinqasmu f'intervalli regolari tal-itwal tul possibbli, iżda ta' 5 m jew inqas. Il-punti riċeventi jitqiegħdu f'nofs kull intervall regolari.

b) Is-segmenti li jifdal ta' iktar minn 2,5 m huma rrappreżentati minn punt riċeventi f'nofs kull segment.

c) Is-segmenti biswit li jifdal b'tul totali ta' iktar minn 5 m jitqiesu oġġetti polilinja b'mod simili għal dak deskritt f'a) u b).

d) In-numru ta' abitanti allokati f'punt riċeventi, għandu jiġi ponderat skont it-tul tal-faċċata rrappreżentata sabiex is-somma fuq il-punti riċeventi kollha tkun tirrappreżenta n-numru totali ta' abitanti.


e) Għall-binjiet b'daqsijiet tal-art li jindikaw tal-abitazzjoni waħda għal kull sular biss, il-livell ta' storbju tal-iktar faċċata esposta jintuża direttament għall-istatistika u huwa relatat man-numru ta' abitanti.

▼**M2**

IT-TIENI KAŻ

Figura b

Eżempju ta' pożizzjoni tar-riċevituri madwar bini skont il-proċedura tat-TIENI KAŻ.



a) Il-faċċati jiġu kkunsidrati għalihom jew jinqasmu kull 5 m mill-pożizzjoni tal-bidu 'l hemm, b'pożizzjoni tar-riċevitur imqiegħda fid-distanza tan-nofs mill-faċċata jew is-segment ta' 5m

b) Is-sezzjoni li jifdal għandha l-punt riċeventi tagħha fil-punt tan-nofs tagħha.

c) In-numru ta' abitanti allokati f'punt riċeventi, għandu jiġi ponderat skont it-tul tal-faċċata rrappreżentata sabiex is-somma fuq il-punti riċeventi kollha tkun tirrappreżenta n-numru totali ta' abitanti.

d) Għall-binjiet b'daqsijiet tal-art li jindikaw tal-abitazzjoni waħda għal kull sular biss, il-livell ta' storbju tal-iktar faċċata esposta jintuża direttament għall-istatistika u huwa relatat man-numru ta' abitanti.

3. DEJTA MDAĦĦLA

Id-dejta mdaħħla li trid tintuża kif xieraq b'rabta mal-metodi deskritti hawn fuq tingħata fl-Appendiċi F sal-Appendiċi I.

F'każijiet li fihom id-dejta mdaħħla pprovduta fl-Appendiċi F sal-Appendiċi I ma tkunx applikabbli jew tikkaġuna devjazzjonijiet mill-valur veru li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ippreżentati fi 2.1.2 u 2.6.2, jistgħu jintużaw valuri oħrajn, diment li l-valuri użati u l-metodoloġija użata biex jinkisbu jkunu ddokumentati biżżejjed, inkluż billi tintwera l-idoneità tagħhom. Din l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika.

4. METODI TA' KEJL

F'każijiet li, għal xi raġuni, isir xi kejl fihom, dawn għandhom ikunu konformi mal-prinċipji li jirregolaw il-kejliet medji fit-tul stipulati fl-ISO 1996-1:2003 u l-ISO 1996-2:2007 jew, għall-istorbju tal-inġenji tal-ajru, l-ISO 20906:2009.

▼M2

Appendiċi A

Rekwiżiti tad-dejta

Is-Sezzjoni 2.7.6 tat-test ewlieni tiddeskrivi f'termini ġenerali r-rekwiżiti għad-dejta speċifika għall-każ li tiddeskrivi ajruport u l-operazzjonijiet tiegħu li huma meħtieġa għall-kalkoli tal-kontorn tal-istorbju. L-iskedi tekniċi li ġejjin huma mimlijin b'dejta rappreżentattiva għal ajruport ipotetiku. Ġeneralment, formati speċifiċi tad-dejta jkunu jiddependu mir-rekwiżiti u l-ħtiġijiet għas-sistema partikolari ta' mmudellar tal-istorbju kif ukoll ix-xenarju tal-istudju.

Nota: Huwa rakkomandat li l-informazzjoni ġeografika (punti ta' referenza eċċ.) tiġi speċifikata f'koordinati Kartežjani. L-għażla tas-sistema partikolari ta' koordinati normalment tiddependi mill-mapep disponibbli.

A1 DEJTA ĠENERALI DWAR L-AJRUPORT

Dežinjazzjoni tal-ajrudrom	Ajruport Ipotetiku	
Sistema ta' koordinati	UTM, Żona 15, Datum WGS-84	
Punt ta' referenza tal-ajrudrom, ARP	3 600 000 m LV	6 300 000 m T
	Punt tan-nofs tar-runway 09L-27R	
Altitudni tal-ARP	120 m /	
Temperatura medja tal-arja fl-ARP (*)	12,0 °C	
Umdità relattiva medja fl-ARP (*)	60 %	
Veloċità medja u direzzjoni tar-riħ (*)	5 kt	270 grad
Sors tad-dejta topografika	Mhux magħruf	
(*) Irrepeti għal kull intervall ta'ħin ta' interess (ħin tal-ġurnata, staġun eċċ.)		

A2 DESKRIZZJONI TAR-RUNWAY

Dežinjazzjoni tar-runway	09L	
Bidu tar-runway	3 599 000 m E	6 302 000 m N
Tmiem ir-runway	3 603 000 m E	6 302 000 m N
Bidu tat-tidwir	3 599 000 m E	6 302 000 m N
Soll tal-landjar	3 599 700 m E	6 302 000 m N
Altitudni tal-bidu tar-runway	110 m	
Gradjent medju tar-runway	0,001	

Għal-limiti spustati, id-deskrizzjoni tar-runway tista' tiġi ripetuta jew il-limiti spustati jistgħu jiġu deskritti fis-sezzjoni ta' deskrizzjoni tat-trajjettorja tal-art.

▼M2

A3 DESKRIZZJONI TAT-TRAJJETTORJA TAL-ART

Fin-nuqqas ta' dejta tar-radar, hemm bżonn tal-informazzjoni li ġejja biex jiġu deskritti trajjettorji partikolari tal-art.

Nru tat-trajjettorja	001
Deżinjazzjoni tat-trajjettorja	Dep 01 – 09L
Mir-runway	09L
Tip ta' trajjettorja	Tluq
Spustament mill-bidu tat-tidwir	0 m
Numru ta' subtrajjettorji:	7

Deskrizzjoni tat-trajjettorja taċ-ċentru

Nru tas-segment	Dritt [m]	Kurva			Devjazzjoni standard għad-dispersjoni laterali fi tmiem is-segment [m]
		L/R	Bidla fid-direzzjoni [°]	Raġġ [m]	
1	10 000				2 000
3		R	90,00	3 000	2 500
4	20 000				3 000

Nru tat-trajjettorja	002
Deżinjazzjoni tat-trajjettorja	App 01 – 09L – Disp 300
Mir-runway	09L
Tip ta' trajjettorja	Avviċinament
Spostament mis-soll tal-landjar	300 m
Numru ta' subtrajjettorji:	1

Deskrizzjoni tat-trajjettorja taċ-ċentru

Nru tas-segment	Dritt [m]	Kurva			Devjazzjoni standard għad-dispersjoni laterali fi tmiem is-segment [m]
		L/R	Bidla fid-direzzjoni [°]	Raġġ [m]	
1	30 000				0

Informazzjoni dwar it-trajjettorja ta' avviċinament	
Angolu tal-glide għal trajjettorji ta' avviċinament	2,7°
Altitudni tat-titjira fl-interċezzjoni tax-xaqliba tal-glide	4 000 pied

▼M2

A4 DESKRIZZJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

Perjodu ta' żmien ta' referenza	366 d (01-01-2014 sal-31-12-2014)	= 8 784 h
Perjodu tal-ħin tal-ġurnata I	Mis-7 sas-19 h	= 12 h
Perjodu tal-ħin tal-ġurnata II	Mis-19 sal-23 h	= 4 h
Perjodu tal-ħin tal-ġurnata III	Mill-23 sas-7 h	= 8 h

SKEDA TEKNIKA GĦAD-DESKRIZZJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU – MOVIMENTI GĦAL KULL TRAJJETTORJA			
Nru tat-trajjettorja tal-art		001	
Dežinjazzjoni tat-trajjettorja		Dep 01 – 09L	
Dežinjazzjoni tal-inġenji tal-ajru	**Movimenti matul il-perjodu tal-ħin**		
	I	**II**	**III**
A/C 1, Dep.1	20 000	4 000	1 000
A/C 2, Dep.4	10 000	5 000	500
A/C 4, Dep.3	2 000	300	0
Nru tat-trajjettorja tal-art		002	
Dežinjazzjoni tat-trajjettorja		Dep 01 – 09L – Disp 300	
Dežinjazzjoni tal-inġenju tal-ajru	**Movimenti matul il-perjodu tal-ħin**		
	I	**II**	**III**
A/C 1, App.1	18 000	2 000	5 000
A/C 2, App.1	10 000	3 000	2 500
A/C 4, App.1	1 300	0	1 000

▼M2

A5 SKEDA TA' DEJTA TAL-PROĊEDURA TAT-TITJIRA

Eżempju ta' inġenju tal-ajru għal Boeing 727-200 tal-Kapitlu 3 kif derivat mir-radar bl-użu tal-gwida stipulata fis-sezzjoni 2.7.9 tat-test ewlieni.

Deżinjazzjoni tal-inġenju tal-ajru	B727C3
Identifikatur tal-NPD mid-database tal-ANP	JT8E5
Nru ta' magni	3
Modalità tal-operazzjoni	Tluq
Massa proprja tal-inġenju tal-ajru [t]	71,5
Riħ in pruwa [m/s]	5
Temperatura [°C]	20
Elevazzjoni tal-ajruport [m]	83

Nru tas-Segment	Dist. mill-PR ([1]) [m]	Għoli [m]	Veloċità fuq l-art [m/s]	Potenza tal-Magna ([2])
1	0	0	0	14 568
2	2 500	0	83	13 335
3	3 000	117	88	13 120
4	4 000	279	90	13 134
5	4 500	356	90	13 147
6	5 000	431	90	13 076
7	6 000	543	90	13 021
8	7 000	632	93	12 454
9	8 000	715	95	10 837
10	10 000	866	97	10 405
11	12 000	990	102	10 460
12	14 000	1 122	111	10 485
13	16 000	1 272	119	10 637
14	18 000	1 425	125	10 877
15	20 000	1 581	130	10 870
16	25 000	1 946	134	10 842
17	30 000	2 242	142	10 763

([1]) Il-punt ta' referenza PR huwa l-bidu tat-tidwir għal tluq u s-soll tal-landjar għal avviċinamenti.
([2]) Unitajiet li jikkorrispondu għal unitajiet fid-database tal-ANP

▼**M2**

Eżempju għal profil proċedurali msejjes fuq dejta ta' A/C maħżuna f'database tal-ANP:

Deżinjazzjoni tal-inġenju tal-ajru mid-database tal-ANP	B727C3
Identifikatur tal-NPD mid-database tal-ANP	JT8E5
Nru ta' magni	3
Modalità tal-operazzjoni	Tluq
Massa proprja tal-inġenju tal-ajru [t]	71,5
Riħ in pruwa [m/s]	5
Temperatura [°C]	15
Elevazzjoni tal-ajruport [m]	100

Nru tas-Segment	Modalità	Mira	Flaps	Potenza tal-Magna
1	Qtugħ		5	Qtugħ
2	Tlugħ Inizjali	Altitudni 1 500 pied	5	Qtugħ
3	Għeluq tal-Flaps	210 kts IAS ROC 750 pied/min	0	Tlugħ Massimu
4	Aċċelerazzjoni	250 kts IAS ROC 1 500 pied/min	0	Tlugħ Massimu
5	Tlugħ	10 000 pied	0	Tlugħ Massimu

▼M2

Appendiċi B

Kalkoli tal-prestazzjoni tat-titjira

Termini u simboli

It-termini u s-simboli użati f'dan l-appendiċi huma konsistenti ma' dawk użati b'mod konvenzjonali mill-inġiniera tal-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru. Ċerti termini bażiċi huma spjegati fil-qosor hawn taħt għall-benefiċċju tal-utenti li mhumiex midħla tagħhom. Biex jitnaqqas il-kunflitt mal-approċċ ewlieni tal-metodu, fil-parti l-kbira tagħhom is-simboli huma ddefiniti għalihom f'dan l-appendiċi. Il-kwantitajiet li għalihom issir referenza fl-approċċ ewlieni tal-metodu huma assenjati simboli komuni; fttit li jintużaw b'mod differenti f'dan l-appendiċi huma mmarkati b'asterisk (*). Hemm ċerta ġustapożizzjoni tal-unitajiet tal-Istati Uniti u dawk tal-SI; għal darb'oħra, dan isir sabiex jinżammu konvenzjonijiet li l-utenti minn dixxiplini differenti huma midħla tagħhom.

Termini

Punt tal-ksur	Ara Klassifikar Fiss
Veloċità fl-ajru kkalibrata	(Tissejjaħ ukoll veloċità fl-ajru ekwivalenti jew indikata.) Il-veloċità tal-inġenju tal-ajru fir-rigward tal-arja kif indikat minn strument ikkalibrat fuq l-inġenju tal-ajru. Il-veloċità ajrudinamika reali, li normalment tkun ikbar, tista' tiġi kkalkolata mill-veloċità fl-ajru kkalibrata jekk tkun magħrufa d-densità tal-arja.
Forza propulsiva netta kkoreġuta	Il-forza propulsiva netta hija l-forza propulsiva li magna tagħmel fuq il-qafas tal-inġenju tal-ajru. F'parametru tal-potenza partikolari (*EPR* jew N_1) din tinżel mad-densità tal-arja hekk kif tiżdied l-altitudni; il-forza propulsiva netta kkoreġuta hija l-forza propulsiva f'livell tal-baħar.
Klassifikar fiss	Għal temperaturi massimi speċifiċi tal-komponent, il-forza propulsiva tal-magna taqa' hekk kif tiżdied it-temperatura ambjentali - u *viċe versa*. Dan ifisser li hemm temperatura tal-arja kritika li jekk tinqabeż ma tistax tinkiseb *forza propulsiva kklassifikata*. Għal ħafna mill-magni moderni, din tissejjaħ "temperatura bi klassifikazzjoni fissa" għaliex, f'temperaturi tal-arja aktar baxxi, il-forza propulsiva tiġi llimitata b'mod awtomatiku għall-forza propulsiva kklassifikata sabiex jibqgħu jaħdmu għall-itwal żmien possibbli. Il-forza propulsiva tinżel xorta waħda f'temperaturi li jaqbżu t-temperatura bi klassifikazzjoni fissa - li spiss tissejjaħ il-*punt tal-ksur* jew *temperatura tal-ksur*.
Veloċità	Kobor tal-vettur tal-veloċità tal-inġenju tal-ajru (relattiv għas-sistema ta' koordinati tal-ajrudrom)
Forza propulsiva kklassifikata	Kemm iddum tajba magna ta' inġenju tal-ajru jiddependi ħafna mit-temperaturi operattivi tal-komponenti tagħha. Iktar ma tkun għolja l-potenza jew il-forza propulsiva ġġenerata, iktar ser jogħlew it-temperaturi u inqas se ddum taħdem. Biex jiġu bbilanċjati r-rekwiżiti ta' prestazzjoni u tul tal-ħajja tal-magna, il-magni bi klassifikazzjoni fissa jiġu assenjati

▼M2

	klassifikazzjonijiet tal-forza propulsiva għall-qtugħ, it-tlugħ u s-sewqan b'veloċità kostanti li jiddefinixxu l-parametru tal-potenza massima normali.
Parametru għall-parametru tal-ġibda	Il-bdot ma jistax jagħżel forza propulsiva tal-magna partikolari; minflok, jagħżel parametru xieraq ta' dan il-parametru li jintwera fil-kokpit. Normalment dan ikun jew il-proporzjon ta' pressjoni tal-magna (*EPR*) jew il-veloċità rotazzjonali tar-rotor (jew fann) bi pressjoni baxxa (N_1).

Simboli

Il-kwantitajiet huma mingħajr dimensjoni sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor. Is-simboli u l-abbrevjazzjonijiet mhux elenkati hawn taħt jintużaw biss lokalment u huma ddefiniti fit-test. Is-sottoskritti 1 u 2 jiddenotaw kundizzjonijiet fil-bidu u tmiem ta' segment rispettivament. Valuri b'sing fuqhom jirrappreżentaw valuri medji tas-segment, jiġifieri medja tal-valuri tal-bidu u tat-tmiem.

a	Aċċelerazzjoni medja, pied/s^2
a_{max}	Aċċelerazzjoni massima disponibbli, pied/s^2
A, B, C, D	Koeffiċjenti tal-flaps
$E, F, G_{A,B}, H$	Koeffiċjenti tal-forza propulsiva tal-magna
F_n	Forza propulsiva netta għal kull magna, lbf
F_n/δ	Forza propulsiva netta kkoreġuta għal kull magna, lbf
G	Gradjent tat-tlugħ
G'	Gradjent tat-tlugħ bla użu tal-magna
G_R	Gradjent medju tar-runway, inklinazzjoni 'l fuq pożittiva
g	Aċċelerazzjoni gravitazzjonali, pied/s^2
ISA	Atmosfera Standard Internazzjonali
N *	Nru ta' magni li jfornu forza propulsiva
R	Proporzjon portanza-reżistenza C_D/C_L
ROC	Rata tas-segment tat-tlugħ (pied/min)
s	Distanza fuq l-art koperta tul trajjettorja tal-art, piedi
s_{TO8}	Distanza tal-qtugħ fi 8 kt riħ in pruwa, piedi

▼**M2**

s_{TOG}	Distanza tal-qtugħ ikkoreġuta għal *w* u G_R, piedi
s_{TOw}	Distanza tal-qtugħ f'riħ in pruwa *w*, piedi
T	Temperatura tal-arja, °C
T_B	Temperatura tal-ksur, °C
V	Veloċità fuq l-art, kt
V_C	Veloċità fl-ajru kkalibrata, kt
V_T	Veloċità ajrudinamika reali, kt
W	Piż tal-ajruplan, lb
w	Veloċità tar-riħ in pruwa, kt
Δs	Tul tas-segment f'ajru kalm projjettat fuq it-trajjettorja tal-art, piedi
Δs_w	Projjezzjoni fuq l-art tat-tul tas-segment ikkorreġuta għar-riħ in pruwa, piedi
δ	p/p_o, il-proporzjon tal-pressjoni tal-arja ambjentali fl-ajruplan meta mqabbla mal-pressjoni tal-arja standard fil-livell medju tal-baħar: p_o = 101,325 kPa (jew 1 013,25 mb)
ε	Angolu ta' inklinazzjoni laterali, radjani
γ	Angolu tat-tlugħ/inżul, radjani
θ	$(T + 273,15)/(T_0 + 273,15)$ il-proporzjon tat-temperatura tal-arja fl-altitudni meta mqabbla mat-temperatura tal-arja standard fil-livell medju tal-baħar: T_0 = 15,0 °C
σ *	ρ/ρ_0 = Proporzjon tad-densità tal-arja f'altitudni meta mqabbla mal-valur tal-livell medju tal-baħar (anki $\sigma = \delta/\theta$)

B1 INTRODUZZJONI

Sinteżi tar-rotta tat-titjira

Fil-parti l-kbira, dan l-appendiċi jirrakkomanda proċeduri għall-kalkolu ta' profil tat-titjira ta' ajruplan, fuq il-bażi ta' parametri ajrudinamiċi u tal-impjanti tal-enerġija speċifikati, il-piż tal-inġenju tal-ajru, il-kundizzjonijiet atmosferiċi, it-trajjettorja tal-art u l-proċedura operattiva (konfigurazzjoni tat-titjira, il-parametru tal-potenza, il-veloċità 'l quddiem, il-veloċità vertikali eċċ). Il-proċedura operattiva hija deskritta minn sett ta' *stadji proċedurali* li jippreskrivu kif jittajjar il-profil.

Il-profil tat-titjira, għal qtugħ jew avviċinament, huwa rrappreżentat minn sensiela ta' segmenti dritti, li tmiemhom jissejħu *punti tal-profil*. Huwa kkalkolat billi jintużaw ekwazzjonijiet ajrudinamiċi u tal-forza propulsiva li fihom għadd ta' koeffiċjenti u kostanti li jridu jkunu disponibbli għat-taħlita speċifika ta' magna u qafas tal-inġenju tal-ajru. Dan il-proċess ta' kalkolu huwa deskritt fit-test bħala l-proċess ta' *sinteżi* tar-rotta tat-titjira.

Minbarra l-parametri tal-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru, li jistgħu jinkisbu mid-database tal-ANP, dawn l-ekwazzjonijiet jeħtieġu li jiġu speċifikati (1) il-piż gross tal-ajruplan, (2) in-numru ta' magni, (3) it-temperatura tal-arja, (4) l-elevazzjoni tar-runway, u (5) l-istadji proċedurali (spjegati f'termini tal-parametru tal-potenza, id-diflezzjonijiet tal-flaps, il-veloċità fl-ajru u, matul l-aċċelerazzjoni, ir-rata ta' tlugħ/inżul medja) għal kull segment matul il-qtugħ u l-avviċinament.

▼**M2**

Imbagħad, kull segment jiġi kklassifikat bħala tidwir fuq l-art, qtugħ jew illandjar, tlugħ b'veloċità kostanti, trażżin tal-potenza, tlugħ f'aċċelerazzjoni b'għeluq tal-flaps jew mingħajr, inżul b'deċelerazzjoni jew mingħajr u/jew ftuħ tal-flaps, jew avviċinament ta' nżul finali. Il-profil tat-titjira jinbena pass, pass, u l-parametri tal-bidu għal kull segment huma daqs dawk fi tmiem is-segment ta' qabel.

Il-parametri tal-prestazzjoni ajrudinamika fid-database tal-ANP huma maħsubin sabiex irendu rappreżentazzjoni preċiża b'mod raġonevoli ta' rotta tat-titjira proprja ta' ajruplan għall-kundizzjonijiet ta' referenza speċifikati (ara s-**sezzjoni 2.7.6 tat-test ewlieni**). Iżda ntwera li l-parametri ajrudinamiċi u l-koeffiċjenti tal-magna huma adegwati għal temperaturi tal-arja li jaslu sa 43 °C, altitudnijiet tal-ajrudrom li jaslu sa 4 000 pied u fil-medda ta' piżijiet speċifikati fid-database tal-ANP. B'hekk, l-ekwazzjonijiet jippermettu l-kalkolu tar-rotot tat-titjira għal kundizzjonijiet oħrajn; jiġifieri l-piż tal-ajruplan mhux ta' referenza, il-veloċità tar-riħ, it-temperatura tal-arja, u l-elevazzjoni tar-runway (pressjoni tal-arja), normalment bi preċiżjoni biżżejjed għall-kalkolu tal-kontorni tal-livelli medji ta' ħoss madwar ajruport.

Is-**Sezzjoni B-4** tispjega kif l-effetti ta' tidwir f'titjira jiġu kkunsidrati għat-tluq. Dan jippermetti li jiġi kkunsidrat l-angolu ta' inklinazzjoni laterali meta jiġu kkalkolati l-effetti tad-direttività laterali (effetti tal-installazzjoni). Barra minn hekk, matul it-tidwir f'titjira, il-gradjenti tat-tlugħ ġeneralment jonqsu skont ir-raġġ tal-liwja u l-veloċità fl-ajruplan. (L-effetti tal-liwjiet matul l-avviċinament għal-landjar huma iktar kumplessi u għadhom mhumiex koperti. Madankollu, dawn rari jħallu impatt sinifikanti fuq il-kontorni tal-istorbju.)

Is-**Sezzjonijiet B-5** sa **B-9** jiddeskrivu l-metodoloġija rrakkomandata għall-ġenerazzjoni ta' profili ta' titjiriet ta' tluq, fuq il-bażi tal-istadji proċedurali u l-koeffiċjenti tad-database tal-ANP.

Is-**Sezzjonijiet B-10** u **B-11** jiddeskrivu l-metodoloġija użata biex jiġu ġġenerati profili ta' titjiriet ta' avviċinament, fuq il-bażi tal-proċeduri tat-titjira u l-koeffiċjenti tad-database tal-ANP.

Is-**Sezzjoni B-12** tipprovdi eżempji maħdumin tal-kalkoli.

Settijiet separati ta' ekwazzjonijiet huma pprovduti biex tiġi stabbilita l-forza propulsiva netta prodotta mill-magni ġett u l-iskrejjen rispettivament. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, l-ekwazzjonijiet għall-prestazzjoni ajrudinamika ta' ajruplan japplikaw bl-istess mod għal ajruplani li jaħdmu bil-ġett jew bl-iskrun.

Is-simboli matematiċi użati huma ddefiniti fil-bidu ta' dan l-appendiċi u/jew meta jkunu introdotti l-ewwel darba. Fl-ekwazzjonijiet kollha, ovvjament l-unitajiet tal-koeffiċjenti u l-kostanti jridu jkunu konsistenti mal-unitajiet tal-parametri u l-varjabbli korrispondenti. Għal konsistenza mad-database tal-ANP, f'dan l-appendiċi ġew segwiti l-konvenzjonijiet tal-inġinerija tal-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru; id-distanzi u l-għoli f'piedi (piedi), il-veloċità f'knots (kt), il-massa f'libbri (lb), il-forza f'libbri-forza (forza propulsiva netta kkoreġuta tat-temperatura għolja), u l-bqija - anki jekk ċerti dimensjonijiet (eż. dawk atmosferiċi) jingħataw f'unitajiet tal-SI. Il-mudellaturi li jużaw sistemi ta' unitajiet oħrajn għandhom joqogħdu ferm attenti sabiex japplikaw il-fatturi ta' konverżjoni xierqa meta jadattaw l-ekwazzjonijiet għall-ħtiġijiet tagħhom.

▼M2

Analiżi tar-rotta tat-titjira

F'ċerti applikazzjonijiet tal-immudellar, l-informazzjoni dwar ir-rotta tat-titjira tiġi pprovduta mhux bħala stadji proċedurali iżda bħala koordinati f'pożizzjoni u ħin, normalment stabbiliti permezz ta' analiżi tad-dejta mir-radar. Dan huwa diskuss fis-**sezzjoni 2.7.7** tat-test ewlieni. F'dan il-każ, l-ekwazzjonijiet ippreżentati f'dan l-Appendiċi jintużaw "bil-kontra"; il-parametri tal-forza propulsiva tal-magna jinġiebu mill-moviment tal-inġenju tal-ajru u mhux viċe versa. Ġeneralment, ladarba tinstab il-medja tad-dejta dwar ir-rotta tat-titjira u titnaqqas għall-forma ta' segmenti, b'kull segment jiġi kklassifikat skont it-tlugħ jew l-inżul, l-aċċelerazzjoni jew id-deċelerazzjoni, u l-forza propulsiva u l-bidliet fil-flaps, dan isir relattivament sempliċi meta mqabbel mas-sinteżi li spiss tinvolvi proċessi iterattivi.

B2 FORZA PROPULSIVA TAL-MAGNA

Il-forza propulsiva tal-magna prodotta minn kull magna hija waħda mill-ħames kwantitatjiet li jridu jiġu ddefiniti fi tmiem kull segment tar-rotta tat-titjira (l-oħrajn huma l-għoli, il-veloċità, il-parametru tal-potenza u l-angolu ta' inklinazzjoni laterali). Il-forza propulsiva netta tirrappreżenta l-komponent tal-forza propulsiva gross tal-magna li huwa disponibbli għall-propulsjoni. Għal kalkoli ajrudinamiċi u akustiċi, il-forza propulsiva netta tiġi rriferita għall-pressjoni standard tal-arja fil-livell medju tal-baħar. Din hija magħrufa bħala *forza propulsiva netta kkoreġuta, F_n/δ*.

Din ser tkun il-forza propulsiva netta disponibbli matul operazzjonijiet bi *klassifikazzjoni tal-forza propulsiva* speċifikata, jew il-forza propulsiva netta li tirriżulta meta l-*parametru ta' stabbiliment tal-forza propulsiva* jiġi stabbilit għal valur partikolari. Għal magna turboġett jew turbofann li topera bi klassifikazzjoni speċifika tal-forza propulsiva, il-forza propulsiva netta kkoreġuta tinstab permezz tal-ekwazzjoni

$$F_n/\delta = E + F \cdot V_c + G_A \cdot h + G_B \cdot h^2 + H \cdot T \qquad \text{(B-1)}$$

fejn

F_n hija l-forza propulsiva netta għal kull magna, lbf

δ hija l-proporzjon tal-pressjoni tal-arja ambjentali fl-ajruplan meta mqabbla mal-pressjoni standard tal-arja fil-livell medju tal-baħar, jiġifieri ma' 101,325 kPa (jew 1 013,25 mb) [ref. 1]

F_n/δ hija l-forza propulsiva netta kkoreġuta għal kull magna, lbf

V_C hija l-veloċità fl-ajru kkalibrata, kt

T hija t-temperatura ambjentali li fiha qed jopera l-ajruplan, °C, u

E, F, G_A, G_B, H huma l-kostanti jew il-koeffiċjenti tal-forza propulsiva tal-magna għal temperaturi inqas mill-klassifikazzjoni fissa tal-magna bil-klassifikazzjoni tal-forza propulsiva użata (fis-segment attwali tal-qtugħ/faża tat-tlugħ jew rotta tat-titjira tal-avviċinament), lb.s/piedi, lb/piedi, lb/piedi^2, lb/°C. Jistgħu jinkisbu mid-database tal-ANP.

Fid-database tal-ANP hija pprovduta wkoll dejta sabiex tkun tista' tiġi kkalkolata l-forza propulsiva mhux ikklassifikata bħala funzjoni ta' parametru għall-parametru tal-forza propulsiva. Ċerti manifatturi jirreferu għall-parametru bħala proporzjon tal-pressjoni tal-magna *EPR*, u oħrajn isejħulu veloċità tar-rotor bi pressjoni baxxa, jew veloċità tal-fann, N_1. Meta dak il-parametru jkun *EPR*, l-Ekwazzjoni B-1 tinbidel ma' din

$$F_n/\delta = E + F \cdot V_C + G_A \cdot h + G_B \cdot h^2 + H \cdot T + K_1 \cdot EPR + K_2 \cdot EPR^2 \qquad \text{(B-2)}$$

fejn K_1 u K_2 huma koeffiċjenti, mid-database tal-ANP, relatati mal-forza propulsiva netta kkoreġuta u l-proporzjon tal-pressjoni tal-magna qrib il-proporzjon tal-pressjoni tal-magna ta' interess għan-numru Mach tal-ajruplan speċifikat.

▼**M2**

Meta l-veloċità rotazzjonali tal-magna N_1 tkun il-parametru użat mill-ekwipaġġ tal-kokpit biex jistabbilixxu l-forza propulsiva, l-ekwazzjoni ġeneralizzata tal-forza propulsiva ssir

$$F_n/\delta = E + F \cdot V_C + G_A \cdot h + G_B \cdot h^2 + H \cdot T + K_3 \cdot \left(\frac{N_1}{\sqrt{\theta}}\right) + K_4 \cdot \left(\frac{N_1}{\sqrt{\theta}}\right)^2 \quad \text{(B-3)}$$

fejn

N_1 hija l-veloċità rotazzjonali tal-kumpressur (jew fann) bi pressjoni baxxa tal-magna u l-istadji tat-turbini, %

θ = (T + 273)/288,15, il-proporzjon tat-temperatura totali assoluta fil-bokka tal-magna meta mqabbla mat-temperatura tal-arja standard assoluta fil-livell medju tal-baħar [ref. 1].

$\frac{N_1}{\sqrt{\theta}}$ hija l-veloċità kkoreġuta tar-rotor bil-pressjoni baxxa, %; u

K_3, K_4 huma kostanti derivati mid-dejta tal-magna installata li jkopru l-veloċitajiet ta' interess N_1.

Kun af li għal ajruplan partikolari, E, F, G_A, G_B u H fl-ekwazzjonijiet B-2 u B-3 jista' jkollhom valuri differenti minn dawk fl-ekwazzjoni B-1.

Mhux kull terminu fl-ekwazzjoni dejjem ikun sinifikanti. Pereżempju, għal magni bi klassifikazzjoni fissa li joperaw f'temperaturi tal-arja taħt il-punt tal-ksur (normalment 30°C), it-terminu temperatura jaf ma jkunx meħtieġ. Għal magni mingħajr klassifikazzjoni fissa, it-temperatura ambjentali trid tiġi kkunsidrata meta tingħażel il-forza propulsiva kklassifikata. F'temperaturi ogħla mit-temperatura bi klassifikazzjoni fissa tal-magni, irid jintuża sett differenti ta' koeffiċjenti tal-forza propulsiva tal-magna (E, F, G_A, G_B u H)$_{high}$ sabiex jiġi stabbilit il-livell tal-forza propulsiva disponibbli. Imbagħad, normalment tiġi kkalkolata F_n/δ billi jintużaw il-koeffiċjenti tat-temperatura baxxa kif ukoll tat-temperatura għolja u jintuża l-livell ogħla tal-forza propulsiva għal temperaturi *inqas* mit-temperatura bi klassifikazzjoni fissa u jintuża l-livell ikkalkolat inqas tal-forza propulsiva għal temperatura *ogħla* mit-temperatura bi klassifikazzjoni fissa.

Meta jkunu disponibbli koeffiċjenti tal-forza propulsiva tat-temperatura baxxa biss, tista' tintuża r-relazzjoni li ġejja:

$$(F_n/\delta)_{high} = F \cdot V_C + (E + H \cdot T_B) \cdot (1 - 0{,}006 \cdot T)/(1 - 0{,}006 \cdot T_B) \quad \text{(B-4)}$$

fejn

$(F_n/\delta)_{high}$ hija l-forza propulsiva netta kkoreġuta tat-temperatura għolja (lbf),

T_B hija t-temperatura tal-ksur (fin-nuqqas ta' valur definittiv, assumi valur prestabbilit ta' 30 °C).

Id-database tal-ANP tipprovdi valuri għall-kostanti u l-koeffiċjenti fl-ekwazzjonijiet B-1 sa B-4.

Għal ajruplani li jaħdmu bl-iskrun, il-forza propulsiva netta kkoreġuta għal kull magna għandha tinqara mill-grafiki jew tiġi kkalkolata billi tintuża l-ekwazzjoni

$$F_n/\delta = (326 \cdot \eta \cdot P_p/V_T)/\delta \quad \text{(B-5)}$$

fejn

η hija l-effiċjenza tal-iskrun għal installazzjoni partikolari ta' skrun u hija funzjoni tal-veloċità rotazzjonali tal-iskrun u l-veloċità tat-titjir tal-ajruplan

V_T hija l-veloċità ajrudinamika reali, kt

P_p hija l-potenza propulsiva netta għall-kundizzjoni partikolari tat-titjira, eż. potenza mass. tal-qtugħ jew tat-tlugħ, hp

▼M2

Il-parametri fl-Ekwazzjoni B-5 huma pprovduti fid-database tal-ANP għall-parametru tal-forza propulsiva massima tal-qtugħ u dik tat-tlugħ.

Il-veloċità ajrudinamika reali V_T hija stmata mill-veloċità fl-ajru kkalibrata V_C billi tintuża r-relazzjoni

$$V_T = V_C/\sqrt{\sigma} \tag{B-6}$$

fejn σ hija l-proporzjon tad-densità tal-arja fl-ajruplan meta mqabbla mal-valur tal-livell medju tal-baħar.

Gwida dwar l-operazzjoni b'forza propulsiva tal-qtugħ imnaqqsa

Spiss, il-pożijiet tal-qtugħ tal-inġenju tal-ajru jkunu inqas mill-massimu permess u/jew it-tul tar-runway disponibbli jkun jaqbeż il-minimu meħtieġ bl-użu tal-forza propulsiva massima tal-qtugħ. F'dawn il-każijiet, hija prattika komuni li titnaqqas il-forza propulsiva tal-magna taħt il-livelli massimi sabiex tittawwal il-ħajja tal-magna u, kultant, bil-għan li jittaffa l-istorbju. Il-forza propulsiva tista' titnaqqas biss sa livelli li jiggarantixxu marġni meħtieġ ta' sikurezza. Il-proċedura ta' kalkolu użata minn operaturi tal-linja tal-ajru biex jistabbilixxu l-ammont ta' tnaqqis tal-forza propulsiva hija rregolata kif xieraq: hija kumplessa u tieħu f'kunsiderazzjoni bosta fatturi inklużi l-piż tal-qtugħ, it-temperatura tal-arja ambjentali, id-distanzi ddikjarati tar-runway, l-elevazzjoni tar-runway u l-kriterji ta' qtugħ mill-ostakoli tar-runway. Għaldaqstant, l-ammont tat-tnaqqis tal-forza propulsiva jvarja minn titjira għal oħra.

Peress li jista' jkollhom effett profond fuq il-kontorni tal-istorbju tat-tluq, il-mudellaturi għandhom iqisu b'mod raġonevoli l-operazzjonijiet imnaqqsin tal-forza propulsiva u, biex jagħmlu l-aħjar provvediment possibbli, ifittxu li jiksbu pariri prattiċi mingħand l-operaturi.

Jekk it-tali pariri ma jkunux għadhom disponibbli, xorta huwa rakkomandat li jsiru xi provvedimenti permezz ta' mezzi alternattivi. Mhuwiex prattiku li jiġu riflessi l-kalkoli tal-operaturi għall-finijiet ta' mmudellar tal-istorbju; u lanqas ma jkunu xierqa flimkien mas-simplifikazzjonijiet u l-approssimazzjonijiet konvenzjonali li jsiru għall-finijiet tal-livelli medji ta' storbju fit-tul. Bħala alternattiva prattika, tiġi pprovduta l-gwida li ġejja. Ta' min jisħaq li qed issir riċerka konsiderevoli f'dan il-qasam u, għalhekk, din il-gwida tista' tinbidel.

Analiżi tad-dejta tal-FDR uriet li l-livell tat-tnaqqis tal-forza propulsiva huwa ferm korrelatat mal-proporzjon tal-piż proprju tal-qtugħ meta mqabbel mal-Piż tal-Qtugħ Irregolat (RTOW), sa limitu inferjuri fiss ([1]); jiġifieri

$$F_n/\delta = (F_n/\delta)_{max} \cdot W/W_{RTOW} \tag{B-7}$$

fejn $(F_n/\delta)_{\max}$ hija l-forza propulsiva massima kklassifikata, W hija l-piż attwali gross tal-qtugħ u W_{RTOW} hija l-Piż tal-Qtugħ Irregolat.

L-RTOW huwa l-piż massimu tal-qtugħ li jista' jintuża fl-interessi tas-sikurezza, filwaqt li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti tat-tul tal-kamp tal-qtugħ, ta' mingħajr magna u tal-ostakoli. Hija funzjoni tat-tul disponibbli tar-runway, l-elevazzjoni tal-mitjar, it-temperatura, ir-riħ in pruwa, u l-angolu tal-flaps. Din l-informazzjoni tista' tinkiseb mingħand l-operatur u għandha tkun disponibbli faċilment mid-dejta fuq il-livelli proprji ta' forza propulsiva mnaqqsa. Inkella, tista' tiġi kkalkolata billi tintuża dejta li tinsab fil-manwali tat-titjir tal-inġenji tal-ajru.

([1]) Normalment, l-awtoritajiet tal-ajrunavigabbiltà jistipulaw limitu inqas tal-forza propulsiva, spiss 25 fil-mija inqas mill-massimu.

▼M2

Forza Propulsiva Mnaqqsa tat-Tlugħ

Meta jħaddmu forza propulsiva mnaqqsa tal-qtugħ, l-operaturi spiss, iżda mhux dejjem, inaqqsu l-forza propulsiva tat-tlugħ minn taħt il-livelli massimi ([1]). Dan jevita sitwazzjonijiet li jseħħu meta, fi tmiem it-tlugħ inizjali bil-forza propulsiva tal-qtugħ, il-potenza trid tiżdied minflok ma titnaqqas. Madankollu, huwa iktar diffiċli li tiġi stabbilita raġuni għal bażi komuni hawnhekk. Ċerti operaturi jużaw detenti fissi taħt forza propulsiva massima tat-tlugħ, kultant imsejħa Tlugħ 1 u Tlugħ 2, li tipikament inaqqsu l-forza propulsiva tat-tlugħ b'10 u 20 fil-mija rispettivament meta mqabblin mal-massimu. Huwa rrakkomandat li kull meta tintuża forza propulsiva mnaqqsa tal-qtugħ, anki l-livelli tal-forza propulsiva tat-tlugħ għandhom jitnaqqsu b'10 fil-mija.

B3 PROFILI VERTIKALI TAT-TEMPERATURA TAL-ARJA, IL-PRESSJONI, ID-DENSITÀ U L-VELOĊITÀ TAR-RIĦ

Għall-finijiet ta' dan id-dokument, il-varjazzjonijiet fit-temperatura, il-pressjoni u d-densità b'għoli ta' iktar mil-livell medju tal-baħar jittieħdu bħala dawk tal-Atmosfera Standard Internazzjonali. Il-metodoloġiji deskritti hawn taħt ġew ivvalidati għal altitudnijiet tal-ajrudrom li jaslu sa 4 000 pied ogħla mil-livell tal-baħar u għal temperaturi tal-arja li jaslu sa 43 °C (109 °F).

Għad li, fil-verità, il-veloċità medja tar-riħ tvarja kemm mal-għoli kif ukoll mal-ħin, normalment mhuwiex prattikabbli li dawn jiġu kkunsidrati għal finijiet ta' mmudellar tal-kontorni tal-istorbju. Minflok, l-ekwazzjonijiet tal-prestazzjoni tat-titjira ta' hawn taħt huma bbażati fuq is-suppożizzjoni komuni li l-ajruplan sejjer dritt f'riħ in pruwa (prestabbilit) ta' 8 kt il-ħin kollu - indipendentement mid-direzzjoni tal-kumpass (għad li ma tiġix ikkunsidrata b'mod espliċitu l-veloċità medja tar-riħ fil-kalkoli tal-propagazzjoni tal-ħoss). Il-metodi għall-aġġustament tar-riżultati għal veloċitajiet oħrajn tar-riħ in pruwa huma pprovduti.

B4 L-EFFETTI TAL-LIWJIET

Il-bqija ta' dan l-appendiċi jispjega kif wieħed għandu jikkalkula l-proprjetajiet meħtieġa tas-segmenti li jgħaqqdu l-punti tal-profili *s*,*z* li jiddefinixxu r-rotta tat-titjira b'żewġ dimensjonijiet fil-pjan vertikali fuq it-trajjettorja tal-art. Is-segmenti huma ddefiniti f'sekwenza fid-direzzjoni taċ-ċaqliq. Fi tmiem kwalunkwe segment (jew fil-bidu tat-tidwir fil-każ tal-ewwel waħda għat-tluq), fejn huma ddefiniti l-parametri operattivi u l-istadju proċedurali li jmiss, il-ħtieġa hija li jiġu kkalkolati l-angolu tat-tlugħ u d-distanza tat-trajjettorja sal-punt li fih jintlaħqu l-għoli u/jew il-veloċità meħtieġa.

Jekk it-trajjettorja hija dritta, din tkun koperta minn segment uniku tal-profil, li mbagħad, il-ġeometrija tiegħu tista' tiġi ddeterminata direttament (għad li kultant bi grad ta' iterazzjoni). Iżda jekk tibda jew tintemm liwja, jew ir-raġġ jew id-direzzjoni tagħha jinbidlu, qabel ma jintlaħqu l-kundizzjonijiet ta' tmiem meħtieġa, segment wieħed ma jkunx biżżejjed għaliex il-portanza u r-reżistenza tal-inġenju tal-ajru jinbidlu mal-angolu ta' inklinazzjoni laterali. Sabiex jiġu kkunsidrati l-effetti tal-liwja fuq it-tlugħ, hemm bżonn ta' segmenti addizzjonali tal-profil sabiex jiġi implimentat l-istadju proċedurali - kif spjegat hawn.

It-tiswir tat-trajjettorja tal-art huwa deskritt fis-sezzjoni **2.7.13** tat-test. Dan isir indipendentement minn kwalunkwe profil tat-titjira ta' inġenju tal-ajru (għad li jsir b'attenzjoni sabiex ma jiġux iddefiniti liwjiet li ma jistgħux jittajru minħabba restrizzjonijiet operattivi normali). Iżda peress li l-profil tat-titjira - l-għoli u l-veloċità bħala funzjoni tad-distanza tat-trajjettorja - huwa affettwat mil-liwjiet, il-profil tat-titjira ma jistax jiġi stabbilit b'mod indipendenti mit-trajjettorja tal-art.

([1]) Li minnhom titnaqqas il-forza propulsiva wara t-tlugħ inizjali bil-potenza tal-qtugħ.

▼M2

Biex tinżamm il-veloċità f'liwja, trid tiżdied ir-refgħa tal-ġwienaħ ajrudinamiċi, sabiex jiġu bbilanċjati l-forza ċentrifuga kif ukoll il-piż tal-inġenju tal-ajru. Min-naħa tagħha, din iżżid ir-reżistenza u, għalhekk, anki l-forza propulsiva meħtieġa. L-effetti tal-liwja huma espressi fl-ekwazzjonijiet tal-prestazzjoni bħala funzjonijiet tal-angolu ta' inklinazzjoni laterali ε li, għal inġenju tal-ajru f'liwja tat-titjira f'livell b'veloċità kostanti fuq rotta ċirkulari, jinkiseb permezz ta'

$$\varepsilon = \tan^{-1}\left\{\frac{2{,}85 \cdot V^2}{r \cdot g}\right\} \qquad \text{(B-8)}$$

fejn V hija l-veloċità fuq l-art, kt

r hija r-raġġ tal-liwja, piedi

u g hija l-aċċelerazzjoni minħabba l-gravità, piedi/s^2

Huwa supponut li l-liwjiet kollha għandhom raġġ kostanti u l-effetti tat-tieni ordni assoċjati ma' rotot tat-titjira mhux f'livell huma injorati; l-angoli ta' inklinazzjoni laterali huma bbażati fuq ir-raġġ tal-liwja r tat-trajjettorja tal-art biss.

Biex jiġi implimentat stadju proċedurali, l-ewwel jiġi kkalkolat segment tal-profil provviżorju billi jintuża l-angolu ta' inklinazzjoni laterali ε fil-punt tal-bidu - kif iddefinit mill-Ekwazzjoni B-8 għar-raġġ tas-segment tat-trajjettorja r. Jekk it-tul ikkalkolat tas-segment provviżorju huwa tali li ma jaqsamx il-bidu jew it-tmiem ta' liwja, is-segment provviżorju jiġi kkonfermat u l-attenzjoni tinxteħet fuq l-istadju li jmiss.

Iżda jekk is-segment provviżorju jaqsam bidu jew tmiem wieħed jew iktar ta' liwjiet (meta ε jinbidel) [1], il-parametri tat-titjira fl-ewwel tali punt huma stmati permezz ta' interpolazzjoni (ara s-sezzjoni **2.7.13**), issejvjata flimkien mal-koordinati tagħha bħala valuri tal-punt ta' tmiem, u s-segment jinqata'. Imbagħad, minn dak il-punt tiġi applikata t-tieni parti tal-istadju proċedurali - mill-ġdid billi jiġi supponut b'mod provviżorju li din tista' ssir f'segment wieħed bl-istess kundizzjonijiet ta' tmiem iżda bil-punt ta' bidu l-ġdid u l-angolu ta' inklinazzjoni laterali l-ġdid. Jekk imbagħad dan it-tieni segment jgħaddi bidla oħra fid-direzzjoni/raġġ tal-liwja, ikun meħtieġ it-tielet segment - u jibqa' sejjer hekk sakemm jinkisbu l-kundizzjonijiet ta' tmiem.

Metodu approssimattiv

Ser jidher li l-kunsiderazzjoni sħiħa tal-effetti tal-liwjiet, kif deskritt iktar 'il fuq, tinvolvi kumplessità konsiderevoli ta' kalkoli għaliex il-profil tat-tlugħ ta' kwalunkwe inġenju tal-ajru jrid jiġi kkalkolat għalih għal kull trajjettorja tal-art li jsegwi. Iżda l-bidliet fil-profil vertikali kkaġunati mil-liwjiet normalment ikollhom influwenza ferm iżgħar fuq il-kontorni meta mqabblin mal-bidliet fl-angolu ta' inklinazzjoni laterali, u ċerti utenti jistgħu jippreferu li jevitaw il-kumplessità - akkost ta' xi telf fil-preċiżjoni - billi jinjoraw l-effetti tal-liwjiet fuq il-profili filwaqt li xorta jikkunsidraw l-angolu ta' inklinazzjoni laterali fil-kalkolu tal-emissjoni tal-ħoss laterali (ara s-sezzjoni 2.7.19). B'dan il-profil ta' approssimazzjoni, il-punti għal operazzjoni partikolari ta' inġenju tal-ajru jiġu kkalkolati darba biss, billi tiġi supponuta trajjettorja tal-art dritta (li għaliha ε = 0).

B5 TIDWIR FUQ L-ART GĦALL-QTUGĦ

Il-forza propulsiva tal-qtugħ taċċellera l-ajruplan tul ir-runway sal-qtugħ mill-art. Imbagħad, huwa supponut li l-veloċità fl-ajru kkalibrata tibqa' kostanti tul il-parti tal-bidu tal-faża tat-tlugħ. Huwa supponut li, jekk l-attrezzatura għal-landjar tkun tingħalaq, din tingħalaq ftit wara l-qtugħ mill-art.


[1] Biex jiġu evitati inkonsistenzi fil-kontorni kkaġunati minn bidliet f'daqqa fl-angolu ta' inklinazzjoni laterali fil-ġunzjonijiet bejn titjira dritta u b'liwjiet, fil-kalkoli tal-istorbju jiddaħħlu s-subsegmenti sabiex ikunu jistgħu jsiru tranżizzjonijiet lineari tal-angolu ta' inklinazzjoni laterali tul l-ewwel u l-aħħar 5° tal-liwja. Dawn mhumiex neċessarji fil-kalkoli tal-prestazzjoni; l-angolu ta' inklinazzjoni laterali dejjem jingħata bl-ekwazzjoni B-8.

▼**M2**

Għall-fini ta' dan id-dokument, it-tidwir fuq l-art għall-qtugħ proprju huwa stmat permezz ta' distanza tal-qtugħ ekwivalenti (f'riħ in pruwa prestabbilit ta' 8 kt), s_{TO8}, iddefinit kif muri fil-**Figura B-1**, bħala d-distanza tul ir-runway minn meta jintreħew il-brekijiet sal-punt fejn estensjoni dritta tar-rotta tat-titjira inizjali għat-tlugħ bl-attrezzatura għal-landjar magħluqa tiltaqa' mar-runway.

Figura B-1

Distanza ekwivalenti tal-qtugħ



F'runway f'livell, id-distanza ekwivalenti tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ s_{TO8} f'piedi hija stabbilita hekk

$$S_{TO8} = \frac{B_8 \cdot \theta \cdot (W/\delta)^2}{N \cdot (F_n/\delta)} \qquad \text{(B-9)}$$

fejn

B_8 hija koeffiċjent xieraq għal taħlita speċifika ta' diflezzjoni tal-flaps/ajruplan għall-kundizzjonijiet ta' referenza tal-ISA, inkluż ir-riħ in pruwa ta' 8 knots, piedi/lbf

W hija l-piż gross tal-ajruplan meta jintreħew il-brejkijiet, lbf

N hija n-numru ta' magni li jfornu forza propulsiva.

Nota: Peress li l-ekwazzjoni B-9 tikkunsidra varjazzjoni fil-forza propulsiva b'veloċità fl-ajru u elevazzjoni tar-runway, għal ajruplan partikolari, il-koeffiċjent B_8 jiddependi biss mid-diflezzjoni tal-flaps.

Għal riħ in pruwa li mhuwiex it-8kt prestabbilit, id-distanza ta' tidwir fuq l-art għall-qtugħ hija kkoreġuta permezz ta':

$$S_{TOw} = S_{TO8} \cdot \frac{(V_C - w)^2}{(V_C - 8)^2} \qquad \text{(B-10)}$$

fejn

S_{TOw} hija d-distanza tat-tidwir fuq l-art ikkoreġuta għar-riħ in pruwa w, piedi

V_C (f'din l-ekwazzjoni) hija l-veloċità kkalibrata fir-rotazzjoni tal-qtugħ, kt

w hija r-riħ in pruwa, kt

Id-distanza tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ hija kkoreġuta wkoll għal gradjent tar-runway kif ġej:

$$S_{TOG} = S_{TOw} \cdot \frac{\alpha}{(\alpha - g \cdot G_R)} \qquad \text{(B-11)}$$

▼**M2**

fejn

S_{TOG} hija d-distanza tat-tidwir fuq l-art (piedi) ikkoreġuta għal riħ in pruwa u gradjent tar-runway,

a hija l-aċċelerazzjoni medja tul ir-runway, jiġifieri $(V_C \cdot \sqrt{\sigma})^2/(2 \cdot s_{TOw})$, piedi/s^2

G_R hija l-gradjent tar-runway; pożittiv għal tlugħ b'inklinazzjoni 'l fuq

B6 TLUGĦ B'VELOĊITÀ KOSTANTI

Dan it-tip ta' segment huwa ddefinit mill-veloċità fl-ajru kkalibrata tal-ajruplan, il-parametru tal-flaps, u l-għoli u l-angolu ta' inklinazzjoni laterali fi tmiemu, flimkien mal-veloċità tar-riħ in pruwa (8 kt prestabbiliti). Għal kwalunkwe segment, il-paremetri tal-bidu tas-segment inklużi l-forza propulsiva netta kkoreġuta huma daqs dawk fi tmiem is-segment ta' qabel - ma hemm ebda inkonsistenzi (ħlief l-angolu tal-flaps u l-angolu ta' inklinazzjoni laterali li, f'dawn il-kalkoli, jistgħu jinbidlu b'mod gradwali). Il-forzi propulsivi netti fi tmiem is-segment l-ewwel huma kkalkolati billi tintuża l-ekwazzjoni xierqa minn B-1 sa B-5. Imbagħad, l-angolu ġeometriku medju tat-tlugħ γ (ara l-**Figura B-1**) jinkiseb permezz ta'

$$\gamma = \arcsin\left(K \cdot \left[N \cdot \frac{\overline{F_n/\delta}}{\overline{W/\delta}} - \frac{R}{\cos\varepsilon} \right] \right) \qquad \text{(B-12)}$$

fejn il-valuri b'sing fuqhom jirrappreżentaw valuri ta' nofs is-segmenti (= medja tal-valuri tal-punt tal-bidu u tal-punt ta' tmiem - ġeneralment il-valuri ta' nofs is-segmenti) u

K hija kostanti li jiddependi fuq il-veloċità ta' 1,01 meta $V_C \leq 200$ kt jew inkella 0,95. Dan il-kostanti jqis l-effetti fuq il-gradjent tat-tlugħ meta jsir tlugħ f'riħ in pruwa ta' 8 knots u l-aċċelerazzjoni inerenti fit-tlugħ b'veloċità fl-ajru kkalibrata kostanti (il-veloċità reali tiżdied hekk kif mal-għoli tonqos id-densità tal-arja).

R huwa l-proporzjon tal-koeffiċjent tar-reżistenza tal-ajruplan meta mqabbel mal-koeffiċjent tal-portanza tiegħu li huwa xieraq għall-parametru partikolari tal-flaps. Huwa supponut li l-attrezzatura għal-landjar hija magħluqa.

ε Angolu ta' inklinazzjoni laterali, radjani

L-angolu tat-tlugħ huwa kkoreġut għal riħ in pruwa w billi tintuża l-ekwazzjoni:

$$\gamma_w = \gamma \cdot \frac{(V_C - 8)}{(V_C - w)} \qquad \text{(B-13)}$$

fejn γ_w huwa l-angolu medju kkoreġut tat-tlugħ għar-riħ in pruwa.

Id-distanza maqsuma mill-ajruplan tul it-trajjettorja tal-art, Δs, filwaqt li jitla' f'angolu γ_w, minn altitudni inizjali h_1 sa altitudni finali h_2 tinkiseb permezz tal-ekwazzjoni

$$\Delta_S = \frac{(h_2 - h_1)}{\tan\gamma_w} \qquad \text{(B-14)}$$

Bħala regola, żewġ fażijiet distinti ta' profil tat-tluq jinvolvu tlugħ f'veloċità fl-ajru kostanti. L-ewwel waħda, xi kultant imsejħa s-*segment tat-tlugħ inizjali* tiġi eżatt wara l-qtugħ mill-art u, fiha, ir-rekwiżiti dwar is-sikurezza jesiġu li l-ajruplan jittajjar b'veloċità fl-ajru minima li tal-inqas tilħaq il-veloċità ta' sikurezza tal-qtugħ. Din hija veloċità rregolata u għandha tinkiseb sakemm jintlaħqu l-35 pied mir-runway matul operazzjoni normali. Madankollu, hija prattika komuni li

▼M2

tinżamm veloċità tat-tlugħ inizjali ftit ikbar mill-veloċità ta' sikurezza tal-qtugħ, normalment xi 10-20kt iktar, peress li din tidher li ttejjeb il-gradjent tat-tlugħ inizjali miksub. It-tieni fażi tiġi wara l-għeluq tal-flaps u l-aċċelerazzjoni inizjali, u tissejjaħ tlugħ *kontinwu*.

Matul it-tlugħ inizjali, il-veloċità fl-ajru tiddependi mill-parametru tal-flaps tal-qtugħ u l-piż gross tal-ajruplan. Il-veloċità tat-tlugħ inizjali kkalibrata V_{CTO} hija kkalkolata billi tintuża l-approssimazzjoni tal-ewwel ordni:

$$V_{CTO} = C \cdot \sqrt{W} \tag{B-15}$$

fejn C huwa koeffiċjent xieraq għall-parametru tal-flaps (kt/Ölbf), meħud mid-database tal-ANP.

Għat-tlugħ kontinwu wara l-aċċelerazzjoni, il-veloċità fl-ajru kkalibrata hija parametru mdaħħal mill-utent.

B7 TRAŻŻIN TAL-POTENZA (SEGMENT TA' TRANSIZZJONI)

Il-potenza titnaqqas, jew *titrażżan*, mill-parametru tal-qtugħ f'xi waqt wara l-qtugħ sabiex tiġi estiża l-ħajja tal-magna u spiss sabiex jitnaqqas l-istorbju f'ċerti żoni. Is-soltu l-forza propulsiva titrażżan matul segment tat-tlugħ b'veloċità kostanti (**Sezzjoni B6)** jew segment ta' aċċelerazzjoni (**Sezzjoni B8)**. Peress li dan huwa proċess relattivament qasir, li s-soltu jdum madwar 3 sa 5 sekondi biss, huwa mmudellat billi jiżdied "segment ta' transizzjoni" mas-segment primarju. Normalment dan isir b'tali mod li jkopri distanza orizzontali fuq l-art ta' 1 000 pied (305 m).

Ammont tat-tnaqqis tal-forza propulsiva

F'operazzjoni normali, il-forza propulsiva titnaqqas sal-parametru massimu tal-forza propulsiva tat-tlugħ. Għall-kuntrarju tal-forza propulsiva tal-qtugħ, il-forza propulsiva tat-tlugħ tista' tinżamm għal tul ta' żmien indefinit, u s-soltu fil-prattika tinżamm sakemm l-ajruplan jilħaq l-altitudni tal-veloċità kostanti inizjali tiegħu. Il-livell massimu tal-forza propulsiva tat-tlugħ huwa stabbilit bl-ekwazzjoni B-1 billi jintużaw il-koeffiċjenti massimi tal-forza propulsiva forniti mill-manifattur. Madankollu, ċerti rekwiżiti sabiex jittaffa l-istorbju jistgħu jesiġu tnaqqis ulterjuri tal-forza propulsiva, xi kultant imsejjaħ trażżin profond. Għal finijiet ta' sikurezza, it-tnaqqis tal-forza propulsiva massima huwa limitat [1] għal ammont stabbilit mill-prestazzjoni tal-ajruplan u l-għadd ta' magni.

Xi kultant, il-livell minimu tal-"forza propulsiva mnaqqsa" jissejjaħ il-"forza propulsiva mnaqqsa" bla użu tal-magna:

$$(F_n/\delta)_{engine.out} = \frac{(W/\delta_2)}{(N-1)} \cdot \left[\frac{\sin(\arctan(0{,}01 \cdot G'))}{K} + \frac{R}{\cos\varepsilon}\right] \tag{B-16}$$

fejn

δ_2 hija l-proporzjon tal-pressjoni fl-altitudni h_2

G' hija l-perċentwal tal-gradjent tat-tlugħ bla użu tal-magna:

= 0 % għal ajruplani b'sistemi awtomatiċi ta' restawr tal-forza propulsiva; inkella,

= 1,2 % għal ajruplan b'2 magni

= 1,5 % għal ajruplan b'3 magni

= 1,7 % għal ajruplan b'4 magni

[1] "Noise Abatement Procedures" (Proċeduri għall-Eliminazzjoni tal-Istorbju), Dokument tal-ICAO 8168 "PANS-OPS" Vol.1 Parti V, Kapitlu 3, ICAO 2004.


▼M2

Segment tat-tlugħ b'veloċità kostanti bi trażżin

Il-gradjent tas-segment tat-tlugħ huwa kkalkolat billi tintuża l-ekwazzjoni B-12, bil-forza propulsiva kkalkolata billi tintuża B-1 b'koeffiċjenti massimi tat-tlugħ, jew B-16 għal forza propulsiva mnaqqsa. Imbagħad, is-segment tat-tlugħ jinqasam f'żewġ subsegmenti, bit-tnejn li huma li għandhom l-istess angolu tat-tlugħ. Dan jintwera fil-**Figura B-2**.

Figura B-2

Segment tat-tlugħ b'veloċità kostanti bi trażżin (illustrazzjoni – mhux skalata)



L-ewwel subsegment huwa assenjat distanza mill-art ta' 1 000 pied (304 m), u l-forza propulsiva netta kkoreġuta għal kull magna fi tmiem l-1 000 pied hija stabbilita daqs il-valur ta' trażżin. (Jekk id-distanza orizzontali oriġinali hija inqas minn 2 000 pied, nofs is-segment jintuża biex titrażżan il-forza propulsiva.) Anki l-forza propulsiva finali fit-tieni subsegment hija stabbilita daqs il-forza propulsiva mrażżna. B'hekk, it-tieni subsegment jittajjar b'forza propulsiva kostanti.

B8 AĊĊELERAZZJONI FIT-TLUGĦ U GĦELUQ TAL-FLAPS

Normalment dan jiġi wara t-tlugħ inizjali. Bħas-segmenti kollha tat-titjira, l-altitudni tal-punt tal-bidu h_1, il-veloċità ajrudinamika reali V_{T1}, u l-forza propulsiva $(F_n/\delta)_1$ huma dawk meħudin minn tmiem is-segment ta' qabel. Il-veloċità fl-ajru kkalibrata tal-punt ta' tmiem V_{C2} u r-rata medja tat-tlugħ *ROC* jiddaħħlu mill-utenti (angolu ta' inklinazzjoni laterali ε hija funzjoni ta' veloċità u raġġ tal-liwja). Peress li jiddependu minn xulxin, l-altitudni ta' tmiem h_2, il-veloċità ajrudinamika reali ta' tmiem V_{T2}, il-forza propulsiva ta' tmiem $(F_n/\delta)_2$ u t-tul tat-trajjettorja tas-segment Δs iridu jiġu kkalkolati b'iterazzjoni; l-altitudni ta' tmiem h_2 tiġi azzardata għall-ewwel u mbagħad terġa' tiġi kkalkolata bosta drabi bl-ekwazzjonijiet B-16 u B-17 sakemm id-differenza bejn l-istimi suċċessivi tkun inqas minn tolleranza speċifikata, eż. pied. Stima inizjali prattika hija $h_2 = h_1 + 250$ pied.

It-tul tat-trajjettorja tas-segment (distanza orizzontali koperta) huwa stmat hekk:

$$S_{seg} = 0{,}95 \cdot k^2 \cdot (V_{T2}^2 - V_{T1}^2)/2\,(\alpha_{max} - G \cdot g) \qquad \text{(B-17)}$$

▼M2

fejn

0,95 huwa fattur li jqis l-effett ta' riħ in pruwa ta' 8 kt riħ matul it-tlugħ f'160 kt

k hija kostanti għall-konverżjoni ta' knots f'piedi/sek = 1,688 pied/s għal kull kt

V_{T2} = veloċità ajrudinamika reali fi tmiem is-segment, kt: $V_{T2} = V_{C2}/\sqrt{\sigma_2}$

fejn σ_2 = proporzjon tad-densità tal-arja fl-altitudni ta' tmiem h_2

a_{max} = aċċelerazzjoni massima f'titjira f'livell (piedi/s^2)

$= g\left[N \cdot \overline{F_n/\delta}/\left(\overline{W/\delta}\right) - R/cos\ \varepsilon\right]$

G = gradjent tat-tlugħ $\approx \dfrac{ROC}{60 \cdot k \cdot \overline{V_T}}$

fejn ROC = rata tat-tlugħ, piedi/min

Wara li tintuża din l-istima ta' Δs, l-altitudni ta' tmiem h_2' terġa' tiġi stmata bl-ekwazzjoni:

$$h_2' = h_1 + s \cdot G/0{,}95 \qquad \text{(B-18)}$$

Diment li l-iżball $|h'_2 - h_2|$ jaqa' barra t-tolleranza speċifikata, l-istadji B-17 u B-18 jiġu ripetuti billi jintużaw il-valuri ta' tmiem is-segment ta' iterazzjoni kurrenti tal-altitudni h_2, il-veloċità ajrudinamika reali V_{T2}, il-forza propulsiva netta kkoreġuta għal kull magna $(F_n/\delta)_2$. Meta l-iżball jaqa' fi ħdan it-tolleranza, iċ-ċiklu iterattiv jintemm u s-segment tal-aċċelerazzjoni jiġi ddefinit bil-valuri finali ta' tmiem is-segment.

Nota: Jekk tul il-proċess ta' iterazzjoni ($a_{max} - G \cdot g$) < 0,02g, l-aċċelerazzjoni tkun batuta wisq biex tinkiseb il-V_{C2} mixtieqa f'distanza raġonevoli. F'dan il-każ, il-gradjent tat-tlugħ jista' jiġi limitat għal $G = a_{max}/g - 0{,}02$, biex tabilħaqq titnaqqas ir-rata tat-tlugħ mixtieqa ħalli tinżamm aċċelerazzjoni aċċettabbli. Jekk $G < 0{,}01$, għandu jiġi konkluż li ma hemmx biżżejjed forza propulsiva biex tinkiseb ir-rata tal-aċċelerazzjoni u tat-tlugħ speċifikata; għandu jintemm il-kalkolu u għandhom jiġu riveduti l-istadji tal-proċedura ([1]).

It-tul tas-segment ta' aċċelerazzjoni huwa kkoreġut għar-riħ in pruwa w billi tintuża l-ekwazzjoni:

$$\Delta S_w = \Delta_S \cdot \frac{(V_T - w)}{(V_T - 8)} \qquad \text{(B-19)}$$

Segment ta' aċċelerazzjoni bi trażżin

It-trażżin tal-forza propulsiva jiddaħħal f'segmenti ta' aċċelerazzjoni bl-istess mod bħal f'segment ta' veloċità kostanti; billi l-ewwel parti tiegħu tinbidel f'segment ta' transizzjoni. Il-livell tal-forza propulsiva mrażżna huwa kkalkolat bħall-proċedura tal-forza propulsiva mrażżna b'veloċità kostanti, billi tintuża l-ekwazzjoni B-1 biss. Kun af li ġeneralment ma jkunx possibbli li jsiru aċċelerazzjoni u tlugħ filwaqt li jinżamm il-parametru tal-forza propulsiva minima bla użu tal-magna. It-transizzjoni tal-forza propulsiva hija assenjata distanza mill-art ta' 1 000 pied (305 m), u l-forza propulsiva netta kkoreġuta għal kull magna fi tmiem l-1 000 pied hija stabbilita daqs il-valur tat-trażżin. Il-veloċità fi tmiem is-segment

([1]) Fi kwalunkwe każ, il-mudell tal-kompjuter għandu jiġi pprogrammat sabiex jinforma lill-utent dwar l-inkonsistenza.

▼M2

hija stabbilita b'iterazzjoni għal tul tas-segment ta' 1 000 pied. (Jekk id-distanza orizzontali oriġinali hija inqas minn 2 000 pied, jintuża nofs is-segment għal bidla fil-forza propulsiva.) Anki l-forza propulsiva finali fit-tieni subsegment hija stabbilita daqs il-forza propulsiva mrażżna. B'hekk, it-tieni subsegment jittajjar b'forza propulsiva kostanti.

B9 SEGMENTI ADDIZZJONALI TAT-TLUGĦ U AĊĊELERAZZJONI WARA L-GĦELUQ TAL-FLAPS

Jekk hemm inklużi segmenti addizzjonali ta' aċċelerazzjoni fir-rotta tat-titjira tal-faži tat-tlugħ, għandhom jerġgħu jintużaw l-ekwazzjonijiet B-12 sa B-19 biex jiġu kkalkolati d-distanza tat-trajjettorja fuq l-art, l-angolu medju tat-tlugħ, u l-gwadann fl-għoli għal kull wieħed. Bħal qabel, l-għoli tal-aħħar segment irid jiġi stmat b'iterazzjoni.

B10 INŻUL U DEĊELERAZZJONI

Normalment, titjira ta' avviċinament teħtieġ li l-ajruplan jinżel u jnaqqas il-veloċità biex iħejji għas-segment ta' avviċinament finali li fih l-ajrupan jiġi kkonfigurat bi flap ta' avviċinament u bl-attrezzatura mniżżla. Il-mekkanika tat-titjira ma tinbidilx minn dik tat-tluq; id-differenza ewlenija hija li l-profil ta' għoli u veloċità ġeneralment ikun magħruf, u huma l-livelli tal-forza propulsiva tal-magna li jridu jiġu stmati għal kull segment. L-ekwazzjoni tal-bilanċ tal-forza bażika hija:

$$F_n/\delta = W \cdot \frac{R \cdot \cos\gamma + \sin\gamma + \alpha/g}{N \cdot \delta} \qquad \text{(B-20)}$$

L-ekwazzjoni B-20 tista' tintuża b'żewġ modi differenti. L-ewwel, jistgħu jiġu ddefiniti l-veloċitajiet tal-ajruplan fil-bidu u t-tmiem ta' segment, flimkien ma' angolu tal-inżul (jew distanza tas-segment f'livell) u l-altitudnijiet tas-segment inizjali u finali. F'dan il-każ, id-deċelerazzjoni tista' tiġi kkalkolata billi tintuża l-ekwazzjoni:

$$\alpha = \frac{(V_2/\cos\gamma)^2 - (V_1/\cos\gamma)^2}{(2 \cdot \Delta_S/\cos\gamma)} \qquad \text{(B-21)}$$

fejn Δs hija d-distanza koperta fuq l-art u V_1 u V_2 u huma l-veloċitajiet inizjali u finali fuq l-art ikkalkolati billi tintuża l-ekwazzjoni:

$$V = \frac{V_C \cdot \cos\gamma}{\sqrt{\sigma}} - w \qquad \text{(B-22)}$$

L-ekwazzjonijiet B-20, B-21 u B-22 jikkonfermaw li matul deċelerazzjoni fuq distanza speċifikata b'rata kostanti ta' nżul, riħ in pruwa iktar b'saħħtu ser jirriżulta fi ħtieġa ikbar ta' forza propulsiva biex tinżamm l-istess deċelerazzjoni, filwaqt li f'riħ minn wara ser tkun meħtieġa inqas forza propulsiva biex tinżamm l-istess deċelerazzjoni.

Fil-prattika, ħafna mid-deċelerazzjonijiet, jekk mhux kollha, matul titjira ta' avviċinament isiru b'forza propulsiva mhux ingranata. B'hekk, għat-tieni applikazzjoni tal-Ekwazzjoni B-20, il-forza propulsiva hija ddefinita f'parametru ta' diżingranaġġ u l-ekwazzjoni tiġi solvuta b'mod iterattiv sabiex jiġu stabbiliti (1) id-deċelerazzjoni u (2) l-għoli fi tmiem is-segment ta' deċelerazzjoni - b'mod simili bħas-segmenti ta' aċċelerazzjoni għat-tluq. F'dan il-każ, id-distanza ta' deċelerazzjoni tista' tkun ferm differenti b'irjieħ in pruwa u minn wara u kultant ikun hemm bżonn li jitnaqqas l-angolu tal-inżul sabiex jinkisbu riżultati raġonevoli.

▼**M2**

Għal ħafna ajruplani, il-forza propulsiva mhux ingranata mhijiex żero u, għal ħafna, hija wkoll funzjoni tal-veloċità tat-titjira. B'ħekk, l-Ekwazzjoni B-20 hija solvuta għad-deċelerazzjoni billi tiddaħħal forza propulsiva mhux ingranata; il-forza propulsiva mhux ingranata hija kkalkolata billi tintuża l-ekwazzjoni:

$$(F_n/\delta)_{idle} = E_{idle} + F_{idle} \cdot V_C + G_{A,idle} \cdot h + G_{B,idle} \cdot h^2 + H_{idle} \cdot T \qquad \text{(B-23)}$$

fejn (E_{idle}, $F_{idle,}$ $G_{A,idle}$, $G_{B,idle}$ u H_{idle}) huma koeffiċjenti tal-magna tal-forza propulsiva mhux ingranata disponibbli fid-database tal-ANP.

B11 AVVIĊINAMENT GĦAL-LANDJAR

Il-veloċità fl-ajru kkalibrata tal-avviċinament għall-inżul, V_{CA}, hija relatata mal-piż gross tal-inżul permezz ta' ekwazzjoni tal-istess għamla bħall-Ekwazzjoni B-11, jiġifieri

$$V_{CA} \approx D \cdot \sqrt{W} \qquad \text{(B-24)}$$

fejn il-koeffiċjent D (kt/Ölbf) jikkorrispondi għall-parametru tal-flaps ta' llandjar.

Il-forza propulsiva netta kkoreġuta għal kull magna matul l-inżul tul ix-xaqliba tal-gliding tal-avviċinament hija kkalkolata billi tissolva l-ekwazzjoni B-12 għall-piż ta' llandjar W u l-proporzjon portanza-reżistenza R xieraq għall-parametru tal-flaps bl-attrezzatura għal-landjar estiża. Il-parametru tal-flaps għandu jkun dak tipikament użat f'operazzjonijiet proprji. Matul avviċinament għal-landjar, l-angolu tal-inżul tax-xaqliba tal-gliding γ jista' jiġi supponut bħala kostanti. Għal ajruplani li jaħdmu bil-ġett jew b'iktar minn magna waħda, g tipikament huwa – 3°. Għal ajruplani monomutur li jaħdmu bl-iskrun, g tipikament huwa – 5°.

Il-forza propulsiva netta kkoreġuta medja hija kkalkolata billi tiġi invertita l-ekwazzjoni B-12 billi tintuża K = 1,03 sabiex tiġi kkunsidrata d-deċelerazzjoni inerenti fit-titjir ta' rotta tat-titjira nieżla f'riħ in pruwa ta' referenza ta' 8 knots bil-veloċità fl-ajru kkalibrata kostanti miksuba bl-ekwazzjoni B-24, jiġifieri:

$$\overline{F_n/\delta} = \frac{\overline{W/\delta}}{N} \cdot \left(R + \frac{\sin\gamma}{1{,}03} \right) \qquad \text{(B-25)}$$

Għal irjieħat in pruwa li mhumiex ta' 8kt, il-forza propulsiva netta kkoreġuta medja ssir:

$$\left(\overline{F_n/\delta}\right)_w = \overline{F_n/\delta} + 1{,}03 \cdot \overline{W/\delta} \cdot \frac{\sin\gamma \cdot (w-8)}{N \cdot V_{CA}} \qquad \text{(B-26)}$$

Id-distanza orizzontali koperta hija kkalkolata permezz ta' din l-ekwazzjoni:

$$\Delta_S = \frac{(h_2 - h_1)}{\tan\gamma} \qquad \text{(B-27)}$$

(pożittiva peress li $h_1 > h_2$ u γ huwa negattiv).

▼**M2**

Appendiċi C

Immudellar tat-tifrix laterali tat-trajjettorja tal-art


Huwa rakkomandat li, fin-nuqqas ta' dejta tar-radar, id-dispersjoni laterali tat-trajjettorja tal-art tiġi mmudellata fuq is-suppożizzjoni li l-firxa tat-trajjettorji perpendikulari għat-trajjettorja taċ-ċentru ssegwi distribuzzjoni Gaussjana normali. L-esperjenza għallmet li f'ħafna każijiet din is-suppożizzjoni tkun waħda raġonevoli.

Jekk tiġi supponuta distribuzzjoni Gaussjana b'devjazzjoni standard *S*, murija fil-**Figura C-1**, madwar 98,8 fil-mija tal-movimenti kollha jaqgħu fi ħdan il-limitu ta' ± 2,5·*S* (jiġifieri f'medda ta' wisa' ta' 5·*S*).

Figura C-1

Sottodiviżjoni ta' trajjettorja tal-art f'7 subtrajjettorji

Il-wisa' tal-medda hija 5 darbiet daqs id-devjazzjoni standard tat-tifrix tat-trajjettorji tal-art



Normalment, distribuzzjoni Gaussjana tista' tiġi mmudellata b'mod adegwat billi jintużaw 7 subtrajjettorji diskreti mqassmin f'intervalli regolari bejn il-limiti ta' ± 2,5·*S* tal-medda kif muri fil-**Figura C-1**.

Madankollu, l-adegwatezza tal-approssimazzjoni tiddependi fuq ir-relazzjoni tas-separazzjoni tat-trajjettorja tas-subtrajjettorja mal-għoli tal-inġenji tal-ajru msemmija iktar 'il fuq. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet (trajjettorji dojoq ħafna jew sparsi ħafna) li fihom ikun xieraq numru differenti ta' subtrajjettorji. Huma ferm ftit is-subtrajjettorji li jikkaġunaw 'swaba" fil-kontorn. It-**Tabelli C-1** u **C-2** juru l-parametri għal subdiviżjoni f'bejn 5 u 13-il subtrajjettorja. It-**Tabella C-1** turi l-post tas-subtrajjettorji partikolari, it-**Tabella C-2** turi l-perċentwal korrispondenti ta' movimenti f'kull subtrajjettorja.

▼**M2**

Tabella C-1

Il-pożizzjoni ta' 5, 7, 9, 11 jew 13-il subtrajjettorja

Il-wisa' ġenerali tal-medda (li fiha 98 % tal-movimenti kollha) hija 5 darbiet daqs id-devjazzjoni standard

Numru ta' subtrajjettorji	Il-pożizzjoni tas-subtrajjettorji għal sottodiviżjoni f'				
	5 subtrajjettorji	7 subtrajjettorji	9 subtrajjettorji	11-il subtrajjettorja	13-il subtrajjettorja
12/13					± 2,31·*S*
10/11				± 2,27·*S*	± 1,92·*S*
8/9			± 2,22·*S*	± 1,82·*S*	± 1,54·*S*
6/7		± 2,14·*S*	± 1,67·*S*	± 1,36·*S*	± 1,15·*S*
4/5	± 2,00·*S*	± 1,43·*S*	± 1,11·*S*	± 0,91·*S*	± 0,77·*S*
2/3	± 1,00·*S*	± 0,71·*S*	± 0,56·*S*	± 0,45·*S*	± 0,38·*S*
1	0	0	0	0	0

Tabella C-2

Il-perċentwal ta' movimenti f'5, 7, 9, 11 jew 13-il subtrajjettorja

Il-wisa' ġenerali tal-medda (li fiha 98 % tal-movimenti kollha) hija 5 darbiet daqs id-devjazzjoni standard

Numru ta' subtrajjettorji	Perċentwal ta' movimenti f'subtrajjettorja għal sottodiviżjoni f'				
	5 subtrajjettorji	7 subtrajjettorji	9 subtrajjettorji	11-il subtrajjettorja	13-il subtrajjettorja
12/13					1,1 %
10/11				1,4 %	2,5 %
8/9			2,0 %	3,5 %	4,7 %
6/7		3,1 %	5,7 %	7,1 %	8,0 %
4/5	6,3 %	10,6 %	12,1 %	12,1 %	11,5 %
2/3	24,4 %	22,2 %	19,1 %	16,6 %	14,4 %
1	38,6 %	28,2 %	22,2 %	18,6 %	15,6 %

▼M2


Appendiċi D

Kalkolu mill-ġdid tad-dejta NPD għal kundizzjonijiet mhux ta' referenza

Il-kontribuzzjonijiet għal-livell ta' storbju minn kull segment tar-rotta tat-titjira jinkisbu mid-dejta NPD maħżuna fid-database internazzjonali tal-ANP. Madankollu, ta' min jinnota li din id-dejta ġiet normalizzata billi ntużaw rati medji ta' attenwazzjoni atmosferika ddefiniti fl-SAE AIR-1845. Dawk ir-rati huma medji ta' valuri stabbiliti matul l-ittestjar taċ-ċertifikazzjoni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru fl-Ewropa u fl-Istati Uniti. Il-varjazzjoni wiesgħa ta' kundizzjonijiet atmosferiċi (temperatura u umdità relattiva) f'dawk it-testijiet tintwera fil-**Figura D-1**.

Figura D-1

Kundizzjonijiet meteoroloġiċi rreġistrati waqt it-testijiet ta' ċertifikazzjoni tal-istorbju



Il-kurvi murija fil-**Figura D-1**, ikkalkolati billi ntuża mudell ta' attenwazzjoni atmosferika standard tal-industrija ARP 866A, juru li fost il-kundizzjonijiet tat-testijiet tkun mistennija varjazzjoni sostanzjali ta' assorbiment tal-ħoss ta' frekwenza għolja (8 kHz) (għad li l-varjazzjoni tal-assorbiment ġenerali tkun pjuttost inqas).

Peress li r-rati ta' attenwazzjoni mogħtija fit-**Tabella D-1** huma medji aritmetiċi, is-sett sħiħ ma jistax jiġi assoċjat ma' atmosfera ta' referenza waħda (jiġifieri ma'

▼M2

